ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 261 E

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

10 ta' Settembru 2013

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

SESSJONI 2012–2013

Seduti tal-10 ta' Mejju 2012

Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 206 E, 13.7.2012.

It-testi adottati tal-10 ta' Mejju 2012 rigward il-kwittanzi għall-baġit tal-2010 ġew ippublikati fil-ĠU L 286, 17.10.2012.

TESTI ADOTTATI

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

2013/C 261 E/01 — Il-futur tal-ajruporti reġjonali u tas-servizzi tal-ajru fl-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-futur tal-ajruporti reġjonali u tas-servizzi tal-ajru fl-UE (2011/2196(INI)) . . . 1

2013/C 261 E/02 — Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea - Ġlieda kontra l-frodi -Rapport Annwali 2010

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea - Ġlieda kontra l-frodi - Rapport Annwali 2010 (2011/2154(INI)) . . . 8

2013/C 261 E/03 — Liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-emenda tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) (2009/2170(INI)) . . . 17

ANNESS GĦAL RIŻOLUZZJONI . . . 20

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

2013/C 261 E/04 L-Istrateġija Kummerċjali u ta' Investiment tal-UE għan-Nofsinhar tal-Mediterran wara r-rivoluzzjonijiet tar-Rebbiegħa Għarbija

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-Kummerċ għall-Bidla: L-Istrateġija Kummerċjali u ta' Investiment tal-UE għan-Nofsinhar tal-Mediterran wara r-rivoluzzjonijiet tar-Rebbiegħa Għarbija (2011/2113(INI)) ........ 21

2013/C 261 E/05 Privattivi għal proċessi bijoloġiċi essenzjali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 fuq il-privattivi ta' proċessi bijoloġiċi essenzjali (2012/2623(RSP)) ........ 31

2013/C 261 E/06 Il-piraterija marittima

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-piraterija marittima (2011/2962(RSP)) ...... 34

2013/C 261 E/07 Appoġġ għall-Jum Ewropew ta' Tifkira tal-Ġusti

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 f'appoġġ għall-Jum Ewropew ta' Tifkira tal-Ġusti ... 40

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Parlament Ewropew**

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

2013/C 261 E/08 Talba għall-ħarsien tal-immunità parlamentari ta' Corneliu Vadim Tudor

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar it-talba għall-ħarsien tal-immunità u l-privileġġi ta' Corneliu Vadim Tudor (2011/2100(IMM)) ........ 41

2013/C 261 E/09 Emenda tal-Artikoli 87a u 88 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-emendar tal-Artikoli 87a u 88 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew (2009/2195(REG)) ........ 42

2013/C 261 E/10 Eżami fil-kumitat ta' mistoqsijiet bil-miktub li ma twieġbux (interpretazzjoni tal-Artikolu 117(3) tar-Regoli ta' Proċedura)

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-eżami fil-kumitat ta' mistoqsijiet bil-miktub li ma twieġbux (interpretazzjoni tal-Artikolu 117(3) tar-Regoli ta' Proċedura) ........ 50

MT

*(Ikompli fuq paġna 58)*

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Il-futur tal-ajruporti reġjonali u tas-servizzi tal-ajru fl-UE

P7_TA(2012)0152

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-futur tal-ajruporti reġjonali u tas-servizzi tal-ajru fl-UE (2011/2196(INI))**

(2013/C 261 E/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni 'Pjan ta' azzjoni għall-kapaċità, l-effiċjenza u s-sikurezza tal-ajruporti fl-Ewropa' (COM(2006)0819),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Linji gwida tal-Komunità dwar l-iffinanzjar tal-ajruporti u l-għajnuna tal-bidu lil-linji tal-ajru li jitilqu minn ajruporti reġjonali" ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'L-UE u r-reġjuni ġirien tagħha: approċċ imġedded għall-kooperazzjoni tat-trasport' (COM(2011)0415),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar applikazzjonijiet għat-trasport tas-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita – il-politika tal-UE għal perjodu qasir u medju ta' żmien ([2]),

— wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti"(COM(2011)0144),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0094/2012),

([1]) ĠU C 312, 9.12.2005, p. 1.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0250.

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

A. billi attwalment m'hemmx definizzjoni aċċettata minn kulħadd għat-terminu "ajruport reġjonali"; billi l-ajruporti li ż-żona prinċipali li jaqdu hija belt kapitali mhumiex inklużi fl-ambitu ta' dan ir-rapport; jemmen li l-ajruporti reġjonali, jiġifieri ajruporti "mhux distributuri", għandhom jinqasmu f'ajruporti minuri u maġġuri, abbażi tat-tipi ta' konnessjonijiet li jipprovdu, il-volum tal-passiġġieri u l-konnessjonijiet ma' bliet kbar u ma' ajruporti maġġuri, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi kriterji komuni biex tiffaċilita definizzjoni adegwata ta' "ajruport reġjonali" li tqis l-elementi kollha msemmija hawn fuq; billi, madankollu, "servizz tal-ajru reġjonali" għandu jiġi definit bħala titjira li titlaq minn u/jew tasal f'ajruport reġjonali; billi fid-dibattitu li għaddej bħalissa dwar l-ajruporti reġjonali se jkun meħtieġ li jiġu determinati r-rwoli differenti tagħhom u b'mod partikulari ssir distinzjoni bejn ajruporti fuq gżejjer u ajruporti li jaqdu reġjuni inaċċessibbli jew ekonomikament dgħajfa;

B. billi l-avjazzjoni reġjonali, bħall-mezzi l-oħra tat-trasport, tirrappreżenta waħda mill-fatturi prinċipali li tiffaċilita l-mobilità taċ-ċittadini; billi konnettività mtejba u l-mobilità intermodali effiċjenti jistgħu jikkontribwixxu bil-kbir lit-titjib tal-aċċess għar-reġjuni, lin-negozji, lit-turiżmu, u lill-iżvilupp ta' servizzi relatati, kif ukoll lit-tifrix tal-prosperità ekonomika;

C. billi l-istatus materjali diżugwali taċ-ċittadini u l-livelli differenti tal-iżvilupp tal-infrastruttura jwasslu għal nuqqas ta' ugwaljanza fil-possibbiltà tal-użu ta' konnessjonijiet b'titjiriet reġjonali fl-Istati Membri;

D. billi l-konnettività offruta mill-avjazzjoni liċ-ċittadini u n-negozji fir-reġjuni tal-UE, u b'mod partikolari f'reġjuni u gżejjer inaċċessibbli, hija estremament importanti u tgħin biex tiżgura l-vijabilità ekonomika ta' tali żoni; billi l-ajruporti tal-Ewropa jipprovdu netwerk kbir ta' 150 000 par ta' bliet;

E. billi għadd konsiderevoli ta' ajruporti reġjonali jħabbtu wiċċhom ma' linja tal-ajru li jkollha monopolju virtwali u li tista' tisfrutta din il-pożizzjoni biex tagħmel pressjoni billi timponi dejjem iżjed talbiet fuq l-ajruport ikkonċernat u fuq l-awtoritajiet lokali u/jew reġjonali, inter alia fir-rigward ta' tariffi tal-ajruport u imposti għas-sikurezza tal-avjazzjoni;

F. billi l-bejgħ bl-imnut mill-ħwienet fl-ajruporti naqas b'mod sinifikanti minħabba l-introduzzjoni minn xi linji tal-ajru ta' politiki restrittivi għall-bagalji li jinġarru mill-passiġġieri stess fuq l-ajruplan; billi l-impatt tar-regola ta' 'basket wieħed' applikata mill-kumpaniji, b'mod partikolari mil-linji tal-ajru low-cost, li joperaw prinċipalment f'dawn l-ajruporti, flimkien ma' prattiki oħra għat-trażżin tal-ispejjeż, għamilha aktar diffiċli li wieħed jivvjaġġa u ġab tnaqqis drammatiku fil-bejgħ bl-imnut fuq l-art għal uħud mill-ajruporti reġjonali; billi terz tal-profitti mill-bejgħ bl-imnut ġewwa l-ajruporti jintuża biex il-linji tal-ajru jiġu ssusidjati billi jikkumpensaw għat-tariffi marbuta mal-inżul;

G. jinnota li l-Gvern Spanjol ipprojbixxa lil-linji tal-ajru milli japplikaw ir-regola ta' 'baskett wieħed' meta l-ajruplani tagħhom jitilqu mill-ajruporti Spanjoli;

H. jirrikonoxxi li ajruporti ewlenin f'xi Stati Membri tal-UE għaddejjin minn tnaqqis fil-kapaċità;

I. jinnota li l-kriżi finanzjarja u tad-dejn sovran bidlet b'mod sostanzjali l-kundizzjonijiet għall-iffinanzjar tal-ajruporti fl-UE, speċjalment f'ajruporti li ma jinsabux fiż-żoni ċentrali;

J. billi l-bini ta' ajruporti reġjonali ġodda għandu jkun ibbażat fuq analiżi tar-relazzjoni bejn il-benefiċċji u l-ispejjeż;

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

K. billi l-investimenti mis-settur pubbliku fir-riforma tal-ajruporti għandu juri ċerta relazzjoni bejn l-ammont ta' flus minfuqa u n-numru ta' passiġġieri li jużaw l-infrastruttura;

***Aspetti ekonomiċi tas-servizzi reġjonali tal-ajru***

1. Jisħaq fuq il-bżonn għal obbligu min-naħa tas-servizz pubbliku għal servizzi tal-ajru ta' interess ekonomiku u pubbliku, speċjalment dawk li jgħaqqdu reġjuni, gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi mbiegħda, minħabba l-bogħod u l-karatteristiċi fiżiċi u naturali tagħhom sabiex jiġu żgurati l-aċċessibilità u l-integrazzjoni territorjali sħaħ tagħhom; jenfasizza li għandhom jinżammu l-obbligi eżistenti tas-servizz pubbliku; jemmen li dawn is-servizzi ma jistgħux ikunu ekonomikament vijabbli mingħajr fondi pubbliċi; jenfasizza l-importanza li tiżdied il-kompetittività tar-reġjuni ultraperiferiċi u tiġi promossa l-integrazzjoni tagħhom ma' reġjuni oħra sabiex tingħeleb il-firda ekonomika li tisseparahom mill-bqija tal-Ewropa;

2. Jemmen li huwa mixtieq li tiġi evitata l-proliferazzjoni ta' ajruporti reġjonali, u jinnota li l-iżvilupp ta' ajruporti reġjonali għandu jkun immirat sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' infrastrutturi tal-ajruporti li ma jintużawx jew li jintużaw b'mod mhux effiċjenti li jirriżultaw f'piż ekonomiku għall-awtoritajiet responsabbli; jisħaq, min-naħa l-oħra, li għandhom jissaħħu l-konnessjonijiet eżistenti, b'mod partikolari fiż-żoni kollha bi żvantaġġi ġeografiċi (bħal pereżempju l-gżejjer); jilqa', għaldaqstant, kwalunkwe inizjattiva immirata għall-iżvilupp tar-rwol tat-trasport pubbliku, anki dak tat-toroq, bil-promozzjoni tal-konnessjonijiet; Jissottolinja li l-finanzi pubbliċi lill-ajruporti reġjonali għandhom ikunu kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 106 u 107 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea rigward l-Għajnuna Statali; jemmen li għandha tkun prevista sistema ta' sanzjonijiet li tiġi applikata għall-kumpaniji tal-ajru li jabbandunaw l-ajruporti reġjonali ffinanzjati qabel l-iskadenzi;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirrevedi d-Deċiżjoni 2012/21/UE dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) li permezz tiegħu l-livell limitu li għalih ajruport jista' jirċievi għajnuna mill-Istat mingħajr ma jkollu jinnotifika lill-Kummissjoni ġie mnaqqas għal 200 000 passiġġier fis-sena, filwaqt li jitqies li l-Linji Gwida Komunitarji jiddikjaraw li ajruport jista' jsir kosteffiċjenti bi traffiku ta' aktar minn 500 000 passiġġier fis-sena;

4. Hu tal-fehma li l-ajruporti reġjonali, minħabba l-impatt ambjentali u ekonomiku tagħhom, għandhom jiġu appoġġati b'mod xieraq mill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, u għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjoni lokali u reġjonali, u – abbażi ta' analiżi ta' kost-benefiċċju – għandhom jitqiesu bħala eliġibbli għal finanzjament b'fondi tal-UE, kif ukoll strumenti oħra tal-inġinerija finanzjarja ffinanzjati mill-UE skont il-qafas ta' programmazzjoni l-ġdid; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tikkunsidra l-opportunitajiet offruti mill-ajruporti reġjonali bħala parti min-netwerk tat-trasport ċentrali Ewropew;

5. Jitlob li l-kriterji għall-kisba ta' sussidji u fondi pubbliċi jiġu definiti b'mod ċar u fformulati b'mod trasparenti;

6. Jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu approċċ ibbilanċjat fir-reviżjonijiet futuri tal-linji gwida dwar l-avjazzjoni sabiex dawn jipprevedu żvilupp tas-servizzi reġjonali tal-ajru li jkun soċjalment u ekonomikament vijabbli, waqt li tqis l-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa biex tiġi żgurata l-intermodalità filwaqt li tiżgura wkoll l-aċċessibilità għal dawk is-servizzi għaċ-ċittadini tal-UE u billi jitqiesu l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

7. Jistieden lill-Kummissjoni, fl-appoġġ tagħha għall-iżvilupp tal-ajruporti reġjonali u l-kostruzzjoni ta' ajruporti reġjonali ġodda (speċjalment f'pajjiżi li l-ajruporti nazzjonali tagħhom jinsabu f'żoni remoti), biex tqis b'mod partikolari l-iżvilupp territorjali bbilanċjat tar-reġjuni li jikkorrispondi għal-livelli I u II tan-Nomenklatura tal-Unitajiet Statistiċi Territorjali (NUTS) biex tiżgura l-innovazzjoni u l-kompetittività f'reġjuni li huma mbiegħda ħafna mill-belt kapitali u li m'għandhomx aċċess tajjeb għat-trasport, u biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċentri reali ekonomiċi u tat-trasport;

8. Jissottolinja li żvilupp xieraq tal-ajruporti reġjonali jikkontribwixxi għal żvilupp parallel tas-sistema turistika, tqabbil ta' importanza vitali għal ħafna reġjuni Ewropej;

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

9. Jinnota li t-turiżmu qiegħed juri ruħu reżistenti għall-kriżi ekonomika, u li għandha tingħata attenzjoni speċjali lil kwalunkwe aspett jew deċiżjoni tal-politika ekonomika li x'aktarx jistgħu jappoġġaw jew jiżviluppaw it-turiżmu, bħalma hu l-każ tat-trasport bl-ajru u l-proġetti infrastrutturali fl-ajruporti;

10. Jisħaq li ċerti ajruporti reġjonali jistgħu jiffunzjonaw biss fi staġuni ta' wasliet massivi ta' turisti, ħaġa li spiss tippreżenta problema addizzjonali ta' organizzazzjoni, prezzijiet ogħla għal kull unità, eċċ.; jitlob lill-Kummissjoni tqis il-karattru speċifiku u l-problemi ta' dawn l-ajruporti reġjonali staġjonali waqt l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida għas-settur;

11. Jenfasizza li l-ajruporti reġjonali qed isiru aktar u aktar importanti għal-linji tal-ajru charter kif ukoll għal-linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi (low cost carriers); jenfasizza li r-raġuni ewlenija llum għal-linji tal-ajru charter huwa li joperaw fuq distanzi twal għad-destinazzjonijiet tal-btajjel, b'inqas spazju bejn sit u ieħor u inqas servizz waqt it-titjira meta mqabbel ma' linji tal-ajru tradizzjonali skedati, ta' spiss minn ajruporti reġjonali li ma jifilħux għal servizz skedat u jtiru lil hinn mill-kapaċitajiet kompetittivi ta' linji tal-ajru low cost bl-inġenji tal-ajru tagħhom għal titjiriet qosra; ifakkar li l-inġenji tal-ajru bi struttura iktar dejqa huma ppreferuti f'rotot b'distanzi qosra speċjalment fejn linji tal-ajru f'netwerk ikunu qegħdin jipprovdu servizzi għal ajruporti ewlenin minn ajruporti reġjonali u b'linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi (LCCs - low cost carriers);

12. Jitlob lill-Kummissjoni tiżgura l-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni Ewropea u nazzjonali dwar il-kundizzjonijiet soċjali u t-termini tal-impjieg tal-linji tal-ajru, biex il-persunal impjegat f'ajruport reġjonali ma jsirx vittma ta' dumping soċjali u biex jiġu żgurati l-kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ugwali għal kulħadd fil-qasam tal-avjazzjoni; jitlob li l-persunal tal-ajruporti jibbenefika minn kundizzjonijiet kuntrattwali diċenti, b'riferiment partikolari għall-ajruporti li fihom l-akbar parti tat-traffiku tiġi minn kumpaniji low-cost;

13. Jesprimi tħassib li ċerti prattiki ta' linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi, li ta' spiss joperaw minn ajruporti reġjonali, jwasslu għal kwalità ifqar ta' servizzi għall-passiġġieri u deterjorament fil-kundizzjonijiet tax-xogħol; minħabba l-prattika aggressiva tan-negozju ta' ċerti kumpaniji tal-ajru low-cost li joperaw minn ajruporti reġjonali, li jieħdu vantaġġ mill-pożizzjoni dominanti tagħhom, u minħabba l-fatt li l-attivitajiet kummerċjali huma sors ewlieni ta' dħul għal ajruporti reġjonali, jinsab imħasseb mill-"baskett wieħed" u restrizzjonijiet oħra imposti minn ċerti kumpaniji tal-ajru rigward il-bagalji li jistgħu jinġarru mill-passiġġieri stess fuq l-ajruplan; huwa tal-opinjoni li dawn il-prattiki jirrappreżentaw ksur tal-liġi kummerċjali, u jemmen li dawn ir-restrizzjonijiet jistgħu jikkostitwixxu abbuż tal-pożizzjoni ta' linja tal-ajru; għalhekk jistieden lill-Istati Membri biex ifasslu limiti massimi komuni li jridu jiġu imposti fuq il-linji tal-ajru fir-rigward ta' tali restrizzjonijiet u jqis li kwalunkwe kontroll relatat mar-restrizzjonijiet tal-piż u d-daqs tal-bagalji għandu jsir qabel il-wasla għall-'gate' tat-tluq;

14. Jitlob biex oġġetti li jinxtraw mill-ajruport jiġu meqjusa bħala "oġġetti essenzjali", bħal ma huwa attwalment il-każ għal oġġetti bħal kowtijiet; ifaħħar id-deċiżjoni ta' Spanja li twaqqaf il-prattiki msemmija f'paragrafu 13 milli jsiru fit-territorju tagħha ([1]), u jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tintroduċi miżura simili għas-servizzi kollha tal-ajru li joriġinaw mill-Ewropa;

15. Jemmen li t-trasport tal-merkanzija huwa fattur pożittiv għall-ajruporti reġjonali li kapaċi joħloq żvilupp u impjiegi anke permezz tat-tħaddim tas-servizzi relatati fuq l-art u mal-ħolqien ta' ċentri kummerċjali marbuta mal-ajruport reġjonali; jistieden lill-Kummissjoni telabora strateġija li tiffavorixxi t-trasport tal-merkanzija, u tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-ajruporti reġjonali ġirien;

16. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jipproponu pjanijiet għall-iżvilupp tal-ajruporti reġjonali eżistenti u biex dawn isiru aktar effiċjenti;

([1]) Liġi 1/2011 (tal-4 ta' Marzu 2011) li tistabbilixxi l-Programm tal-Istat għas-Sikurezza fl-Avjazzjoni Ċivili, li temenda l-Liġi 21/2003 dwar is-Sikurezza tan-Navigazzjoni bl-Ajru (tas-7 ta' Lulju 2003).

17. Jemmen li l-ajruporti reġjonali m'għandhomx isaħħu l-għodod għad-defiċits pubbliċi u bħala regola ġenerali għandhom ikunu ekonomikament sostenibbli fuq perjodu ta' żmien medju;

***Ambjent u innovazzjoni***

18. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jgħaġġlu l-proċess ta' żvilupp tal-Impriża Konġunta biex tiżviluppa l-ġenerazzjoni l-ġdida tas-sistema dwar il-ġestjoni tat-traffiku bl-ajru Ewropea (SESAR), l-inizjattiva "Clean Sky" u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Ajru Uniku Ewropew bħala kwistjoni ta' urġenza; jinnota li, permezz tal-ħidma tas-SESAR u r-rwol importanti tas-Servizz ta' Overlay tan-Navigazzjoni Ewropea Ġeostazzjonarja (EGNOS), l-ajruporti reġjonali se jibbenefikaw minn proġetti bħal torrijiet remoti, il-ġestjoni tal-veloċità u l-konġestjoni u proċeduri operattivi mtejba;

19. Jirrikonoxxi li l-ġestjoni tal-kapaċità mhijiex l-istess f'ajruporti li għandhom slots koordinati u dawk li għandhom slots mhux koordinati; huwa tal-fehma li hemm ħafna kapaċità żejda x'tintuża f'ħafna ajruporti reġjonali u li bl-użu ta' din il-kapaċità żejda jkunu jistgħu jitnaqqsu l-konġestjoni u l-iffullar f'ajruporti ewlenin u jiġi llimitat ukoll l-impatt ambjentali; jirrikonoxxi li konnessjonijiet tajbin bejn ajruporti ewlenin u ajruporti reġjonali fil-qrib jistgħu jgħinu biex titnaqqas il-konġestjoni;

20. Jenfasizza r-rwol tal-ajruporti reġjonali li jaġixxu bħala xprun għall-iżvilupp ta' ċentri ta' innovazzjoni, billi jnaqqsu l-ispejjeż ta' lokalizzazzjoni ta' negozji ġodda, speċjalment f'reġjuni ġeografikament imbiegħda;

21. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex, apparti l-kunsiderazzjonijiet ta' natura ekonomika u finanzjarja, jikkunsidraw ukoll il-fatturi ambjentali, territorjali, ġeoloġiċi u metereoloġiċi u kriterji razzjonali oħrajn meta jiddeċiedu fejn għandhom jinbnew l-ajruporti, jew meta faċilitajiet tal-ajruporti reġjonali jeħtieġu jiġu rinnovati jew estiżi; jenfasizza, fl-istess waqt, l-importanza tal-użu u tal-immodernizzar tal-istrutturi attwali qabel ma jinbnew oħrajn ġodda;

***Konġestjoni u multimodalità***

22. Jinnota li studji reċenti jiddikjaraw li r-reġjuni Ewropej qed jitilfu konnessjonijiet diretti ma' xi wħud mill-iktar ajruporti konġestjonati, u jinsab diżappuntat li l-istudji magħmula mill-Kummissjoni Ewropea jittrattaw biss l-ajruporti ewlenin; għalhekk jissuġġerixxi li l-ambitu ta' kwalunkwe studju futur jiġi estiż għal ajruporti reġjonali u, sakemm dan iseħħ, iħeġġeġ lill-Istati Membri u l-Kummissjoni biex iħeġġu l-konnessjonijiet bejn l-ajruporti reġjonali u l-ajruporti ewlenin fl-Istati Membri, b'hekk tingħata spinta lill-ekonomija fiż-żoni madwar l-ajruporti reġjonali filwaqt li tiġi offruta wkoll soluzzjoni waħda għall-problema tal-konġestjoni tat-traffiku bl-ajru fl-Ewropa;

23. Iħeġġeġ lill-partijiet u lill-istituzzjonijiet kollha involuti fir-reviżjoni tar-Regolament (KEE) Nru 95/93 (kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 793/2004) sabiex jiffukaw fuq il-provvista ta' kapaċitàjiet ġodda fl-ajruporti minflok jitfgħu s-servizzi tal-ajru reġjonali barra mis-suq minħabba nuqqas ta' kompetittività; jikkunsidra li huwa essenzjali għall-ajruporti reġjonali li jkollhom aċċess għall-ajruporti ewlenin, u huwa tal-fehma li dan għandu jiġi kkunsidrat waqt ir-reviżjoni tar-Regolament (KEE) Nru 95/93, speċjalment fil-kuntest tal-pjanijiet għal kummerċ sekondarju tas-slots u l-introduzzjoni gradwali ta' mekkaniżmi oħra tas-suq, inkluż il-kummerċ primarju, li jista' jirriżulta fil-qtugħ tal-konnessjonijiet bejn l-ajruporti reġjonali u dawk prinċipali;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ razzjonali fir-rigward tar-regolazzjoni amministrattiva u legali tal-ġestjoni ta' slots fl-ajruporti reġjonali, li n-nuqqas tiegħu jista' jxekkel in-netwerk; billi l-ajruporti prinċipali jinsabu viċin li jilħqu l-kapaċità massima tagħhom, jistieden lill-Kummissjoni telabora strateġija għall-allokazzjoni ta' slots ta' ajruporti reġjonali li kapaċi tattira kumpaniji tal-ajru ġodda, u tiffavorixxi l-kompetizzjoni, id-dekonġestjoni tal-ajruporti prinċipali u l-iżvilupp tal-ajruporti reġjonali;

25. Jiddispjaċih mill-fatt li l-ajruporti reġjonali li jinsabu 'l bogħod minn ċentri urbani ħafna drabi ma jkunux konnessi man-netwerk tat-trasport fuq l-art; jitlob lill-Istati Membri biex jiżviluppaw il-politiki intermodali tagħhom u biex jinvestu f'dawn il-konnessjonijiet intermodali strateġikament importanti, per eżempju konnessjonijiet man-netwerk tal-ferroviji, għax netwerk aħjar tal-ajruporti reġjonali ma' partijiet oħra tan-netwerk tat-trasport, inklużi ajruporti oħrajn, iwassal għal użu akbar tal-ajruporti reġjonali f'każ ta' konġestjonijiet tal-kapaċità f'ajruporti ċentrali;

26. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li n-nuqqas ta' azzjoni deċiżiva biex tiżdied l-aċċessibbiltà tal-ajruporti reġjonali permezz ta' komunikazzjoni xierqa maċ-ċentri urbani, inkluż permezz ta' investimenti fl-infrastruttura tat-trasport, qed ixekkel l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjuni;

27. Jinnota l-bżonn għal integrazzjoni aħjar bejn il-modi ta' transport; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta komunikazzjoni li tinkoraġġixxi lill-industrija biex tiżviluppa biljetti multimodali bejn is-settur ferrovjarju u dak tal-ajru; jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li skemi ta' dan it-tip diġà qegħdin fis-seħħ f'ċerti Stati Membri u għalhekk iħeġġeġ lill-partijiet kollha jiskambjaw l-aħjar prattika f'dan il-qasam;

28. Jinnota l-ħtieġa urġenti li tiġi żgurata l-kapaċita tal-ajruporti fl-Unjoni Ewropea sabiex ma tintilifx il-kompetittività, meta mqabbla ma' reġjuni oħra li qed jesperjenzaw tkabbir, u biex b'dan il-mod jiġi evitat iċ-ċaqliq ta' traffiku lejn żoni fil-qrib; huwa tal-opinjoni li l-ajruporti reġjonali jistgħu jgħinu biex titnaqqas il-konġestjoni fl-ajruporti prinċipali tal-Ewropa u jippermettu li jżommu pożizzjoni ta' tmexxija;

29. Jemmen li l-pjanijiet għall-iżvilupp tan-netwerk tas-settur tal-ferroviji u tat-toroq għandhom iqisu l-lok tal-ajruporti, bil-għan li l-ajruporti jiġu inklużi fin-netwerks tat-trasport bl-art li qed jinbnew; jinnota l-ħtieġa għal żvilupp ta' netwerks ta' ajruporti reġjonali bbażat fuq konnessjonijiet integrati mal-ajruporti ewlenin biex il-mobilità tal-persuni titjieb u biex it-trasport tal-merkanzija jsir iżjed effiċjenti;

30. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li netwerk żviluppat sew ta' ajruporti reġjonali jtejjeb ukoll is-sigurtà tal-passiġġieri, billi jiżgura, fost affarijiet oħra, li jkun disponibbli netwerk ta' emerġenza jew ajruporti alternattivi f'każ ta' deterjorament tat-temp jew ċirkustanzi oħra;

31. Iqis li hu essenzjali li tiġi inkluża l-ispeċjalizzazzjoni tat-traffiku tal-merkanzija bħala element essenzjali fil-ġestjoni tal-mappa tal-ajruporti, u li jsir l-aħjar użu tal-infrastruttura disponibbli; jinnota li użu adegwat ta' dan il-prinċipju, flimkien ma' maniġġ adegwat tas-slots biex jitqassam it-traffiku tal-passiġġieri u tal-merkanzija, għandu jikkontribwixxi biex tiġi evitata s-saturazzjoni fl-ajruporti ewlenin; jenfasizza l-importanza li għandhom l-ajruporti reġjonali f'din l-istrateġija;

***In-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T)***

32. Iqis li hu essenzjali r-rwol tal-ajruporti reġjonali għall-koeżjoni territorjali, l-iżvilupp soċjali u ekonomiku tar-reġjuni, speċjalment f'reġjuni fejn jeżisti nuqqas ta' forom oħra tat-trasport; jitlob, għaldaqstant, li l-ajruporti reġjonali jitqiesu fil-politika futura tan-Netwerks Trans-Ewropej tat-Trasport; Barra minn hekk, jemmen bis-sħiħ li l-ajruporti reġjonali ewlenin bi traffiku konsistenti matul is-sena kollha li jagħtu kontribut dimostrabbli għall-iżvilupp ekonomiku, it-tiġdid industrijali u l-impjiegi ta' reġjun għandhom ikunu inklużi fid-diskussjonijiet tal-ippjanar għan-Netwerk TEN-T, speċjalment dawk b'konnettività ta' volum għoli ma' pajjiżi terzi u mat-traffiku intra-Ewropew, u li jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-multimodalità tat-trasport fiż-żona kkonċernata u dawk l-ajruporti reġjonali li jistgħu jservu sabiex tittaffa l-konġestjoni;

33. Jenfasizza li ajruporti reġjonali f'reġjuni transkonfinali u li jinsabu viċin xulxin għandhom juru kooperazzjoni u koordinazzjoni fl-użu tal-kapaċitajiet eżistenti, bħala prekondizzjoni għall-kofinanzjament tal-UE mill-fondi tat-TEN-T, il-fondi ta' koeżjoni u l-fondi reġjonali;

34. Jemmen li, bħala parti mit-TEN-T, l-ajruporti reġjonali jista' jkollhom rwol prinċipali fil-ħolqien ta' Żona Komuni Ewropea tal-Avjazzjoni iktar wiesgħa li tkun tkopri biljun persuna fl-UE u fil-pajjiżi ġirien, b'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2011)0415);

35. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma tatx attenzjoni lit-talba mill-Parlament u mill-Kunsill fl-Artikolu 10(4) tad-Deċiżjoni 884/2004/KE biex l-ajruporti reġjonali jkunu konnessi man-netwerk, speċjalment fid-dawl tal-ħtieġa li s-servizzi ta' trasport bl-ajru lejn ir-reġjuni tal-Ewropa jiġu żgurati flimkien mal-iżvilupp ta' servizzi tal-ferrovija, minħabba li f'ċerti ċirkostanzi t-trasport bl-ajru jista' jkopri distanzi ikbar u jaqdi swieq iżgħar b'mod iktar effiċjenti f'dak li jirrigwarda ħin, spejjeż u l-impatt ambjentali; jenfasizza, għaldaqstant, l-importanza kbira li s-servizzi ferrovjarji – speċjalment dawk b'veloċità għolja u ta' distanza twila – jiġu kkollegati mal-ajruporti;

36. Jemmen li inklużjoni iktar wiesgħa ta' ajruporti fil-linji gwida l-ġodda tat-TEN-T tiffaċilita l-aċċess għall-iffinanzjar privat għal proġetti infrastrutturali tal-ajruporti, u tibgħat sinjal pożittiv lis-swieq kapitali; jitlob lill-Kummissjoni biex waqt ir-reviżjoni tagħha tat-TEN-T tirrikonoxxi l-konnessjoni vitali bejn is-servizzi tal-ajru reġjonali u r-riġenerazzjoni ekonomika;

### *Sigurtà*

37. Jinnota li l-ispejjeż involuti fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà f'ajruporti reġjonali iżgħar huma proporzjonalment ogħla minn dawk ta' ajruporti prinċipali, li jibbenefikaw minn ekonomiji tal-iskala; jemmen, madankollu, li kwalunkwe proposta dwar il-finanzjament tal-miżuri tas-sigurtà m'għandhiex tgħawweġ il-kompetizzjoni bejn l-ajruporti jew gruppi ta' ajruporti;

38. Ifakkar li d-Direttiva dwar it-tariffi tal-ajruporti ([1]) tkopri biss ajruporti b'iktar minn 5 miljun passiġġier u/jew l-ikbar ajruport f'kull Stat Membru; jemmen li evalwazzjoni tal-impatt dwar ajruporti żgħar u medji għandha tkun parti integrali ta' kwalunkwe reviżjoni tad-direttivi rilevanti;

39. Iħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jadotta pożizzjoni dwar it-tariffi ta' sigurtà tal-avjazzjoni u jemmen li miżuri ta' sigurtà iktar stretti għandhom jitħallsu mit-taxxi ġenerali mill-Istat Membru rispettiv, minħabba li s-sigurtà tal-avjazzjoni hija kwistjoni ta' sigurtà nazzjonali; jenfasizza li regoli simili għandhom jappliaw għall-mezzi ta' trasport l-oħra kollha sabiex tkun żgurata kompetizzjoni ġusta.

40. Jirrikonoxxi l-bżonn ta' tagħmir għall-iskrinjar affidabbli ta' LAG (likwidi, sprejs u ġellijiet) li jiżgura probabbiltà għolja ta' detezzjoni ta' firxa wiesgħa ta' splussivi likwidi, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra l-konsegwenzi għall-ajruporti reġjonali tal-adeżjoni ma' rekwiżiti futuri tal-iskrinjar għal LAGs;

41. Jiġbed l-attenzjoni fuq l-impatt tar-regolamenti l-ġodda għall-ġarr tal-merkanzija bl-ajru, b'referenza speċifika għall-fatt li ħafna ajruporti reġjonali jiddependu fuq il-ġarr tal-merkanzija; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jistudjaw il-konsegwenzi ekonomiċi ta' dawn ir-regolamenti, bl-għan li jiżguraw li dawk li jġorru l-merkanzija ma joħorġux l-operazzjonijiet tagħhom barra mill-UE;

### *Trasparenza*

42. Jissuġġerixxi li l-kumpaniji għandhom joffru, lir-residenti kollha tal-Istati tal-UE kollha, għażla ta' pagament permezz ta' karta ta' kreditu jew ta' debitu li tkun bla ħlas, u barra minn hekk jirrakkomanda li karta bħal din m'għandux ikollha tariffi fix-xahar jew tariffi amministrattivi abbinati magħha, anke jekk tkun offruta minn kumpanija separata mil-linja tal-ajru, u li fejn il-linji tal-ajru għandhom maġġoranza kbira tal-passiġġieri tagħhom li jħallsu tariffa żejda relatata mal-pagament, din it-tariffa għandha tiġi pprojbita u meqjusa bħala tariffa li ma tistax tiġi evitata, u għalhekk għandha tkun inkluża bħala parti mill-prezz ewlieni;

([1]) Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar it-tariffi tal-ajruporti.

43. Jirrimarka li, filwaqt li fuq xi ajruplani l-ispazju għall-bagalji jista' jkun limitat, ma jeżistu l-ebda linji gwida komuni, għal titjiriet fl-UE, dwar id-daqs jew il-piż tal-bagalji li l-passiġġieri jġorru f'idhom; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tħeġġeġ lill-industrija sabiex tfassal limiti massimi komuni għar-restrizzjonijiet, minħabba li dan jagħti iktar ċertezza lill-passiġġieri waqt li jivvjaġġaw; jemmen li sabiex arranġament bħal dan jaħdem f'suq globali, l-ICAO trid tkun involuta f'dan il-proċess;

44. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li xi tariffi mitluba minn linji tal-ajru speċifiċi għal bagalji li jitpoġġew fl-istiva tal-ajruplan jidhru li huma għolja b'mod sproporzjonat, u jistieden lill-Kummissjoni, fir-rigward tal-prattiki msemmija fil-Punt 13 u tal-politika dwar ipprezzar ġust u ċar, teżamina din il-prattika;

45. Jissuġġerixxi li l-ammont debitabbli mil-linji tal-ajru għall-bagalji żejda u għall-bagalji b'piż żejjed, għandu jkollu limitu massimu;

***Aċċessibbiltà***

46. Iħeġġeġ lill-kumpaniji li jiġġestixxu l-ajruporti reġjonali biex jagħmlu l-adattamenti strutturali meħtieġa bl-iskop li jakkomodaw persuni b'diżabilità, biex jagħtuhom lok li jaslu fiż-żoni differenti tal-ajruport mingħajr assistenza u biex ikunu jistgħu jużaw is-servizzi kollha mingħajr diffikultajiet;

47. Jisħaq li l-ajruporti reġjonali, minħabba d-daqs żgħar tat-terminals tagħhom, il-fatt li huma kompatti u t-tip ta' organizzazzjoni li għandhom, jirrappreżentaw valur miżjud għal passiġġieri b'mobilità mnaqqsa, passiġġieri li jivvjaġġaw bil-familja, eċċ.; jistieden lill-Kummissjoni, ajruporti u partijiet oħra involuti biex jieħu eżempju mid-disinn u l-kostruzzjoni ta' terminals li huma iżjed aċċessibbli għall-passiġġieri, u li jilqgħuhom iżjed;

*

* *

48. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea - Ġlieda kontra l-frodi -Rapport Annwali 2010

P7_TA(2012)0196

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea - Ġlieda kontra l-frodi - Rapport Annwali 2010 (2011/2154(INI))**

(2013/C 261 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar rapporti annwali preċedenti tal-Kummissjoni u tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF),

— wara li kkunsidra r-rapport tad-29 ta' Settembru 2011 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu 'Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea - Ġlieda kontra l-frodi - Rapport Annwali 2010 (COM(2011)0595) u d-dokumenti li jakkumpanjawh (SEC(2011)1107, SEC(2011)1108 u SEC(2011)1109 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ħdax-il Rapport ta' Attività tal-OLAF - Rapport Annwali 2011 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit fir-rigward tas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet ([3]),

([1]) http://ec.europa.eu/anti_fraud/documents/reports-commission/2010_en.pdf
([2]) http://ec.europa.eu/anti_fraud/documents/reports-commission/2010_en.pdf
([3]) ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Qorti tal-Awdituri dwar l-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (COM(2011)0376),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, 'Dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea permezz tal-liġi kriminali u l-investigazzjonijiet amministrattivi - Politika integrata għall-ħarsien tal-flus tal-kontribwenti (COM(2011)0293),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2011 dwar l-isforzi tal-UE fil-ġlieda tagħha kontra l-korruzzjoni ([1]), id-Dikjarazzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010 dwar l-isforzi tal-Unjoni biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni ([2]), u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE (COM(2011)0308),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 325 (5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej - Ġlieda kontra l-frodi - Rapport Annwali 2009 ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0121/2012),

A. billi l-UE u l-Istati Membri jaqsmu r-responsabbiltà għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u l-ġlieda kontra l-frodi, u billi l-kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri hija essenzjali,

B. billi l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja għall-implimentazzjoni ta' madwar 80 % tal-baġit tal-Unjoni Ewropea kif ukoll għall-ġbir ta' riżorsi proprji fil-forma ta' VAT u dazji doganali,

C. billi fl-2010 l-impatt finanzjarju globali tal-irregolaritajiet identifikati mis-sistemi ta' kontroll jammonta għal EUR 2,193 miljun, meta mqabbel ma' EUR 1,757 miljun fl-2009,

D. billi skont il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) il-pagamenti sottostanti l-kontijiet intlaqtu minn żball materjali, b'rata ta' żbalji stmata ta' 3,7 % għall-baġit tal-UE kollu kemm hu; billi s-sistemi ta' kontroll instab li huma biss parzjalment effettivi fl-iżgurar tar-regolarità tal-pagamenti, u billi l-għejun prinċipali tal-iżbalji huma marbutin mal-eliġibilità u mal-iżbalji fl-akkwist pubbliku,

E. billi fil-maġġoranza tal-każijiet, il-QEA tqis li l-awtoritajiet tal-Istati Membri kellhom informazzjoni suffiċjenti disponibbli biex isibu u jikkoreġu tal-inqas uħud mill-iżbalji qabel ma saru l-pagamenti, u billi l-QEA tqis li għad hemm lok għal titjib fil-mekkaniżmi ta' korrezzjoni u l-attivitajiet ta' verifika tal-Istati Membri,

(1) Testi adottati, P7_TA(2011)0388.
(2) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 62.
(3) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
(4) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
(5) Testi adottati, P7_TA(2011)0142.

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

***Kunsiderazzjonijiet globali***

1. Jenfasizza li l-kriżi globali finanzjarja, u b'mod partikolari l-kriżi taż-żona tal-euro, li bħalissa qegħda tiffaċċja l-UE, titlob li jiddaħħlu fis-seħħ miżuri speċjali sabiex tiġi żgurata protezzjoni adegwata tal-interessi finanzjarji tal-UE f'termini ta' dħul, li huma marbuta direttament mal-interessi finanzjarji tal-Istati Membri; huwa tal-opinjoni li implimentazzjoni iktar rigoruża tal-politika fiskali għandha l-potenzjal li toħroġ lill-Ewropa mill-kriżi, b'mod partikolari billi tnaqqas id-daqs tal- ekonomija moħbija tal-UE, li hija stmata għal madwar wieħed minn ħamsa tal-PDG uffiċjali ([1]);

2. Jenfasizza l-potenzjal għall-gvern elettroniku li jżid it-trasparenza u jiġġieled kontra l-frodi u l-korruzzjoni u b'hekk jissalvagwardja l-fondi pubbliċi; jissottolinja li l-Ewropa għadha lura meta mqabblu mal-imsieħba industrijali tagħha, fost l-oħrajn minħabba nuqqas ta' interoperabilità tas-sistemi ([2]); jisħaq li, l-aktar fi żmien ta' kriżi, l-Ewropa għandha żżid l-isforzi tagħha ħalli tikseb ġenerazzjoni ġdida ta' gvern elettroniku li jagħti aktar trasparenza fil-finanzi pubbliċi;

3. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li t-tranżazzjonijiet elettroniċi, mhux bi flus kontanti jiġu dokumentati u għalhekk jagħmlu l-parteċipazzjoni fl-ekonomija moħbija iktar diffiċli u li jidher li teżisti korrelazzjoni qawwija bejn il-proporzjon ta' pagamenti elettroniċi f'pajjiż u l-ekonomija moħbija tiegħu ([3]); jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex ibaxxu l-limiti stabbiliti tagħhom għal pagamenti obbligatorji mhux bi flus kontanti;

4. Jenfasizza l-ħtieġa għal dejta tal-istatistika affidabbli dwar il-portata tal-frodi u l-korruzzjoni, u b'mod partikolari dwar il-portata tal-evażjoni tat-taxxa u tad-dazju doganali u tal-użu ħażin tal-fondi tal-UE mill-kriminalità organizzata; jiddispjaċih li l-Kummissjoni, ma kinitx f'pożizzjoni li tipprovdi din id-dejta, minkejja sejħiet ripetuti mill-Parlament;

***Kummenti ġenerali***

5. Ifakkar li l-frodi huwa mġiba irregolari volontarja li tikkostitwixxi reat kriminali u li l-irregolarità hija n-nuqqas ta' konformità mar-regola u jiddispjaċih li r-rapport tal-Kumissjoni Ewropea ma jittrattax il-frodi fil-fond u jindirizza b'mod estensiv l-irregolaritajiet; ifakkar li Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) huwa relatat mal-frodi u mhux mal-irregolaritajiet u jitlob li ssir distinzjoni bejn frodi u żbalji; jitlob li l-korruzzjoni tiġi indirizzata flimkien mal-frodi;

6. Jinnota li fl-2010 l-impatt finanzjarju tal-irregolaritajiet fil-qasam tan-nefqa kiber u ammonta għal EUR 1.8 biljun (jew 1,27 % tal-allokazzjonijiet), meta mqabbel mal-EUR 1.4 biljun (jew 1,13 %) tal-2009; l-impatt finanzjarju fil-qasam tad-dħul ukoll huwa ogħla: EUR 393 miljun (jew 1,88 % tar-riżorsi proprji tradizzjonali kollha miġbura, gross) meta mqabbel ma' EUR 357 miljun (jew 1,84 %) fl-2009.

7. Jiddispjaċih li ammonti kbar ta' fondi tal-UE għadhom qed jintefqu b'mod ħażin u jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu azzjoni deċiżiva sabiex tirkupra aktar pagamenti magħmulin erronjament, biex iżżomm lill-Istati Membri iktar responsabbli għall-ammont f'irregolaritajiet li għad iridu jiġu rkuprati, biex ittejjeb il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-irregolaritajiet u l-każijiet ta' frodi, u biex tissospendi l-pagamenti immedjatament u tapplika sanzjonijiet effettivi meta jsir użu ħażin tal-fondi tal-UE;

8. Jinnota li għall-2010 in-numru ta' irregolaritajiet iddenunzjati żdied għas-setturi kollha ħlief għall-fondi ta' qabel l-adeżjoni u r-Riżorsi Proprji Tradizzjonali u li ż-żieda hija relatata mal-għeluq tal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-2000-2006 tal-Fondi ta' Koeżjoni u mat-titjib li sar lis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS);

---

([1]) 1 Id-Daqs u l-Iżvilupp tal-Ekonomija Moħbija ta' 31 Pajjiż Ewropew u 5 Pajjiżi oħra tal-OECD mill-2003 sal-2011 minn Friedrich Schneider, fuq http://www.econ.jku.at/members/Schneider/files/publications/2011/ShadEcon31.pdf

([2]) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Aġenda Diġitali għall-Ewropa, (COM (2010)0245).

([3]) L-Ekonomija Moħbija fl-Ewropa, 2010: L-Użu ta' Sistemi ta' Pagamenti Elettroniċi fil-Ġlieda kontra l-Ekonomija Moħbija/Friedrich Schneider, A.T. Kearney, 2010.

9. Jenfasizza li għalkemm is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Irregolaritajiet (IMS) ġiet modernizzata u mtejba, u għalkemm kien hemm żieda fil-volum ta' denunzjar mill-maġġoranza tal-Istati Membri, li wasslet għal titjib fil-kwalità u l-affidabilità tad-denunzji, għadhom jeżistu differenzi fl-approċċi tal-Istati Membri għad-denunzji tal-irregolaritajiet u, konsegwentement, hemm dubji dwar l-adegwatezza tas-sistemi nazzjonali ta' denunzji; jistieden lill-Istati Membri kollha jimplimentaw fis-sħiħ l-IMS u jtejbu aktar l-ottemperanza tagħhom fir-rapportaġġ, u jtejbu l-ħeffa li biha jiġu rrapportata l-irregolaritajiet;

10. Jinsab imħasseb ukoll li xi Stati Membri għadhom mhumiex qed jużaw għal kollox is-sistema elettronika għad-denunzja; jitlob lil dawn l-Istati Membri biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni b'urġenza;

11. Itenni li jiddispjaċih minħabba d-dubji serji dwar il-kwalità tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u jinnota li xi Stati Membri qed ikomplu jiddenunzjaw numru baxx ħafna ta' irregolaritajiet identifikati u każijiet ta' frodi, u jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew jekk is-sistemi ta' kontroll nazzjonali f'dawk l-Istati Membri humiex effettivi;

12. Ifakkar li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tirrikjedi li l-Istati Membri jiddenunzjaw l-irregolaritajiet kollha mhux aktar tard minn xahrejn wara t-tmiem tat-tliet xhur li fihom irregolarità tkun ġiet suġġetta għal sejba primarja amministrattiva jew ġudizzjarja u/jew issir magħrufa informazzjoni ġdida dwar irregolarità ddenunzjata; jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu l-isforzi kollha meħtieġa, inkluża l-integrazzjoni ta' proċeduri amministrattivi nazzjonali, biex jissodisfaw id-dati tal-iskadenza meħtieġa u jnaqqsu l-perjodu ta' żmien bejn il-mument meta tiġi identifikata irregolarità u l-mument meta tiġi ddenunzjata; jistieden lill-Istati Membri biex jaġixxu primarjament bħala protettur tal-flus tal-kontribwenti fl-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra l-frodi;

13. Jenfasizza l-ħtieġa għal data statistika affidabbli dwar l-ammont ta' frodi u korruzzjoni, partikolarment b'rabta mal-evażjoni tat-taxxa u tad-dwana, u l-attivitajiet organizzati ta' kriminali li jużaw il-fondi tal-UE b'mod ħażin; jiddispjaċih li minkejja t-talbiet ripetuti mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni ma kinitx kapaċi tipprovdi din id-data;

14. Jinsab diżappuntat li l-Kummissjoni mhijiex kapaċi tivvaluta l-livell attwali tal-irregolaritajiet u l-frodi u li konsegwentement mhuwiex possibbli li jiġi vvalutat il-livell globali ta' irregolaritajiet u frodi fi Stati Membri individwali, jew li jiġu identifikati u ddixxiplinati dawk l-Istati Membri bl-ogħla livell ta' irregolaritajiet u frodi kif talab il-Parlament Ewropew fl-2009;

15. Jindika li matul dawn l-aħħar snin ġew żviluppati tekniki ġodda għall-kejl tal-korruzzjoni u l-frodi u jħeġġeġ lill-Kummissjoni, mingħajr aktar dewmien, biex tibda sforzi biex tapplika dawn l-istrumenti ta' kejl il-ġodda u tipprovdi valutazzjoni tal-ammont tal-korruzzjoni u l-frodi fl-użu tal-fondi tal-UE u fis-serq tad-dħul tal-UE; dan se jippermetti l-valutazzjoni tal-effikaċja tal-protezzjoni tal-fondi tal-UE mill-użu ħażin u l-protezzjoni tad-dħul tal-UE mis-serq;

16. Jitlob li r-responsabbiltà għall-iżvilupp tal-istrumenti ta' kejl tal-fondi u l-korruzzjoni relatati mal-fondi tal-UE tittieħed mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif ukoll korpi ta' verifika u ta' kontroll tal-UE;

17. Jinnota li l-hekk imsejħa regola 50/50 ([1]), li hija applikabbli fis-settur tal-agrikoltura, hija inċentiv effettiv għall-Istati Membri biex jgħaġġlu u jikkompletaw il-proċeduri ta' rkupru; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk dan il-mekkaniżmu ta' rkupru jistax jiġi applikat ukoll f'setturi oħrajn (koeżjoni u ta' qabel l-adeżjoni), u wkoll jekk skont din ir-regola jkunx xieraq li l-limitu ta' żmien għall-azzjonijiet ta' rkupru jitnaqqas bin-nofs, jiġifieri għal sentejn u erba' snin rispettivament.

18. Jinnota li r-Rapport Annwali tal-2010 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (ir-rapport QEA) jiddikjara li l-pagamenti indikati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji għall-2010 milqutin minn ammont kbir ta' żbalji kienu jammontaw għal 3,7 % tan-nefqa baġitarja kollha tal-UE, jiġifieri madwar EUR 4.5 biljun;

([1]) Fuq il-bażi ta' din ir-regola, il-Kummissjoni tista' tirkupra 50 % tal-pagamenti irregolari mill-baġits tal-Istati Membri li ma ġewx irkuprati f'perjodu ta' erba' snin jew, jekk ikun hemm proċedimenti legali rigward l-irkuprar ta' pagamenti, f'perjodu ta' tmien snin. Din ir-regola hija applikata biex tiżgura l-irkuprar aċċellerat ta' fondi mħallsa li ma kellhomx jitħallsu.

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

19. Jinnota li r-rapport tal-QEA jiddikjara wkoll li, qabel l-approvazzjoni tal-pagamenti, l-awtoritajiet tal-Istati Membri kellhom biżżejjed informazzjoni biex jindunaw b'xi wħud mill-iżbalji, u biex isewwuhom jew jevitawhom;

***Introjtu. Riżorsi proprji***

20. Ifakkar li l-ġbir kif suppost tal-VAT u d-dazji doganali jinfluwenza direttament kemm l-ekonomiji tal-Istati Membri kif ukoll tal-baġit tal-UE; jissottolinja li t-titjib tas-sistemi tal-ġbir tad-dħul għandu jingħata prijorità kbira għall-Istati Membri kollha, u b'mod partikolari għal dawk, li jiffaċċjaw l-akbar diffikultajiet fil-klima ekonomika attwali;

21. Jenfasizza li l-enfasi għandha tmur fuq il-ġbir tad-dħul aktar effiċjenti; jenfasizza li l-frodi tat-taxxa jwassal għal telf eżorbitanti għall-baġit tal-UE u għall-ekonomiji tal-Istati Membri, u għaldaqstant jaggrava l-kriżi tad-dejn; ifakkar li l-ispiża tal-ekonomija moħbija eżistenti titħallas minn dawk iċ-ċittadini li d-dħul tagħhom jiġi dokumentat u traċċat b'mod faċli;

22. Jinnota li d-data provduta mill-Istati Membri dwar l-irregolaritajiet fil-qasam tar-riżorsi proprji tradizzjonali (TOR) tvarja ħafna, u għalhekk jemmen li l-klassifikazzjoni tal-irregolaritajiet u l-każijiet ta' frodi fil-bażi tad-data tar-riżorsi proprji OWNRES mhijiex kompletament affidabbli; jitlob lill-Kummissjoni tinvestiga kif din id-dejtabejż tista' titjieb biex jiġu żgurati l-affidabilità u l-paragunabilità tad-data rappurtata;

23. Jitlob lill-Kummissjoni tkompli tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-istrateġiji ta' kontroll tad-dwana tal-Istati Membri, partikolarment fil-qasam ta' importazzjonijiet assoċjati ma' riskju għoli, u biex ittejjeb l-attivitajiet li jikkonċernaw l-identifikazzjoni ta' irregolaritajiet u każijiet ta' frodi allegata fil-qasam tat-TOR;

24. Huwa mħasseb li l-kuntrabandu, partikolarment il-kuntrabandu tas-sigaretti, jibqa' problema ewlenija għall-UE, u tirriżulta fit-telf ta' riżorsi sinifikattiv mill-baġits nazzjonali u tal-UE; jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni mfassal mill-Kummissjoni biex tiġġieled il-kuntrabandu tas-sigaretti u l-alkoħol mal-fruntiera tal-Lvant tal-UE, kif ukoll it-tiġdid tal-kooperazzjoni doganali maċ-Ċina u r-Russja fl-aħħar tal-2010 u l-Qafas Strateġiku għall-Kooperazzjoni Doganali iffirmat maż-żewġ pajjiżi;

25. Jilqa' r-riżultati tal-operazzjoni doganali konġunta tal-Istati Membri "Sirocco" mwettqa f'Ġunju tal-2010, li kienet ikkoordinata mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li matulha nqabdu madwar 40 miljun sigarett, 1.2 tunnellati ta' tabakk li jinbaram bl-idejn, 7 000 litru ta' alkoħol u 8 miljun oġġett ieħor iffalsifikat;

26. Jinnota li proporzjon kbir ta' introjtu jiġi mit-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), u l-Kummissjoni u l-Istati Membri għalhekk jeħtieġ li jwettqu monitoraġġ u jwieġbu b'mod effettiv għal tendenzi eżistenti u ġodda fil-frodi; jilqa' l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-VAT u jitlob li jsiru proposti konkreti dwar ir-riforma tal-VAT;

*Telf tal-VAT*

27. Ifakkar li, skont studju mwettaq f'isem il-Kummissjoni Ewropea [1], il-medja stmata tad-distakk tal-VAT tal-UE [2] instabet li hija fil-livell ta' 12 %; jiġbed attenzjoni speċjali għall-fatt li dan id-distakk tal-VAT tela' għal livell allarmanti ta' 30 % u 22 %, fil-Greċja u fl-Italja rispettivament – il-pajjiżi li għaddejjin mill-kriżi tad-dejn l-aktar diffiċli u li s-sitwazzjoni tagħhom thedded l-istabilità ekonomika madwar l-UE-27;

(1) Studju li jikkwantifika u janalizza d-distakk tal-VAT fil-25 pajjiż tal-UE, imwettaq minn Reckon LLP f'isem il-Kummissjoni.
(2) Id-differenza bejn id-dħul attwali tal-VAT u dak li teoritikament għandhom jirċievu l-Istati Membri abbażi tal-ekonomiji tagħhom.

28. Jenfasizza li minbarra l-evitar tat-taxxa u t-telf minħabba l-fallimenti, id-distakk tal-VAT huwa attribwit ukoll għall-frodi, u li t-telf tal-VAT, li jiġi tradott f'biljuni ta' EUR, jista' jiġi kkumpensat l-aktar permezz ta' miżuri ta' awsterità li jolqtu lil dawk iċ-ċittadini tal-UE li d-dħul tagħhom jiġi ttraċċat b'mod faċli;

29. Juri li mill-introduzzjoni tiegħu, il-mudell tal-ġbir tal-VAT baqa' ma nbidilx; jenfasizza li huwa skadut, minħabba l-ħafna tibdil li seħħ fl-ambjent teknoloġiku u ekonomiku;

*Telf tad-dazji doganali*

30. Jissottolinja li l-introjtu mid-dazji doganali huwa parti importanti mir-riżorsi proprji tradizzjonali tal-UE (TOR) u sors ta' dħul għall-Istati Membri tal-UE, li jżommu 25 % biex ikopru l-ispiża tal-ġbir; itenni li l-prevenzjoni effiċjenti ta' irregolaritajiet u frodi f'dan il-qasam tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u għandha konsegwenzi importanti għas-Suq Intern, filwaqt li telimina l-vantaġġ mhux ġust ta' operaturi ekonomiċi li jevitaw dazji fuq dawk li jikkonformaw mal-obbligi tagħhom f'dan ir-rigward;

31. Jenfasizza li l-operat korrett tad-dwana għandu impatt dirett fuq il-kalkolu tat-taxxa fuq il-valur miżjud;

32. Ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-Qorti tal-Awdituri, fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 13/2011 ([1]), sabet li l-applikazzjoni tal-proċedura doganali 42 ([2]) biss irrappreżentat telf estrapolat fl-2009 ta' madwar EUR 2 200 miljun ([3]) fis-seba' Stati Membri vverifikati mill-Qorti, li jirrappreżenta 29 % tal-VAT applikabbli teoritikament fuq l-ammont taxxabbli tal-importazzjonijiet kollha li saru taħt il-proċedura doganali 42 fl-2009 f'dawk il-pajjiżi;

33. Ifakkar li l-QEA sabet nuqqasijiet serji fil-kontroll ta' proċeduri doganali simplifikati, li jammontaw għal 70 % tal-proċeduri doganali kollha; jindika li wasslu għal telf mhux iġġustifikat fil-baġit tal-Unjoni u ksur fil-politika tal-kummerċ tal-UE; jenfasizza li n-nuqqasijiet identifikati kkonsistew, fost l-oħrajn, f'verifiki ta' kwalità fqira jew iddokumentati b'mod fqir u l-użu minimu ta' tekniki tal-ipproċessar tad-dejta awtomizzati għat-twettiq ta' kontrolli matul l-ipproċessar ta' proċeduri ssimplifikati;

***Nefqa***

*Agrikoltura*

34. Jinnota li fl-2010 kien hemm żieda fir-rapporti ta' irregolaritajiet u każijiet ta' frodi ssuspettata, filwaqt li l-impatt finanzjarju ta' dawn żdied minn EUR 13-il miljun fl-2009 għal EUR 69 miljun fl-2010;

35. Jiddispjaċih li s-sitwazzjoni fir-rigward tal-fondi globali rkuprati għadha mhux sodisfaċenti: l-Istati Membri rkupraw EUR 175 miljun matul is-sena finanzjarja 2010, li jammontaw għal 42 % tad-djun tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) mill-2007 u wara, filwaqt li l-ammont totali li kien fadal jiġi rkuprat f'għeluq is-sena finanzjarja 2010 kien ta' EUR 1.2 biljun, filwaqt li skont ir-regola 50/50 l-Istati Membri ttrasferixxew biss EUR 300 miljun mill-baġits nazzjonali tagħhom għall-Baġit tal-UE; jiddispjaċih li l-Kummissjoni naqset milli tikkunsidra t-talba tal-Parlament Ewropew u lill-Parlament ma tatux Ewropew informazzjoni dwar il-progress magħmul f'dan il-qasam fir-Rapport tal-2010 dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni ħalli tieħu l-passi kollha meħtieġa biex twettaq fil-prattika sistema effettiva għall-irkupru tal-fondi, u biex iżżomm lill-Parlament Ewropew infurmat;

([1]) Ir-Rapport Speċjali Nru 13/2011 tal-QEA "Il-kontroll tal-proċedura doganali 42 jimpedixxi u jsib l-evażjoni tal-VAT?".
([2]) Ir-Reġim użat minn importatur biex jikseb eżenzjoni tal-VAT meta l-oġġetti importati jiġu trasportati lejn Stat Membru ieħor u fejn il-VAT huwa dovut fl-Istat Membru tad-destinazzjoni.
([3]) Li minnhom EUR 1 800 miljun intefqu fis-seba' Stati Membri magħżula u 400 miljun fil-21 Stat Membru tad-destinazzjoni tal-oġġetti importati fil-kampjun.

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

36. Jiddispjaċih li fl-2010 xi Stati Membri naqsu milli jirrappurtaw l-irregolaritajiet sad-dati tal-għeluq; jaqbel mal-Kummissjoni li l-Istati Membri kollha għandhom itejbu r-rapporti sottomessi; ifakkar li l-Finlandja, l-Awstrija, u l-Pajjiżi Baxxi impenjaw ruħhom li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' denunzjar, u jistieden lill-Kummissjoni tagħti informazzjoni fir-Rapport Annwali dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea - Ġlieda kontra l-frodi, dwar il-progress magħmul minn dawn l-Istati Membri fl-2011;

37. Jinsab imħasseb li, fl-2010, l-Italja u 12-il Stat Membru tal-UE kkwalifikaw aktar minn 90 % tal-każijiet iddenunzjati ta' irregolaritajiet bħala "frodi ssuspettati"; jitlob lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, inkluż il-kooperazzjoni mill-qrib ma' istituzzjonijiet Ewropej, biex jindirizzaw il-kawżi kollha li jwasslu għall-frodi relatati mal-fondi tal-UE;

38. Jinsab imħasseb bir-rati baxxi b'mod suspettuż ta' frodi ddenunzjati minn Franza, il-Ġermanja, Spanja u r-Renju Unit, speċjalment meta jiġi meqjus id-daqs tagħhom u l-appoġġ finanzjarju rċevut, kif deskritt mir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; huwa tal-opinjoni li dan iqajjem dubji raġonevoli dwar jekk humiex qed jiġu osservati l-prinċipji ta' denunzjar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinkludi informazzjoni ddettaljata dwar il-metodoloġija għad-denunzja applikata u l-kapaċità tal-identifikazzjoni tal-frodi f'dawn l-Istati Membri; jerġa' jitlob lill-Kummissjoni twettaq monitoraġġ mill-qrib tal-effettività ta' sistemi ta' superviżjoni u kontroll fl-Istati Membri u tiżgura li l-informazzjoni dwar il-livell ta' irregolaritajiet fl-Istati Membri tkun tirrifletti s-sitwazzjoni reali; jitlob lill-Kummissjoni tagħti informazzjoni fir-Rapport dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-UE dwar azzjonijiet li ttieħdu f'dan il-qasam fl-2011;

*Politika ta' koeżjoni*

39. Fuq il-bażi ta' data mogħtija fir-Rapport Annwali tal-2010 dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea, madwar 70 % tal-każijiet u r-rapporti kollha dwar l-irregolaritajiet kienu marbutin mal-politika ta' koeżjoni, u fl-2010, il-qasam ta' politika ta' koeżjoni kellu l-ogħla rata ta' rkupru tan-nefqa ('il fuq minn 60 %); jenfasizza li skont id-data mogħtija huwa impossibbli li jiġi vvalutat b'mod oġġettiv in-numru attwali ta' irregolaritajiet u każijiet ta' frodi f'dan il-qasam minħabba li n-numru għoli ta' irregolaritajiet u (jew) każijiet ta' frodi ddenunzjati jistgħu jkunu marbutin mal-introduzzjoni tal-IMS fl-2009;

40. Jilqa' l-progress li sar fl-2010 b'rabta mal-ammonti rkuprati mill-perjodu ta' programmar 2000-2006, li kienu jammontaw għal 70 % jew EUR 2.9 biljun tal-fondi mħallsa bi żball, meta mqabbel mar-rata tal-2009 ta' 50 %.

41. Jinnota li fl-2010, id-Danimarka, Franza, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, l-Isvezja u s-Slovenja ma ddenunzjaw l-ebda każ ta' irregolaritajiet f'dan il-qasam, u dan qajjem dubji dwar jekk l-IMS hix qed tiġi applikata b'mod xieraq; jinsab imħasseb minħabba r-rata baxxa ta' rkupru fl-Ungerija, fir-Repubblika Ċeka u fis-Slovenja (madwar 20 % u inqas); jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni, tinvestiga r-raġunijiet u tinforma lill-Parlament Ewropew dwar il-progress li sar fir-Rapport tas-sena d-dieħla dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-UE;

42. Jenfasizza li, kif turi d-data mogħtija fir-Rapport tal-2010 dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, l-analiżi ta' dawk il-kategoriji ta' irregolarità li jiġu ddenunzjati l-aktar, turi li l-irregolaritajiet li jiġu identifika l-aktar ta' spiss huwa fil-fażi ta' implimentazzjoni taċ-ċiklu tal-proġett, u li l-akbar impatt finanzjarju jseħħ fil-fażijiet ta' għażla u akkwist; jenfasizza li sistema ta' akkwist pubbliku trasparenti, ċara u flessibbli, b'użu aktar attiv tas-Sistema Elettronika għall-Akkwist Pubbliku, u l-istabbiliment ta' prinċipji ġenerali tal-akkwist fil-livell tal-UE jagħmluha possibbli li jiġi żgurat użu aktar effiċjenti tal-fondi tal-Istati Membri u tal-UE; jistenna li l-Kummissjoni timplimenta r-riforma tas-sistema tal-akkwist pubbliku b'mod effettiv;

*Fondi ta' qabel l-adeżjoni*

43. Jinsab imħasseb li l-fondi ta' qabel l-adeżjoni juru l-aktar rati baxxi ta' rkupru għan-nefqa: fl-2010, din ir-rata bilkemm laħqet l-10 %, meta mqabbla mas-27 %; jinnota bi tħassib li r-rata ta' rkupru għall-perjodu 2002-2006 tibqa' baxxa (madwar 30 %), b'mod partikolari fil-Bulgarija, it-Turkija, il-Litwanja u l-Latvja, u jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni biex tiżgura li l-pajjiżi benefiċjarji jispjegaw ir-raġunijiet għar-rati ta' rkupru baxxi, itejbu l-prestazzjoni tagħhom u jaġġornaw l-informazzjoni nieqsa dwar il-proċeduri ta' rkupru kkompletati;

44. Jinnota li, bħal fl-2009, l-ogħla numru ta' irregolaritajiet u każijiet ta' frodi huma marbutin mal-użu tar-riżorsi tal-fond SAPARD fir-Rumanija u fil-Bulgarija; jilqa' l-fatt li l-Bulgarija kisbet progress kbir fit-tisħiħ tas-sistemi ta' kontroll nazzjonali, kif muri mill-fatt li fl-2010 proporzjon kbir ta' każijiet ta' irregolaritajiet u frodi ssuspettati ġew identifikati minn kontrolluri u spetturi li mhumiex esterni, iżda minn dawk domestiċi jew nazzjonali; jiddispjaċih li fir-Rumanija, il-maġġoranza tal-irregolaritajiet u l-każijiet ta' frodi ssuspettati wkoll għadhom qed jiġu identifikati wara spezzjonijiet mis-servizzi tal-UE jew spezzjonijiet imwettqa fuq talba tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet Rumeni biex titjieb is-sitwazzjoni;

45. Jilqa' l-għan tal-Kummissjoni li tappoġġja l-pajjiżi benefiċjarji l-ġodda (it-Turkija, il-Kroazja, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u l-Montenegro) fl-isforzi tagħhom biex jimplimentaw l-IMS;

***OLAF***

46. Itenni li huwa meħtieġ li jkomplu jissaħħu l-indipendenza, l-effettività u l-effiċjenza tal-OLAF;

47. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tar-rakkomandazzjonijiet magħmula ladarba l-każijiet ikunu ġew investigati mill-OLAF;

48. Iqis li l-Istati Membri jmisshom ikunu obbligati jirrapportaw, fuq bażi annwali, dwar is-segwitu tal-każijiet mibgħuta lill-awtoritajiet ġudizzjarji tagħhom mill-OLAF, inkluż dwar is-sanzjonijiet penali u finanzjarji imposti f'tali każijiet;

***L-Akkwist Pubbliku, it-trasparenza miżjuda u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni***

49. Jitlob lill-Kummissjoni, l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri biex jieħdu miżuri u jipprovdu riżorsi biex jiżguraw li l-fondi tal-UE mhumiex suġġetti għall-korruzzjoni, biex jadottaw sanzjonijiet dissważivi fejn jinstabu l-korruzzjoni u l-frodi, u biex jintensifikaw il-konfiska ta' assi kriminali involuti fil-frodi, l-evażjoni tat-taxxa u reati rrelatati mal-ħasil tal-flus;

50. Jissottolinja li l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-2011 jisimha "Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-UE" tistma li jintilfu EUR 120 biljun fis-sena għall-korruzzjoni fl-UE, u dan jirriżulta f'danni finanzjarji, tnaqqis ta' finanzi pubbliċi u tiġi mminata l-fiduċja f'istituzzjonijiet demokratiċi; jenfasizza barra minn hekk li r-Riżoluzzjoni tal-Parlament tal-2011 dwar l-isforzi tal-UE fil-ġlieda tagħha kontra l-korruzzjoni tiddikjara li l-korruzzjoni twassal għall-użu ħażin tal-finanzi pubbliċi inġenerali u tal-fondi tal-UE pprovduti mill-kontribwent u twassal għat-tfixkil fis-suq u tistieden – flimkien mad-Dikjarazzjoni hawn fuq imsemmija – lill-Kummissjoni u l-korpi tal-Unjoni rilevanti biex jiżguraw li l-fondi tal-UE ma jiġux suġġetti għall-korruzzjoni;

51. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li jitwaqqaf kumitat speċjali għall-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus;

52. Jilqa' l-fatt li fl-20 ta' Jannar 2011, Malta rratifikat il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE; jiddispjaċih li l-Konvenzjoni għadha ma ġietx irratifikata mir-Repubblika Ċeka u jistieden lill-Istat Membru biex jirrimedja s-sitwazzjoni kemm jista' jkun malajr; jistieden ukoll lill-Estonja biex tirratifika l-Protokoll tad-29 ta' Novembru 1996 dwar l-interpretazzjoni permezz ta' deċiżjonijiet preliminari mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej dwar il-Konvenzjoni;

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

53. Ifakkar li l-programm Hercule II huwa l-istrument finanzjarju ġestit mill-Kummissjoni (OLAF) fil-qasam tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE u l-prevenzjoni ta' attivitajiet kriminali relatati, inkluż il-kuntrabandu tas-sigaretti; jinnota li l-valutazzjoni f'nofs it-terminu tal-programm Hercule II ikkonfermat il-valur miżjud tiegħu; huwa tal-opinjoni li s-suċċessur ta' dan l-istrument – il-programm Hercule III – għandu jkompli jtejjeb it-tagħmir tekniku fl-Istati Membri, jiffinanzja l-aċċess għall-bażi tad-dejta essenzjali għal investigazzjonijiet mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-OLAF u jiġġieled kontra l-kuntrabandu tas-sigaretti u l-falsifikazzjoni f'konformità mal-ftehimiet legalment vinkolanti mal-manifatturi tat-tabakk;

54. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiddisinjaw, jimplimentaw u jevalwaw perjodikament sistemi uniformi ta' akkwist biex jevitaw il-frodi u l-korruzzjoni, biex jiddefinixxu u jimplimentaw kondizzjonijiet ċari għall-parteċipazzjoni fl-akkwist pubbliku, u kriterji li fuqhom isiru d-deċiżjonijiet dwar l-akkwist pubbliku, u anke biex jadottaw u jimplimentaw sistemi għar-reviżjoni tad-deċiżjonijiet dwar l-akkwist pubbliku fil-livell nazzjonali, biex tiġi żgurata t-trasparenza u l-kontabbiltà fil-finanzi pubbliċi, u biex jadottaw u jimplimentaw sistemi tal-ġestjoni tar-riskju u tal-kontroll intern;

55. Jilqa' t-tnedija f'Jannar 2011 tal-Green Paper tal-Kummissjoni dwar l-immodernizzar tal-politika tal-UE dwar l-akkwist pubbliku jismu "Lejn Suq Ewropew tal-Akkwist iżjed effiċjenti"; jinnota li r-rapport ta' valutazzjoni dwar din il-konsultazzjoni ġie adottat fl-aħħar ta' Ġunju 2011 u li f'Diċembru 2011 il-Kummissjoni adottat il-proposti tagħha biex tirriforma r-regoli bażiċi tal-akkwist pubbliku tal-UE (Id-Direttivi 2004/17/KE u 2004/18/KE);

***Segwitu***

56. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Parlament dwar liema indikaturi, sorsi jew metodi oħra, minbarra l-informazzjoni pprovduta minn denunzjaturi jew informaturi, jista' juża biex jiddetermina f'liema oqsma tal-finanzjament tal-UE jew dħul tal-UE hemm livelli miżjuda ta' frodi;

57. Jistieden lill-Kummissjoni tipproteġi u tippromwovi l-ġurnaliżmu investigattiv u indipendenti li huwa element essenzjali fil-ġlieda kontra l-kriminalità, il-frodi u l-korruzzjoni bil-fondi Ewropej;

58. Jitlob lill-Kummissjoni biex tivvaluta jekk il-każijiet investigati tal-frodi, li jirriżultaw minn denunzjaturi jew informaturi, jikkorrispondux għall-oqsma fejn huwa stmat li hemm possibbiltà ta' livell għoli ta' frodi abbażi ta' kriterji jew indikaturi indipendenti; jekk dan mhuwiex il-każ, biex tivvaluta metodi oħra biex jingħata bidu għal investigazzjonijiet f'oqsma fejn il-frodi ssuspettata hija moħbija taħt il-'liġijiet ta' silenzju kriminali', li jevitaw li l-informazzjoni tiffiltra lid-denunzjaturi jew l-informaturi;

59. Minħabba fis-sitwazzjoni li ilha tirrepeti ruħha għal bosta snin, jiġifieri l-fatt li l-Istati Membri mhumiex qed jagħtu data fil-ħin jew id-data li jagħtu mhijiex preċiża u ma tistax tiġi paragunata, għalhekk huwa impossibbli li wieħed jivvaluta b'mod oġġettiv l-ammont reali ta' frodi fl-Istati Membri, u l-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-OLAF ma jistgħux iwettqu l-funzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-valutazzjoni tas-sitwazzjoni u s-sottomissjoni ta' proposti oħrajn, jenfasizza li sitwazzjoni bħal din m'għandhiex tiġi ttollerata u jitlob lill-Kummissjoni tieħu r-responsabbiltà sħiħa ħalli tistabbilixxi d-data komparabbli u omoġenja meħtieġa u l-prinċipji ta' denunzjar mal-Istati Membri kollha;

*

*   *

60. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jibgħat din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, lill-Kumitat ta' Sorveljanza tal-OLAF u lill-OLAF.

# Liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II)

P7_TA(2012)0200

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-emenda tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) (2009/2170(INI))**

(2013/C 261 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 81 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (c) tal-paragrafu 2 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (KEDB) u l-Artikoli 7 u 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-adeżjoni li jmiss tal-Unjoni għall-Konvenzjoni msemmija hawn fuq skont l-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali [1], u partikolarment l-Artikoli 2 u 5(3) tiegħu, u l-proposta għat-tfassil mill-ġdid ta' dak ir-Regolament (COM(2010)0748),

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Marzu 1995, fil-kawża C-68/93 Shevill [1995], ECR I-415.

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Ottubru 2011 fil-Każijiet Konġunti C-509/09 u C-161/10 eDate Advertising GmbH [2],

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mancini fil-Kawża 352/85 Bond van Adverteerders u Oħrajn v il-Pajjiżi l-Baxxi [1988] ECR 2085, is-sentenza fil-Kawża C-260/89 Elliniki Radiofonia Tileorasi (ERT-AE) [1991] ECR I-2925, is-sentenza u l-opinjoni tal-Avukat Ġenerali Van Gerven fil-Kawża C-159/90 Society for the Protection of Unborn Children Ireland Ltd [1991] ECR I-4685 u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs fil-Kawża C-168/91 Christos Konstantinidis [1993] ECR I-1191,

— wara li kkunsidra l-proposta oriġinali tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (COM(2003)0427),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2005 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-liġi applikabbli għal obbligi non-kuntrattwali ("Ruma II") [3],

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) [4], ("ir-Regolament Ruma II"), b'mod partikolari l-Artikolu 30(2) tiegħu [5],

---

(1) ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.
(2) Għadu mhux ippubblikat fil-Ġabra tal-Ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea.
(3) ĠU C 157 E, 6.7.2006, p. 370.
(4) ĠU L 199, 31.7.2007, p. 40.
(5) Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2008, tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, studju dwar is-sitwazzjoni fil-qasam tal-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn ksur tal-privatezza u ta' drittijiet relatati mal-personalità, b'kont meħud ta' regoli relatati mal-liberta' tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni fil-media, u kwistjonijiet dwar il-konflitt ta' liġijiet relatati mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data.

— wara li kkunsidra l-istudju kumparattiv ikkummissjonat mill-Kummissjoni dwar il-pożizzjoni tas-27 Stat Membru rigward id-Dritt applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn ksur tal-privatezza u d-drittijiet relatati mal-personalità ([1]),

— wara li kkunsidra l-allegat fenomenu "tat-turiżmu tal-libell" ([2]),

— wara li kkunsidra l-Bill dwar il-Malafama tar-Renju Unit ([3]),

— wara li kkunsidra s-smigħ pubbliku tat-28 ta' Jannar 2010 ([4]),

— wara li kkunsidra d-dokumenti ta' ħidma mfassla mir-rapporteur tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-firxa kbira ta' kitbiet akkademiċi dwar din il-materja ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 42 u 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali,

A. billi, insegwitu tas-sentenza *Shevill*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat fis-sentenza *eDate Advertising* li l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru. 44/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li, fil-każ ta' allegat ksur tad-drittijiet tal-personalità minn kontenut imqiegħed onlajn fuq sit tal-internet, persuna li tqis li d-drittijiet tagħha nkisrulha għandha l-possibilità li tressaq azzjoni għad-danni, abbażi tad-dannu kkawżat, jew quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-post ta' fejn huwa stabbilit il-pubblikatur ta' dak il-kontenut, jew inkella quddiem il-qrati tal-Istat Membru fejn jinsab iċ-ċentru tal-interessi tagħha. Din il-persuna tista' wkoll tressaq, minflok azzjoni għad-danni abbażi tad-dannu kkawżat kollu kemm hu, l-azzjoni tagħha quddiem il-qrati ta' kull Stat Membru li fit-territorju tiegħu huwa, jew kien, aċċessibbli l-kontenut imqiegħed onlajn. Dawk il-qrati għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu biss dwar id-danni kkawżati fit-territorju tal-Istat Membru tal-qorti adita;

B. billi r-Regolament Ruma II ma jipprevedix dispożizzjoni għad-determinazzjoni tad-Dritt applikabbli għall-ksur tal-privatezza u d-drittijiet relatati mal-personalità;

C. billi kien hemm kontroversja sħiħa dwar il-kunsiderazzjoni ta' regola adegwata dwar "it-turiżmu tal-libell", li jirrappreżenta tip ta' forum shopping fejn ir-rikorrent jiddeċiedi li jressaq azzjoni għal malafama fil-ġurisdizzjoni kkunsidrata bħala l-iktar probabbli li twassal għal eżitu pożittiv - ġeneralment dawk tal-Ingilterra u Wales, li huma "meqjusa fuq livell mondjali bħala l-aktar favorevoli għar-rikorrent"; billi, madankollu, din hija kwistjoni li tmur lil hinn mir-Renju Unit u hija wkoll ta' tħassib għal ġurisdizzjonijiet oħra;

(1) JLS/2007/C4/028, Rapport Finali.

(2) Ara l-Ħames Taħdita Pubblika tad-Dame Ann Ebsworth Memorial mogħti mill-Onor. Lor Hoffmann fit-2 ta' Frar 2010 u minn Trevor C. Hartley, "Libel Tourism' and Conflict of Laws" (It-turizmu tal-Libell u l-Kunflitt tal-Liġijiet), ICLQ vol. 59, p.25, Jannar 2010.

(3) Ippubblikat bħala dokument konsultattiv fuq on http://www.justice.gov.uk/consultations/docs/draft-defamation-bill-consultation.pdf; ara ukoll l-ewwel rapport tal-kumitat konġunt tal-Parlament tar-Renju Unit fuq http://www.publications.parliament.uk/pa/jt201012/jtselect/jtdefam/203/20302.htm

(4) Smigħ dwar id-drittijiet relatati mal-personalità, b'mod partikolari bi rbit mal-malafama, fil-kuntest tad-Dritt Internazzjonali Privat, partikolarment ir-Regolament Ruma II, Għall-kontribuzzjonijiet tal-kelliema ara: http://www.europarl.europa.eu/activities/committees/eventsCom.do?page=2&product=CHE&language=EN&body=JURI

(5) DT\820547EN.doc u DT\836983EN.doc.; Ara b'mod partikolari l-pubblikazzjoni ta' Lulju 2010 fis-simpożju onlajn Ruma II u l-Malafama: http://conflictoflaws.net/2010/rome-ii-and-defamation-online-symposium minn Jan von Hein, Professur tad-Dritt Ċivili, tad-Dritt Internazzjonali Privat u tal-Liġi Kumparattiva fl-Università ta' Trier, il-Ġermanja (lejn min ir-rapporteur hu partikolarment rikonoxxenti għall-proposta mfassla f'dan id-dokument), Trevor Hartley, Professur Emeritus fil-London School of Economics, Andrew Dickinson, Visiting Fellow fid-Dritt Internazzjonali Privat fil-British Institute of International and Comparative Law u l-Professur Viżitatur fl-Università ta' Sydney, Olivera Boskovic, il-Professur tad-Dritt fl-Università ta' Orléans, Bettina Heiderhoff, il-Professur tad-Dritt fl-Università ta' Hamburg, Nerea Magallón, ex Professur tad-Dritt fl-Università tal-Pajjiż Bask, u li bħalissa qed tgħallem id-Dritt Internazzjonali Privat f'Santiago de Compostela, Louis Perreau-Saussine, Professur tad-Dritt fl-Università ta' Nancy, u Angela Mills Wade, Direttur Eżekuttiv tal-European Publishers Council. Ara ukoll Jan-Jaap Kuipers, Towards a European Approach in the Cross-Border Infringement of Personality Rights, (Lejn Approċċ Ewropew fil-Ksur Transkonfinali tad-Drittijiet tal-Personalità),12 German Law Journal 1681-1706 (2011), disponibbli fuq http://www.germanlawjournal.com/index.php?pageID=11&artID=1379. Dwar l-UE u d-drittijiet fundamentali ara Darcy S. Binder, The European Court of Justice and the Protection of Fundamental Rights in the European Community: New Developments and Future Possibilities in Expanding Fundamental Rights Review to Member State Action, Dokument ta' Ħidma Jean Monnet Nru 4/95, disponibbli fuq http://centers.law.nyu.edu/jeanmonnet/papers/95/9504ind.html

D. billi l-ispejjeż għoljin għall-ftuħ ta' kawża f'dik il-ġurisdizzjoni u l-livell għoli ta' kumpens li jistgħu jingħataw hemmhekk, allegatament għandhom effett disważiv fuq il-libertà tal-espressjoni; billi meta l-ispejjeż legali jkunu għoljin, il-pubblikaturi jistgħu jiġu mġiegħla jittransiġu anke meta jikkunsidraw li għandhom difiża tajba;

E. billi d-Defamation Bill (il-liġi dwar il-malafama) li attwalment jinsab quddiem il-Parlament tar-Renju Unit għandu jkun kapaċi jikseb riżultati tajbin biex jitwarrab l-allegat effett disważiv minn fuq il-pubblikaturi, anke jekk ma jidhirx kapaċi jsolvi l-kwistjoni diffiċli ta' spejjeż legali għoljin;

F. billi l-internet kompla żied il-kumplessità tal-aċċessibilità virtwali universali flimkien mal-permanenza tal-messaġġi ppubblikati u l-ħolqien ta' blogs u kummenti anonimi;

G. billi l-libertà tal-istampa u tal-medja huma karatteristiċi ewlenin ta' soċjetà demokratika;

H. billi għandhom ikunu disponibbli rimedji legali f'każ ta' abbuż ta' dik il-libertà, b'mod partikolari għad-detriment tal-ħajja privata u tar-reputazzjoni tal-individwi [1]; billi kull Stat Membru għandu jiżgura li jeżistu dawn ir-rimedji u li jkunu effettivi f'każijiet ta' ksur ta' dawn id-drittijiet; billi l-Istati Membri għandhom jaħdmu biex jiżguraw li spejjeż legali li huma għolja b'mod projbittiv ma jipprekludux rikorrent milli jkollu aċċess għall-ġustizzja fil-prattika; billi l-ispiża ta' proċedimenti legali tista' ukoll tkun l-irvina tal-medja;

I. billi hu f'idejn kull Stat li jiddetermina l-ekwilibriju ġust bejn id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata, iggarantit mill-Artikolu 8 tal-KEBD u d-dritt għal-libertà tal-espressjoni ggarantit mill-Artikolu 10 tal-KEBD kif iqis xieraq;

J. billi minkejja dan kollu, bl-adeżjoni tal-Unjoni għall-KEBD, l-Unjoni mal-medda taż-żmien jista' jkollha ssib kriterju komuni għal każijiet transkonfinali li jikkonċernaw il-libertajiet tal-forniment ta' beni u servizzi minħabba l-"iżvilupp dijalettiku" previst mill-Avukat Ġenerali Mancini fis-sentenza *Bond van Adverteerders*, u fid-dawl tas-sentenzi *Elliniki Radiofonia Tileorasi u s-Society for the Protection of Unborn Children Ireland Ltd* u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacob fil-kawża *Christos Konstantinidis*; *fil-fatt fil-kawża Society for the Protection of Unborn Children Ireland Ltd* [2], l-Avukat Ġenerali Van Gerven ressaq il-proposta li "regola nazzjonali li sabiex turi l-kompatibilità tagħha mad-Dritt [tal-Unjoni], għandha tirreferi għal kunċetti legali, bħal rekwiżiti imperattivi ta' interess pubbliku jew ta' politika pubblika … taqa' 'fl-ambitu' tad-Dritt [tal-Unjoni]" [traduzzjoni mhux uffuċjali], abbażi tal-fatt li għalkemm l-Istati Membri għandhom ċerta diskrezzjoni fid-definizzjoni tal-interess pubbliku jew ta' kunċetti ta' politika pubblika, l-ambitu ta' dawk il-kunċetti f'każ ta' miżuri li jaqgħu fl-ambitu tad-Dritt tal-Unjoni huwa minkejja dan soġġett għall-kontroll tal-Unjoni u dawn għandhom ikunu "ġustifikati u delimitati b'mod uniformi [għall-Unjoni] kollha skont id-dritt [tal-Unjoni], jiġifieri b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji ġenerali relatati mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali";

K. billi, madankollu, mhuwiex xieraq li jiġu adottati regoli tad-dritt internazzjonali privat għad-determinazzjoni tad-Dritt applikabbli, li huma distorti b'xi mod jew ieħor biex jipproteġu dritt fuq ieħor jew li huma mfassla biex jirrestrinġu l-ambitu tal-liġi ta' xi Stat Membru partikolari, l-iktar minħabba l-eżistenza tal-klawżola ta' ordni pubbliku fl-Artikolu 26 tar-Regolament Ruma II; billi għalhekk hu ta' importanza speċjali li l-kontroll tal-politika pubblika jinżamm fir-Regolament Brussell I;

L. billi l-kriterju tar-rabta l-aktar stretta għandu jintuża għad-dritt ta' tweġiba, peress li tali miżura għandha tingħata malajr u hija, min-natura tagħha stess, provviżorja; billi d-dispożizzjoni tat-tip delineat fl-Anness għandha ukoll taħseb għall-awtonomija tal-partijiet u l-possibilità li tkun applikata l-*lex fori* fejn r-rikorrent jagħżel li jintroduċi azzjoni legali fil-qrati tal-medja għad-danni sofferti f'aktar minn Stat Membru wieħed;

[1] Illum il-ġurnata r-reputazzjoni titqies bħala protetta mill-KEBD bħala parti mill-ħajja privata (ara N. v l-Isvezja Nru. 11366/85).

[2] Paragrafu 31.

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

M. billi barra minn hekk biex jiġu promossi l-beni pubbliċi tat-tnaqqis ta' kontroversji, il-promozzjoni tal-aċċess għall-ġustizzja, l-iżgurar tal-funzjonament adegwat tas-suq intern u l-iżgurar ta' ekwilibriju adegwat bejn il-libertà tal-espressjoni u d-dritt għall-ħajja privata, il-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet interessati, inklużi l-ġurnalisti, il-medja u l-avukati u mħallfin speċjalizzati bil-għan li jkun propost il-ħolqien ta' ċentru għal soluzzjoni volontarja ta' tilwim transkonfinali li jirriżulta mill-ksur tal-privatezza u tad-drittijiet relatati mal-personalità, inkluża l-malafama, permezz ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim (ADR); billi dan ikun approċċ aktar progressiv u adatt għas-seklu 21 għar-riżoluzzjoni ta' dan it-tilwim u jiffaċilita l-pass lejn kultura ta' ġustizzja aktar moderna u aktar favur il-medjazzjoni;

N. billi l-Istati Membri jistgħu jħeġġu u jippromwovu l-użu ta' ċentru futur tal-ADR, anke billi jippermettu in-nuqqas ta' użu taċ-ċentru fil-kundanna tal-ispejjeż;

O. billi fl-aħħar mill-aħħar iċ-ċentru jista' ikun awtofinanzjat;

1. Jitlob lill-Kummissjoni, tressaq, abbażi tal-punt (c) tal-Artikolu 81(2) tat-Trattat tal-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta mfassala biex tinkludi fir-Regolament Ruma II, dispożizzjoni li tirregola l-liġi applikabbli għal obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta mill-ksur tal-privatezza u tad-drittijiet relatati mal-personalità, inkluża l-malafama, wara r-rakkomandazzjonijiet dettaljati delineati fl-anness li ġej;

2. Barra minn hekk jitlob lill-Kummissjoni abbażi tal-punt(d) tal-Artikolu 81(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, tissottometti proposta għall-ħolqien ta' ċentru għas-soluzzjoni volontarja ta' tilwim transkonfinali li jirriżulta minn ksur tal-privatezza u tad-drittijiet relatati mal-personalità, inkluża l-malafama, permezz ta' soluzzjoni alternattiva tat-tilwim;

3. Jikkonferma li r-rakkomandazzjonijiet jirrispettaw il-prinċipji ta' solidarjetà u d-drittijiet fundamentali;

4. Jikkunsidra li l-proposta mitluba m'għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet dettaljati annessi magħha lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

ANNESS GĦAL RIŻOLUZZJONI

## RAKKOMANDAZZJONIJIET DETTALJATI DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

Il-Parlament Ewropew iqis li l-Premessa 32a u l-Artikolu 5a li ġej għandhom jiġu miżjuda mar-Regolament (KE) Nru 864/2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II),

*Premessa 32a*

*Dan ir-Regolament ma jimpedixxi bl-ebda mod lill-Istati Membri milli japplikaw ir-regoli kostituzzjonali tagħhom relatati mal-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni fil-midja. Partikolarment, l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tal-liġi stabbilita minn dan ir-Regolament li jkollha l-effett li tirrestrinġi b'mod sinifikanti l-iskop ta' dawn ir-regoli kostituzzjonali tista', tista' titqies bħala kuntrarja għall-ordni pubbliku tal-forum, skont iċ-ċirkustanzi tal-każ u s-sistema legali tal-Istat Membru fejn tinstab il-qorti adita.*

*Artikolu 5a*

*Il-privatezza u d-drittijiet relatati mal-personalità*

*1. Id-dritt applikabbli għall-obbligi mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn ksur tal-privatezza jew tad-drittijiet relatati mal-personalità, inkluża l-malafama, għandu jkun id-dritt tal-pajjiż fejn iseħħu jew x'aktarx iseħħu l-element jew l-elementi l-aktar sinifikanti tat-telf jew id-danni.*

*2. Madankollu, id-dritt applikabbli għandu jkun id-dritt tal-pajjiż fejn il-konvenut jirrisjedi abitwalment jekk ma jkunx seta' raġonevolment ippreveda l-konsegwenzi sostanzjali tal-azzjoni tiegħu fil-pajjiż imsemmi fil-ewwel paragrafu.*

*3. Fejn il-ksur ikun kkawżat mill-pubblikazzjoni ta' materjal stampat jew minn xandira, il-pajjiż fejn iseħħu jew x'aktarx iseħħu l-element jew l-elementi l-aktar sinifikanti tad-danni għandu jitqies bħala l-pajjiż li lejh il-pubblikazzjoni jew is-servizz tax-xandira hija diretta prinċipalment jew, jekk dan mhuwiex evidenti, il-pajjiż fejn huwa eżerċitat il-kontroll editorjali, u d-dritt ta' dak il-pajjiż għandu jkun applikabbli. Il-pajjiż li lejh hija diretta l-pubblikazzjoni jew ix-xandira għandu jiġi determinat b'mod partikolari mil-lingwa tal-pubblikazzjoni jew ix-xandira jew minn bejgħ jew id-daqs tal-udjenza f'pajjiż partikolari bħala proporzjon tal-bejgħ totali jew id-daqs tal-udjenza jew permezz ta' dawk il-fatturi meħuda flimkien.*

*4. Id-dritt applikabbli għad-dritt ta' tweġiba jew miżuri ekwivalenti u għal kwalunkwe miżura preventiva jew inġunzjonijiet projbittivi kontra pubblikatur jew xandar fir-rigward tal-kontenut ta' pubblikazzjoni jew xandira u rigward il-ksur tad-dritt għall-privatezza jew tad-drittijiet relatati mal-personalità li jirriżultaw mill-użu ta' data personali għandu jkun id-dritt tal-pajjiż li fih ix-xandar jew il-pubblikatur ikollu r-residenza abitwali.*

---

## L-Istrateġija Kummerċjali u ta' Investiment tal-UE għan-Nofsinhar tal-Mediterran wara r-rivoluzzjonijiet tar-Rebbiegħa Għarbija

P7_TA(2012)0201

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-Kummerċ għall-Bidla: L-Istrateġija Kummerċjali u ta' Investiment tal-UE għan-Nofsinhar tal-Mediterran wara r-rivoluzzjonijiet tar-Rebbiegħa Għarbija (2011/2113(INI))**

(2013/C 261 E/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Barċellona tat-28 ta' Novembru 1995, li stabbiliet sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi tal-Mediterran tan-Nofsinhar, u l-programm ta' ħidma adottat f'dik il-konferenza,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-27 ta' Ottubru 2005 dwar il-Proċess ta' Barċellona rivedut ([1]) u tal-25 ta' Novembru 2009 dwar is-sħubija ekonomika u kummerċjali Ewro-Mediterranja qabel it-8 Konferenza Ministerjali Euromed dwar il-Kummerċ ([2]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli lill-Kunsill Ewropew, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-8 ta' Marzu 2011 dwar "Sħubija għad-Demokrazija u l-Prosperità Komuni fin-Nofsinhar tal-Mediterran" (COM (2011)0200),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-25 ta' Mejju 2011 dwar "Risposti ġodda għal viċinat fi trasformazzjoni"(COM(2011)0303),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tal-24 ta' Mejju 2011 dwar "Djalogu dwar il-migrazzjoni, il-mobilità u s-sigurtà mal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran" (COM(2011)0292),

— wara li kkunsidra "l-Pjan Direzzjonali tal-Kummerċ Ewro-Mediterranju sal-2010 u Lil hinn", kif ġie adottat fit-8 laqgħa Ministerjali dwar il-Kummerċ tal-Unjoni għall-Mediterran tal-2009,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Konferenzi Ministerjali Ewro-Mediterranji u l-konferenzi ministerjali settorjali li saru minn meta ġie mniedi l-Proċess ta' Barċellona, u b'mod partikolari l-konklużjonijiet tad-9 Konferenza Ministerjali dwar il-Kummerċ tal-Unjoni għall-Mediterran tal-11 ta' Novembru 2010,

([1]) ĠU C 272 E, 9.11.2006, p. 570.
([2]) ĠU C 285 E, 21.10.2010, p. 35.

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

— wara li kkunsidra l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranja bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u t-Tuneżija ([1]), l-Iżrael ([2]), il-Marokk ([3]), il-Ġordan ([4]), l-Eġittu ([5]), il-Libanu ([6]) u l-Alġerija ([7]), min-naħa l-oħra, u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju Temporanju dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità u l-PLO (għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana) ([8]),

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn il-KE u t-Turkija tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar l-implimentazzjoni tal-fażi finali ta' l-Unjoni Doganali (96/142/KE) ([9]),

— wara li kkunsidra l-ftehim dwar il-kummerċ ħieles, magħruf bħala l-Ftehim ta' Agadir, li ġie ffirmat mill-Ġordan, l-Eġittu, it-Tuneżija u l-Marokk fil-25 ta' Frar 2004,

— wara li kkunsidra l-Valutazzjoni ta' Impatt għas-sostenibbiltà taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Ewro-Mediterranja (FTA) imħejji mill-Istitut għall-Politika u għat-Tmexxija tal-Iżvilupp tal-Università ta' Manchester,

— wara li kkunsidra d-Dokument ta' Strateġija Reġjonali (2007-2013) u l-Programm Indikattiv Reġjonali għas-Sħubija Ewro-Mediterranja (2007-2013) u l-għanijiet stabbiliti fih ([10]) kif ukoll id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Lulju 2011 dwar it-tieni parti tal-Programm ta' Azzjoni Annwali 2011 favur ir-reġjun tal-Mediterran. li għandu jiġi ffinanzjat taħt il-partita 19 08 01 01 tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea ([11]),

— wara li kkunsidra l-ħidma tal-Faċilità Ewro-Mediterranja ta' Investiment u Sħubija, b'mod partikolari l-laqgħa ministerjali li saret fi Brussell fit-12 ta' Lulju 2011 u r-rapport annwali tagħha għall-2010 li ġie ppubblikat fit-8 ta' Awwissu 2011,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp tal-5 ta' Ottubru 2011 biex jiġu allokati fondi fil-pajjiżi tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran,

— wara li kkunsidra l-ħidma tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran,

— wara li kkunsidra l-ħidma tal-Unjoni għall-Mediterran,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2011 biex jiġu adottati direttivi ta' negozjar dwar Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles Profondi u Komprensivi għall-Eġittu, il-Ġordan, il-Marokk u t-Tuneżija,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar il-politika Ewropea futura dwar l-investiment internazzjonali ([12]) tas-7 ta' April 2011 dwar ir-Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat - Dimensjoni tan-Nofsinhar ([13]) u tal-14 ta' Diċembru 2011 dwar ir-Rieżami tal-Politika Ewropea tal-Viċinat ([14]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet kollha adottati mill-Parlament fil-kuntest tar-Rebbiegħa Għarbija, dwar il-libertajiet tar-reliġjon, it-twemmin u l-kuxjenza bħala valuri fundamentali u universali li huma essenzjali għall-iżvilupp demokratiku u ekonomiku;

---

([1]) ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2.
([2]) ĠU L 147, 21.6.2000, p. 3.
([3]) ĠU L 70, 18.3.2000, p. 2.
([4]) ĠU L 129, 15.5.2002, p. 3.
([5]) ĠU L 304, 30.9.2004, p. 39.
([6]) ĠU L 143, 30.5.2006, p. 2.
([7]) ĠU L 265, 10.10.2005, p. 2.
([8]) ĠU L 187, 16.7.1997, p. 3.
([9]) ĠU L 35, 13.2.1996, p. 1.
([10]) C(2007)0672.
([11]) C(2011)5381.
([12]) Testi adottati, P7_TA(2011)0141.
([13]) Testi adottati, P7_TA(2011)0154.
([14]) Testi adottati, P7_TA(2011)0576.

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0104/2012),

A. billi r-Rebbiegħa Għarbija hija l-akbar trasformazzjoni politika fil-Viċinat Ewropew mill-waqa' tal-Ħajt ta' Berlin u offriet lill-UE l-opportunità biex tallinja l-politika barranija u l-interessi kummerċjali tagħha mal-valuri ewlenin tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u s-soċjeta ħielsa; billi, skont l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-UE għandha tiżviluppa relazzjoni speċjali mal-pajjiżi ġirien, bil-għan li tistabbilixxi żona ta' prosperità u viċinat tajjeb, imsejsa fuq il-valuri tal-Unjoni u kkaratterizzata minn relazzjonijiet mill-qrib u paċifiċi bbażati fuq il-kooperazzjoni, li hija l-uniku metodu essenzjali possibbli għall-istabbiltà permanenti, is-sigurtà u l-iżvilupp ekonomiku u l-progress tal-Ewropa;

B. billi l-UE għandha kompetenza esklussiva fuq il-kummerċ u l-politika għall-investiment, li tippermetti lill-UE tipprovdi reazzjoni effikaċi għat-taqlib u tikkontribwixxi għall-progress ekonomiku u soċjali fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran (SMCs);

C. billi t-Trattat ta' Lisbona jiddefinixxi l-kummerċ internazzjonali bħala wieħed mit-tliet fergħat tal-Azzjoni Esterna tal-UE u jirrikjedi koerenza mal-politiki l-oħra tagħha: l-affarijiet barranin u l-iżvilupp internazzjonali; billi l-kummerċ dejjem kien pilastru ewlieni tal-Politika tal-Viċinat u dan kien enfasizzat fil-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar "Risposti ġodda għal Viċinat fi trasformazzjoni" u "Sħubija għad-Demokrazija u l-Prosperità Kondiviża man-Nofsinhar tal-Mediterran";

D. billi fost is-soċjetajiet ċivili tal-SMCs hemm perċezzjoni li l-UE għandha tkun aktar proattiva biex tgħin it-trasformazzjonijiet politiċi u ekonomiċi tagħhom;

E. billi r-rikostruzzjoni ekonomika u politika wara r-Rebbiegħa Għarbija mhux qed tiġi ssorveljata mill-istituzzjonijiet reġjonali li jwettqu rwol simili għal dak tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OKSE) fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant u fl-Asja Ċentrali;

F. billi ma teżisti l-ebda istituzzjoni finanzjarja Ewro-Mediterranja speċifika, filwaqt li l-esperjenza miksuba mill-BERŻ matul it-tranżizzjoni tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant tul dawn l-aħħar snin għandha tippermettilu li jkollu rwol pożittiv fl-SMCs; jinnota b'dispjaċir, madankollu, li diversi Stati Membri tal-UE għadhom ma rratifikawx l-Emendi għall-Ftehim tal-BERŻ li għandhom jgħinu lill-BERŻ biex jopera bis-sħiħ fir-reġjun tal-Mediterran;

G. billi s'issa l-ekonomiji tal-SMCs kienu mmexxija minn mexxejja mhux demokratiċi, għall-benefiċċju ta' ftit persuni; spiss ma tawx każ il-ħtiġijiet tal-aktar persuni vulnerabbli; billi ħafna dittaturi issa ġew destitwiti, dan joħloq opportunitajiet ġodda għall-ftuħ tal-ekonomiji tar-reġjun u għall-ħolqien ta' ekonomija tas-suq reali;

H. billi l-UE diġà għandha Unjoni Doganali mat-Turkija u Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs) eżistenti ma' SMCs bl-eċċezzjoni tas-Sirja, li ma ffirmatx il-pakkett innegozjat finali, u l-Libja, li n-negozjati magħha ġew sospiżi fi Frar 2011 wara li faqqgħet il-gwerra ċivili;

I. billi s-sħubija mal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) mhijiex prekundizzjoni għall-parteċipazzjoni f'negozjati kummerċjali, kif muri mid-dispożizzjonijiet kummerċjali tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-Libanu u mal-Alġerija, mill-ftehim temporanju mat-Territorji Palestinjani, min-negozjati mal-Libja li ġew sospiżi u mill-ftehim mas-Sirja li ma ġiex ratifikat;

J. billi ż-Żona Ewro-Mediterranja ta' Kummerċ Ħieles, l-aktar proġett ekonomiku ambizzjuż li rriżulta mid-Dikjarazzjoni ta' Barċellona, baqgħet ma seħħitx sad-data prevista tal-2010, minħabba l-kunflitti fir-reġjun u n-nuqqas ta' parteċipazzjoni intrareġjonali (Nofsinhar-Nofsinhar);

K. billi l-kriżi ekonomika tal-2008 affettwat b'mod dirett il-muturi ekonomiċi ewlenin tal-SMCs, u billi t-taqlib soċjali u politiku li għaddew minnu t-Tuneżija, l-Eġittu, is-Sirja u l-Libja waqt ir-Rebbiegħa Għarbija komplew jikkumplikaw il-kriżi ekonomika f'dawn il-pajjiżi; billi mhux l-SMCs kollha ntlaqtu l-istess mir-Rebbiegħa Għarbija peress li ċerti pajjiżi għad għandhom reġimi qodma fil-poter, u oħrajn għadhom għaddejjin minn perjodu kontinwu ta' inkwiet soċjali li qed idgħajjef aktar l-ekonomija tagħhom;

L. billi r-Rebbiegħa Għarbija kixfet id-dgħjufijiet kummerċjali u fiskali strutturali u sistematiċi tar-reġjun, b'mod partikolari suxxettibilità għal fluttwazzjonijiet 'il fuq fis-swieq tal-komoditajiet, u billi kwalunkwe strateġija kummerċjali ġdida għall-Mediterran għandha tindirizza dawn in-nuqqasijiet, trawwem is-sovranità u s-sigurtà tal-ikel u ttemm l-ispekulazzjoni finanzjarja dwar il-prodotti bażiċi tal-ikel jekk beħsiebha twettaq l-ambizzjonijiet taċ-ċittadini;

M. billi l-qgħad kroniku, speċjalment fost iż-żgħażagħ, u n-nuqqas ta' diversifikazzjoni kummerċjali għadhom ta' tħassib serju; billi l-livell tal-qgħad strutturali fit-tul u l-impjiegi informali, inkluż it-tħaddim tat-tfal, għadu għoli fil-parti l-kbira tal-SMCs u mar għall-agħar fil-pajjiżi li għaddew minn problemi soċjali diffiċli ħafna waqt ir-Rebbiegħa Għarbija; billi l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD) tikkalkula li r-reġjun jeħtieġ joħloq madwar 25 miljun impjieg ġdid matul l-għaxar snin li ġejjin biex jinżamm il-livell ta' impjiegi attwali;

N. billi l-adoloxxenti (ta' età ta' bejn 10 snin u 19-il sena) jirrappreżentaw 20 % tal-popolazzjoni u r-rata tal-qgħad għal dawk bejn il-15 u l-24 sena huwa ta' madwar 25 % u 30 % filwaqt li l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol għadha baxxa ħafna; billi l-qgħad huwa partikolarment għoli fost l-iggradwati universitarji u dan qed iwassal għal eżodu ta' mħuħ u għal ħela ta' riżorsi umani;

O. billi huwa fl-ogħla interess tal-Unjoni Ewropew li timmira fl-għoli fir-rigward tal-kooperazzjoni ekonomika u tadotta strateġija li hija ta' benefiċċju reċiproku, responsabbli u flessibbli, ibbażata fuq l-appoġġ għal trażizzjoni demokratika u l-protezzjoni tad-dritttijiet tal-bniedem;

***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Jemmen li l-Rebbiegħa Għarbija hija avveniment storiku mingħajr preċedent li ħareġ mill-aspirazzjonijiet taċ-ċittadini għal-libertà, għad-drittijiet demokratiċi u għal titjib fl-istandards tal-għajxien tagħhom; jesprimi d-diqa kbira tiegħu għat-telf ta' ħajja tul il-ġlieda biex jitwaqqgħu dittatorjati korrotti;

2. Huwa konxju li, wara dawn is-sagrifiċċji, hemm stennija kbira fost is-soċjetajiet tal-SMCs għal appoġġ ferm akbar u iżjed ġust mill-UE għal riformi demokratiċi u għal żvilupp ekonomiku ġenwin għall-benefiċċju ta' kulħadd;

3. Jinnota li l-benefiċċji tar-rivoluzzjonijiet tar-Rebbiegħa Għarbija għadhom ma ġewx ikkonsolidati bis-sħiħ u li l-UE għandha taġixxi malajr biex timplimenta l-aġenda tagħha dwar il-Kummerċ għall-Bidla billi, minbarra l-benefiċċji ekonomiċi immedjati, il-kummerċ huwa mod effettiv biex tiġi kkonsolidata d-demokrazija u biex tiġi promossa l-istabilità, għaliex jgħin sabiex tiġi evitata l-korruzzjoni, jiffaċilita t-tqassim iżjed ekwu tal-ġid u jagħti s-setgħa lill-popolazzjoni ġenerali; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet ta' tranżizzjoni jiżguraw tranżizzjoni paċifika lejn demokrazija ġenwina; iħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali jirrispettaw id-dritt tal-poplu tagħhom li jipprotesta b'mod paċifiku, u jżommu lura minn kwalunkwe repressjoni vjolenti;

4. Jilqa', f'dan il-kuntest, it-tnedija tat-Task Force UE-Tuneżija, l-ewwel task force stabbilita ma' pajjiż tan-Nofsinhar tal-Mediterran bil-ħsieb li tiġi żgurata l-koordinazzjoni aħjar tal-appoġġ tal-UE u l-appoġġ internazzjonali għat-tranżizzjoni tal-pajjiż; jilqa' l-fatt li l-Parlament kien involut fl-ewwel laqgħa; jitlob lill-VP/RGħ u l-Kummissjoni jkomplu jinvolvu l-Parlament f'din l-inizjattiva u f'oħrajn fil-futur; jilqa' l-ħolqien fi ħdan il-Parlament ta' grupp ta' sorveljanza għan-Nofsinhar tal-Mediterran sabiex tiġi sorveljata r-reazzjoni tal-UE għall-kriżijiet fil-pajjiżi tal-Mediterran;

5. Jilqa' l-elezzjonijiet regolari u trasparenti riċenti fit-Tuneżija, li – flimkien tar-riformi ekonomiċi, legali u soċjali – jikkostitwixxu eżempju tajjeb għall-pajjiżi l-oħra fir-reġjun; jenfasizza l-importanza ta' elezzjonijiet ħielsa u regolari fl-iżgurar tal-unità ta' dawn il-pajjiżi permezz tal-istabbiliment ta' istituzzjonijiet demokratiċi u pluralistiċi, biex b'hekk jiġu stabbiliti l-bażi għal stabbilità akbar u strutturi soċjoekonomiċi moderizzati, li min-natura tagħhom stess jikkostitwixxu kundizzjoni neċessarja sabiex jinġieb l-investiment internazzjonali u jinħoloq tkabbir sostenibbli; jenfasizza l-bżonn ta' bidliet demokratiċi li għandhom jiġu akkompanjati minn riformi ekonomiċi, legali u soċjali sabiex jinfetħu u jiġu modernizzati l-istrutturi soċjoekonomiċi ta' dawn il-pajjiżi;

6. Iqis id-dejn barrani pubbliku tal-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq u tal-Lvant Nofsani bħala dejn li għandu jiġi mistkerraħ meta jitqies li dan id-dejn inħoloq mir-reġimi dittatorjali, l-iktar permezz tat-tħaxxin tal-bwiet ta' membri mlaħħqa fl-oqsma politiċi u ekonomiċi u permezz tax-xiri tal-armi, li spiss intużaw għall-oppressjoni tal-popli tagħhom stess; għalhekk jitlob biex dan id-dejn jerġa' jiġi kkunsidrat, u b'mod partikolari dak marbut mal-infiq għall-armi;

7. Jikkundanna r-rwol tal-kumpaniji Ewropej fl-esportazzjoni tal-armi u ta' oġġetti b'użu doppju lir-reġimi ripressivi, u fl-involviment tagħhom fit-tfixkil tekonoloġiku organizzat mir-reġimi tad-dittaturi; jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal linji gwida għal kumpaniji tal-UE biex jaġixxu b'mod konsistenti mal-prinċipji fundamentali tal-UE f'sitwazzjonijiet bħal dawn;

8. Jenfasizza li l-politika tal-kummerċ u tal-investiment hija kompetenza esklussiva tal-UE u din għandha tipprovdi strumenti innovattivi u konkreti għall-kisba tal-għanijiet ta' politika barranija tal-UE ta' demokrazija, prosperità, stabilità u paċi fir-reġjun;

9. Jirrikonoxxi li l-UE għandha tfassal politika koordinata fir-rigward tal-SMCs, iżda jwissi kontra approċċ wieħed komuni għar-Rebbiegħa Għarbija kollha, għaliex minkejja li l-SMCs għandhom ħafna similaritajiet, huma esperjenzaw forom differenti ta' gvernijiet ripressivi, ivarjaw fil-livelli tal-iżvilupp ekonomiku tagħhom u jiffaċċjaw sfidi soċjali u demografiċi li huma differenti minn ta' xulxin;

10. Jenfasizza li wieħed mir-rwoli ewlenin tal-Parlament Ewropew huwa t-tisħiħ tad-djalogu politiku, tal-ftehim reċiproku u tal-fiduċja bejn l-Ewropa u l-pajjiżi terzi, inkluż l-SMC, fejn il-Parlament Ewropew għandu jiffoka fuq sforzi biex ixerred u jippromwovi riformi demokratiċi, libertajiet żviluppati u l-istat tad-dritt; jissottolinja li dawn il-kompiti importanti, ibbażati fuq relazzjonijiet diretti, jistgħu jkunu wkoll mod kif jiġi vvalutat is-sodisfazzjon tal-kriterji li ġejjin (fid-dawl tal-avvenimenti u l-progress miksub) u biex isiru l-aġġustamenti meħtieġa fil-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, speċjalment fl-oqsma tal-kummerċ, l-investiment jew il-finanzi;

11. Huwa konxju mill-fatt li fl-aħħar għaxar snin l-UE rawmet approċċ iżjed profond u komprensiv għall-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles mal-mexxejja ta' ħafna mill-SMCs, dan minkejja n-nuqqas evidenti ta' leġittimità demokratika tas-sħab fin-negozjati; jenfasizza it-tħassib immedjat dwar l-istabbilizzazzjoni tal-proċessi demokratiċi fil-bini ta' istituzzjonijiet soċjali u politiċi ġodda, li mbagħad jistgħu jaħdmu bħala sħab leġittimi u infurmati fin-negozjati dwar ftehimiet kummerċjali;

12. Jinnota li l-UE hija l-ikbar suq ta' konsumaturi fid-dinja, li l-aċċess għalih għandu jingħata biss jekk il-pajjiżi msieħba jkunu serji dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ftuħ bilaterali tas-swieq, jekk il-benefiċċji tar-riformi ekonomiċi jitgawdew mill-popolazzjoni kollha tal-pajjiż imsieħeb, inkluż l-iżjed vulnerabbli, u jekk jingħataw u jitwettqu impenji politiċi, soċjali u ambjentali xierqa;

13. Jindika li ħafna mill-SMCs għandhom potenzjal ekonomiku enormi, b'uħud minnhom li wirtu kwantitajiet kbar ta' assi u riżorsi naturali, li, jekk jiġu ġestit b'mod tajjeb, jipprovdu opportunità għal tkabbir ekonomiku u żvilupp fuq iż-żewġ naħat tal-Mediterran; jikkunsidra għalhekk li jiġu stabbiliti l-miżuri u l-mekkaniżmi meħtieġa li jiggarantixxu standards soċjali, ambjentali u fitosanitarji ekwivalenti;

14. Jilqa' l-approċċ imfassal apposta minn isfel għal fuq previst mill-Kummissjoni, ibbażat fuq kundizzjonalità iktar b'saħħitha u fuq differenzazzjoni iktar qawwija fil-kuntest tar-Reviżjoni riċenti tal-PEV, u fuq il-prinċipju ta' 'aktar għal aktar', sabiex jiżgura assistenza mmirata aħjar lill-pajjiżi ġirien kollha tal-UE u jiggarantixxi li l-finanzjament jaqbel mal-ambizzjoni politika; jemmen li l-kisbiet fir-rigward tar-riformi demokratiċi u l-libertajiet individwali għandhom jiġu riflessi permezz ta' proċess simili fil-qasam ekonomiku u kummerċjali, u ta' libertajiet sussegwenti, għall-ħolqien u t-treġija tan-negozju sabiex jitneħħew darba għal dejjem l-oligarkiji li tradizzjonalment kienu jiddominaw l-SMCs;

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

***Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles profondi u komprensivi (DCFTAs) u strumenti oħra ta' kummerċ***

15. jinnota li l-UE diġà għandha ftehimiet preferenzjali qawwija dwar il-kummerċ ma' diversi SMCs skont il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni; madankollu jenfasizza li l-ebda wieħed minn dawn il-proċessi ma twettaq bis-sħiħ u jinsab konvint li għad hemm potenzjal kbir biex ir-relazzjonijiet ekonomiċi jiżviluppaw aktar, b'mod partikolari fil-qasam regolatorju, bil-mira fit-tul tal-integrazzjoni fis-suq intern tal-UE;

16. Għalhekk, jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill li jawtorizza mandati għall-ftuħ ta' negozjati DCFTA mal-Eġittu, mal-Ġordan, mal-Marokk u mat-Tuneżija hekk kif jitlestew il-proċessi preparatorji meħtieġa; jemmen li l-eżerċizzji ta' sħarriġ sussegwenti għandhom jisiltu mill-esperjenzi tal-fażijiet preparatorji mwettqa mal-imsieħba tal-Lvant, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza politika qawwija li jiġi evitat dewmien mhux meħtieġ għal dawk l-imsieħba li huma lesti li jibdew in-negozjati; iqis li huwa indispensabbli li l-forzi soċjali kollha, speċjalment l-NGOs u l-organizzazzjonijiet tat-trejdjunjins, għandhom ikunu involuti u kkonsultati mill-bidu rigward kwalunwke negozjati kummerċjali;

17. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għadu ma pubblikax dettalji dwar il-kriterji "aktar għal aktar" li jiddeterminaw, flimkien mal-eżerċizzju ta' sħarriġ kummerċjali, jekk pajjiż huwiex lest għal DCFTA; għalhekk, jitlob lis-SEAE tistipula dawn il-kriterji sabiex il-proċess ikun trasparenti u biex il-pajjiżi msieħba jkunu jafu minn qabel fejn jeħtieġu li jsiru aġġustamenti; jinsisti li r-rispett għall-istituzzjonijiet demokratiċi u d-drittijiet fundamentali, inklużi l-libertà ta' espressjoni u l-libertà ta' assoċjazzjoni, u r-rispett għal-liġijiet internazzjonal dwar ix-xogħol, il-konvenzjonijiet tal-ILO u l-konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), għandu jkollhom importanza ċentrali f'dan l-proċess u jqis li għandu jirrejaġixxi għal titjib jew għal deterjorazzjoni sinifikanti fil-pajjiżi msieħba waqt il-fażi preparatorja u tul in-negozjati nfushom; jinsisti li l-eżerċizzju tal-evalwazzjoni tal-qasam ta' applikazzjoni għandu jqis livell xieraq ta' ftuħ ekonomiku kif ukoll indiċi ta' kif il-livelli kollha tas-soċjetà jibbenefikaw mill-kummerċ u mill-investiment barrani dirett (FDI);

18. Ifakkar li, fihom infushom, l-FTAs mhumiex mingħajr għan u li dawn għandhom iservu għall-benefiċċju ta' kull pajjiż; isostni li l-dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ għandhom ikunu appoġġjati minn klawsoli dwar id-drittijiet tal-bniedem imsaħħa b'monitoraġġ b'implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet imtejba, kif ukoll minn kapitolu ambizzjuż ta' żvilupp sostenibbli bi rwol ċentrali għas-soċjetà ċivili, li jinkludi dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà soċjali tal-kumpaniji (CSR) li għandha ssaħħaħ is-sieda konġunta tal-proċess;

19. Jilqa' b'sodisfazzjon l-enfasi fuq l-ostakli għall-kummerċ ta' wara l-fruntiera u l-allinjament mal-acquis tal-UE, iżda jinnota li għad hemm skop għal aktar negozjati dwar tnaqqis ta' tariffi fil-każ ta' ċerti pajjiżi; jenfasizza li, biex DCFTAs ikunu tassew ta' valur għall-SMCs, l-UE trid tkun lesta li tagħmel sforzi addizzjonali f'oqsma sensittivi bħall-agrikoltura u s-servizzi tal-Modalità IV; jinnota f'dan il-kuntest, li l-UE fil-fatt għandha bilanċ kummerċjali pożittiv sinifikanti ma' dawn il-pajjiżi fil-qasam tal-agrikoltura;

20. Jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġja u tippromwovi b'mod speċifiku lill-Kummerċ Ġust u lill-inizjattivi tal-biedja organika, b'mod partikolari biex tappoġġja lill-bdiewa ż-żgħar, lill-produtturi u lill-koperattivi, bħala mod biex jiġu integrati prattiki agrikoli sostenibbli u l-iżvilupp rurali, u biex fl-istess ħin tiġi żviluppata l-katina tal-provvista sabiex il-konsumaturi Ewropej jingħataw garanzija rigward il-kwalità u t-traċċabilità tal-prodotti, kif ukoll rigward il-kredenzjali soċjali u ambjentali tagħhom;

21. Jenfasizza l-importanza tal-agrikoltura, li timpjega aktar minn terz tal-popolazzjoni attiva fil-pajjiżi tax-xatt tan-Nofsinhar, u l-iżvilupp rurali fil-proċess ta' stabbilizzazzjoni, minħabba li dawn jikkontribwixxu, speċjalment f'kundizzjonijiet ta' volatilità akbar fis-swieq dinjija, għal żieda fis-sigurtà tal-ikel, ġenerazzjoni u tqassim tad-dħul aktar ekwi, il-ħolqien tal-impjiegi, u l-integrazzjoni tan-nisa u tal-bdiewa żgħar fl-ekonomija;

22. Jilqa' għalhekk, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tappoġġa l-iżvilupp rurali permezz tal-programm Faċilità Ewropea tal-Viċinat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, li għandu jintegra l-appoġġ għall-investiment u jiżviluppa kapaċitajiet amministrattivi billi jibni fuq l-aħjar prattika tal-UE fl-iżvilupp ta' żoni rurali, sabiex tiġi ffaċilitata l-modernizzazzjoni tal-produzzjoni agrikola skont l-istandards dwar il-kwalità u s-sigurtà tal-ikel tal-UE;

23. Jilqa' wkoll l-impenn tal-Kummissjoni, iddikjarat fil-Komunikazzjoni Konġunta tagħha tal-25 ta' Mejju 2011 (COM(2011)0303), għall-finanzjament ta' programmi pilota għall-iżvilupp agrikolu, rurali u reġjonali, bi spunt mill-esperjenza estensiva tal-UE f'dawn l-oqsma u bl-aħjar użu possibbli tal-kooperazzjoni mill-qrib mal-FAO, il-Bank Dinji u possibilment il-BEI;

24. Jistieden lill-UE tappoġġa l-iżvilupp tal-produzzjoni agrikola b'saħħitha kif ukoll l-iżvilupp rurali fir-reġjun bħala parti mill-ġlieda kontra l-faqar, li hija problema persistenti fil-kampanja, u sabiex issaħħaħ il-proċess ta' stabbilizzazzjoni; jisħaq, għal dan il-għan, dwar l-importanza ta' titjib istituzzjonali u infrastrutturali (pereżempju s-sistemi ta' irrigazzjoni, trattament, ħżin, ippakkjar, trasport, kummerċjalizzazzjoni u l-aċċess għas-servizzi), flimkien mat-titjib teknoloġiku, u l-importanza tal-edukazzjoni u tal-programmi ta' taħriġ, speċjalment għan-nisa, kif ukoll ta' sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' organizzazzjoni tal-produtturi u ta' dgħufija tas-soċjetà ċivili, li qegħdin ixekklu wkoll l-iżvilupp ta' sistema agro-alimentari effiċjenti; jenfasizza r-rwol tas-servizzi ta' estensjoni fl-iffaċilitar tat-tifrix tal-għarfien; jenfasizza li t-tħassib globali dwar it-tibdil ambjentali u klimatiku għandu jorjenta l-appoġġ lejn il-promozzjoni ta' użi sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-enerġija, u metodi tal-produzzjoni kompatibbli; jenfasizza li, quddiem żieda fid-domanda globali għall-ikel, għandha tiġi mħeġġa d-diversifikazzjoni fil-produzzjoni biex tiżdied ir-reżiljenza matul varjazzjonijiet fis-suq u kriżijiet ambjentali;

25. jitlob barra minn hekk, sabiex ma jkunx hemm dumping soċjali u ambjentali bejn il-pajjiżi konċernati kif ukoll mal-UE, li l-miżuri proposti mill-Kummissjoni jippermettu li jinfurzaw l-applikazzjoni ta' azzjonijiet innovattivi għall-promozzjoni tal-għarfien prattiku lokali, it-taħriġ għall-organizzazzjoni tal-produtturi kif ukoll għall-iżvilupp tas-swieq lokali u reġjonali fil-qafas tal-iskambji ta' prattiki tajba bejn il-pajjiżi u mal-UE kif prattikati waqt il-proċeduri ta' qabel l-adeżjoni u fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi ġirien tal-Unjoni Ewropea;

26. Jiġbed l-attenzjoni għall-kontribut li integrazzjoni akbar bejn il-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq u l-pajjiżi Sub-Saħarjani tista' toffri, u jenfasizza l-ħtieġa li jittieħdu passi fuq livell dinji biex jiġi evitat it-tip ta' azzjoni unilaterali li tittieħed sikwit b'rispons għall-kriżijiet tal-ikel u l-fenomeni ta' temp estrem;

27. Jenfasizza li l-FDI hu ta' importanza partikolari għall-iżvilupp ekonomiku tal-SMCs, minħabba li l-livelli ta' investiment jew mhumiex suffiċjenti jew inkella huma ffokati żżejjed fuq l-industriji ta' tħaffir ta' materja prima; jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li d-DCFTAs u l-isforzi għall-investiment fir-reġjun ikunu kkoordinati biex tkun promossa d-diversifikazzjoni ekonomika;

28. Jinnota, madankollu, in-nuqqas ta' suċċess miksub mill-isforzi preċedenti għan-negozjar ta' arranġamenti settorjali skont il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni; jitlob lill-Kummissjoni toħloq inċentivi lill-SMCs biex jinnegozjaw dwar l-investiment, u ukoll dwar "kwistjonijiet ta' Singapor" oħra bħas-servizzi fil-kuntest ta' DCFTAs; iqis li l-Kummissjoni għandha tapplika implimentazzjoni asimmetrika, fejn xieraq, u tkun flessibbli fir-rigward ta' setturi sensittivi tal-pajjiżi kkonċernati;

29. Jenfasizza l-importanza li l-ftuħ kummerċjali jiġi sostnut b'appoġġ tekniku aktar sostanzjali għall-pajjiżi msieħba u għan-negozji tagħhom sabiex ikunu jistgħu jimmassimizzaw l-opportunitajiet ipprovduti; jirrikonoxxi li l-UE diġà toffri din it-tip ta' assistenza, iżda jqis li dawn il-programmi għandhom ikunu aktar immirati lejn l-SMEs, inkluż pereżempju permezz ta' espansjoni fl-Għajnuna għall-Kummerċ;

30. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel użu minn DCFTAs biex tallinja l-istandards fil-qasam regolatorju, speċjalment rigward standards u regolamenti tekniċi, miżuri sanitarji u fitosanitarji (SPS), regoli ta' trasparenza għall-akkwist pubbliku, regoli għall-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, l-iffaċilitar kummerċjali/doganali u t-tneħħija ta' ostakoli non-tariffarji (ONTs); jirrimarka li din il-kooperazzjoni mhijiex qed tiġi indirizzata b'mod sodisfaċjenti fil-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u li l-livell ta' parteċipazzjoni tal-UE jeħtieġ jiġi intensifikat;

31. Jilqa’ b’sodisfazzjon, f’dan ir-rigward, ir-riżorsi addizzjonali li ġew allokati għall-kooperazzjoni teknika u jinsisti li dawn għandhom ikunu magħmula disponibbli malajr kemm jista’ jkun lid-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (DĠ DEVCO) tal-Kummissjoni u deċentralizzati għal delegazzjonijiet tal-UE li jinsabu fuq il-post;

32. Jirrikonoxxi l-fatt li d-DCFTAs għandhom ikunu l-objettiv ewlieni iżda hu konxju li, sadanittant, il-Kummissjoni qed tfittex li twettaq negozjati settorjali skont il-Ftehimiet ta’ Assoċjazzjoni eżistenti, inklużi ftehimiet dwar l-evalwazzjoni tal-konformità u l-aċċettazzjoni ta’ prodotti industrijali (ACAAs), ftehimiet dwar l-agrikoltura u s-sajd, ftehimiet dwar is-servizzi u l-investiment, u ftehimiet dwar arranġamenti għar-riżoluzzjoni ta’ tilwim; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra wkoll li taġġorna l-ftehimiet settorjali eżistenti ma’ pajjiżi fejn l-offerti jistgħu jittejbu, u fejn DCFTA mhuwiex immedjatament possibbli; jitlob lill-Kummissjoni tagħti kunsiderazzjoni aħjar meta u kif dawn il-proċessi għandhom finalment jingħaqdu mad-DCFTAs futuri, u tiżgura li t-telf tas-sħubija tas-Sistema Ġeneralizzata ta’ Preferenzi (GSP) fl-2014 ma jkollux effetti negattivi fuq l-aċċess tal-SMCs għas-suq Ewropew fi kwalunkwe linja ta’ prodotti;

33. Jitlob lill-Kummissjoni tħejji wkoll strateġija għal dawk l-imsieħba ta’ “aktar għal aktar” li jew qatt ma sar ftehim magħhom qabel jew li mhumiex fil-mira diretta ta’ DCFTAs, speċjalment dawk, bħal-Libja u l-Libanu, li għad mhumiex membri tad-WTO; jenfasizza li, filwaqt li l-għoti ta’ assistenza teknika biex il-progress ta’ dawn il-pajjiżi fis-sħubija fid-WTO jkompli bis-serjetà, dan waħdu mhuwiex biżżejjed u għandu jkun ikkumplimentat, fejn xieraq, bi ftehimiet kompatibbli mad-WTO li għandhom jiksbu benefiċċji tul il-perijodu qasir;

***L-għoti tas-setgħa lill-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju (SMEs) bħala għodda għad-demokratizzazzjoni ekonomika***

34. Huwa konvint li strateġija kummerċjali ta’ suċċess għar-reġjun għandha ssaħħaħ ir-rwol tal-SMEs, li jipprovdu daqs 30 % tal-impjiegi f’ċerti pajjiżi; jirrikonoxxi l-importanza tal-mikro-intrapriżi, li jirrappreżentaw 98.1 % tal-SMEs fl-Eġittu, 97.8 % fil-Marokk u 89.1 % fil-Ġordan, iżda 9.2 % biss fit-Tuneżija;

35. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-numru għoli ta’ SMEs mhux irreġistrati li joperaw fis-suq iswed u dwar il-fatt li l-persentaġġ ta’ impjiegi informali (eskluż fl-agrikoltura) f’ċerti SMCs jilħaq is-70 %; jinsab konvint li, jekk ir-reġjun beħsiebu jipparteċipa fi tkabbir ekonomiku serju, l-istrateġija kummerċjali tal-UE għandha tagħti inċentivi lin-negozji mhux irreġistrati sabiex dawn jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tappoġġja l-programmi għall-bini tal-kapaċità amministrattiva, jiġifieri fir-reġistrazzjoni tan-negozji, fix-xogħol u l-affarijiet soċjali, billi tagħti attenzjoni speċjali lill-bini tal-kapaċità fis-servizzi legali, li għandhom jiżguraw tħejjija aħjar għat-tmexxija tar-riformi meħtieġa;

36. Jiddispjaċih li l-SMEs u l-kooperattivi għandhom aċċess limitat ħafna għall-investiment u jinsisti dwar il-ħtieġa li jiġi pprovdut aċċess xieraq għall-finanzjament permezz tal-forniment ta’ skemi ta’ mikro-kreditu u ta’ kontrogaranziji affidabbli, aċċessibbli u faċli biex tużahom mill-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI); jemmen li dawn l-iskemi jippermettu lill-benefiċjarji li jġeddu u jirristrutturaw b’mod li jithallew jisfruttaw il-potenzjal tas-Suq Intern tal-UE;

37. Jenfasizza l-importanza li tiġi promossa l-attività intraprenditorjali billi jiġu adottati l-miżuri meħtieġa sabiex jinħoloq ambjent li jibbenefikaha u sabiex tiġi involuta s-soċjetà fiha; jilqa’ b’mod partikulari t-tieni fażi tal- programm Med, b’mandat speċifiku li tippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-SMEs u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran;

38. Jirrikonoxxi r-rwol tal-BEI fl-għoti ta’ għajnuna lill-SMEs fin-Nofsinhar tal-Mediterran permezz tal-Faċilità Ewro-Mediterranja ta’ Investiment u Sħubija (FEMIP); jilqa’ d-deċiżjoni li jgħolli l-limitu għall-operazzjonijiet tiegħu fir-reġjun b’EUR 1 biljun, li għandu jwassal biex l-operazzjonijiet tal-BEI fir-reġjun jitilgħu għal EUR 6 biljun tul il-tliet snin li ġejjin; itenni li l-BEI għandu jiffoka l-proġetti ta’ investiment tiegħu b’mod speċifiku lejn l-SMEs u lejn l-iżvilupp ta’ proġetti ta’ infrastruttura, speċjalment tal-enerġija minħabba l-potenzjal ta’ dan ir-reġjun u l-għajnuna li tista’ tipprovdilu l-UE għall-iżvilupp u l-użu tagħha; jinsisti li l-BEI jeħtieġ li jżid il-kapaċitajiet amministrattivi tiegħu sabiex jikkontrolla l-banek intermedjarji msieħba tiegħu fit-tqassim ta’ “Self Globali” skont il-kriterji tal-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-UE, sabiex l-operat tiegħu jkun responsabbli bis-sħiħ lejn il-pubbliku;

39. Jilqa' l-parteċipazzjoni reċenti tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) fir-reġjun tal-Mediterran u l-fondi żejda mwiegħda mill-UE u minn diversi Stati Membri individwali tal-UE għall-attivitajiet tal-Bank; iħeġġeġ lill-Kunsill Ewropew u lill-Parlament Ewropew biex jirratifikaw malajr l-Emendi għall-Ftehim tal-BERŻ li għandhom jgħinu biex il-bank jopera b'mod sħiħ fir-reġjun tal-Mediterran; iqis li għandhom jiżdiedu l-fondi totali disponibbli għall-investiment tal-BERŻ fir-reġjun u li l-SMEs għandhom ikunu l-benefiċjarji ewlenin ta' dawn l-investimenti; iħeġġeġ lill-SMCs juru l-impenn tagħhom billi japplikaw il-prinċipji ta' demokrazija, pluraliżmu u tal-ekonomija tas-suq sabiex ikunu jistgħu jkollhom aċċess għall-investiment kif stipulat mill-Istatut tal-Bank;

40. Huwa konvint li ċ-ċaqlieq flessibbli ta' negozjanti bejn il-fruntieri huwa essenzjali għall-funzjonament tajjeb taż-żona ta' kummerċ; huwa tal-fehma li l-UE għandha tfittex li tikseb koerenza akbar fil-politiki tagħha dwar l-immigrazzjoni u l-kummerċ;

41. Jinnota li l-iffaċilitar tal-viżi għadha problema għal ħafna rappreżentanti tan-negozji mill-SMCs li jeħtieġu jivvjaġġaw lejn l-UE għal laqgħat, taħriġ u għal raġunijiet oħra ta' negozju; f'dan il-kuntest, jilqa' l-komunikazzjoni riċenti "Djalogu dwar il-migrazzjoni, il-mobilità u s-sigurtà mal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Mediterran", li fiha l-Kummissjoni tipprevedi ftehimiet għall-iffaċilitar tal-viża għall-appoġġ tal-mobilità, inter alia, tan-negozjanti; iqis li l-proċeduri ta' "integrità" u ta' "affidabilità" għall-viża għandhom jiġu ffaċilitati u jitlob lill-Kummissjoni tinnegozja ftehimiet bħal dawn b'koordinament man-negozjati kummerċjali sabiex ikun żgurat li l-implimentazzjoni tagħhom ma tkunx burokratika żżejjed għall-SMEs;

***It-tisħiħ tal-Proċess ta' Agadir***

42. Jiddispjaċih li ż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Ewro-Mediterranja ma ġietx stabbilita sal-2010 u jittama li l-imsieħba kollha jużaw il-momentum maħluq mir-Rebbiegħa Għarbija biex jibqgħu għaddejjin bir-riformi meħtieġa għall-ħolqien ta' żona ta' kummerċ ħieles li tiffunzjona u żviluppata għalkollox mingħajr distorsjoni tal-kompetizzjoni għal produtturi tal-UE.

43. Jipproponi li l-impatt taċ-ċaqlieq lejn politika ta' kummerċ ħieles jiġi vvalutat b'mod regolari, sabiex tinżamm sorveljanza kontinwa tar-riperkussjonijiet tal-politika fuq il-pajjiżi tal-Mediterran fin-nofsinhar tal-Ewropa, bl-għan aħħari ikun dak tal-ħolqien ta' benefiċċji għall-pubbliku u għas-sistemi ekonomiċi u produttivi tal-pajjiżi differenti kkonċernati;

44. Jenfasizza li, filwaqt li għandhom jintlaqgħu strateġiji kummerċjali speċifiċi għal kull pajjiż, dawn il-ftehimiet m'għandhomx ikunu ta' ħsara għall-integrazzjoni reġjonali; jiddispjaċih li l-kummerċ Nofsinhar-Nofsinhar għadu limitat ħafna u jinnota, f'dan ir-rigward, li fl-2009, 6 % biss tal-importazzjonijiet mill-SMCs kienu ġejjin minnSMCs oħra, meta mqabbel mal-40 % mill-UE; iħeġġeġ lill-gvernijiet il-ġodda eletti demokratikament biex ikunu aktar miftuħa mill-predeċessuri tagħhom għall-kummerċ mal-pajjiżi ġirien;

45. Jirrikonoxxi lill-Grupp ta' Agadir bħala l-uniku eżempju ta' sforz kollettiv favur il-kummerċ Nofsinhar-Nofsinhar u jħeġġeġ lill-firmatarji biex iwessgħu l-ambitu u s-sħubija tar-relazzjoni kummerċjali tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġja lil dan il-grupp bħala pedament li fuqu għandha tinbena l-istrateġija kummerċjali tal-UE għall-ġejjieni;

46. Barra minn hekk, jitlob lill-Kummissjoni biex tinkludi ċerti flessibilitajiet fi ħdan id-DCFTAs, li eventwalment jippermettu l-integrazzjoni ta' ftehimiet individwali fil-Ftehim ta' Agadir għat-tiswir ta' Żona Ewro-Mediterranja ta' Kummerċ Ħieles unika;

47. Jinnota b'sodisfazzjon it-tqassim imminenti tal-Mekkaniżmu tal-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ u l-Investiment li se jservi bħala database li tippermetti lill-operaturi ekonomiċi jiksbu informazzjoni aġġornata dwar il-kondizzjonijiet ta' kummerċ u investiment fir-reġjun; jinsisti li dan il-mekkaniżmu għandu jiġi promoss b'mod attiv fost in-negozji mill-SMC u biex dan jinbidel f'faċilitatur funzjonali għall-kummerċ intrareġjonali, u mhux iservi biss ta' għodda ta' informazzjoni;

48. Jilqa' l-Konvenzjoni Reġjonali dwar ir-regoli preferenzjali tal-oriġini pan-Ewro-Mediterranji li għandha tinkludi r-rispett sħiħ għall-arranġament tekniku bejn l-UE u l-Iżrael dwar il-prodotti mill-kolonji; jitlob lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi regoli tal-oriġini ġodda skont il-Konvenzjoni pan-Ewro-Mediterranja b'pass aktar mgħaġġel sa mhux aktar tard minn tmiem l-2013, meta l-SMCs jitilfu l-preferenzi tal-GSP u r-regoli favorevoli ta' oriġini skont dik l-iskema;

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

***L-iffaċilitar tal-għarfien u ta' kuntatti diretti***

49. Iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE jwettqu rwol aktar ambizzjuż fl-istrateġija tal-UE għall-Viċinat tan-Nofsinhar billi jipprovdu programmi ewlenin ta' boroż ta' studju għal studenti minn SMCs taż-żewġ sessi u mill-isfondi soċjoekonomiċi u etniċi kollha, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ekonomija, tan-negozju, tal-IT, tal-komunikazzjoni, u tal-kummerċ; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Viċi-President/Rappreżentant Għoli biex jipproponu minnufih il-ħolqien ta' programmi Euromed Erasmus u Da Vinci; josserva li atturi oħra fir-reġjun, bħall-pajjiżi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (GCC), kienu effikaċi aktar fl-għoti ta' appoġġ lill-SMCs; jemmen li dawn l-iskambji jistgħu joħolqu rabtiet dejjiema ma' msieħba kummerċjali futuri fl-SMCs;

50. Ifakkar fir-rwol li għandhom l-artisti, l-atturi kulturali u l-bloggers biex jippermettu lil uħud mis-soċjetajiet ċivili Għarab li jilliberaw ruħhom mid-dittatorjat u jifthu t-triq għad-demokrazija; jistieden lill-UE biex fil-politika tagħha tal-kummerċ tintegra l-kooperazzjoni kulturali, inkluż l-inizjattivi konġunti fil-qasam tal-arti, tal-edukazzjoni, tal-midja, tal-Internet u setturi kruċjali oħra sabiex jiġu promossi d-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija;

51. Jitlob għall-ħolqien b'mod imminenti ta' Kmamar tal-Kummerċ tal-UE ma' pajjiżi msieħba sabiex iservu ta' mogħdijiet għall-promozzjoni ta' attivitajiet kummerċjali konġunti u ta' skambji reċiproċi bejn sħab ekonomiċi, inkluż seminars u fieri tan-negozju; jiddispjaċih li ma hemm l-ebda Kmamar tal-Kummerċ bilaterali tal-UE fir-reġjun, bl-eċċezzjoni tal-Kamra tal-Kummerċ UE-Iżrael;

***L-immassimizzar tal-impatt ta' azzjoni tal-UE***

52. Isostni bil-qawwi li l-inizjattivi kummerċjali tal-Kummissjoni jeħtieġu jingħataw appoġġ minn preżenza aktar qawwija ta' uffiċjali tal-kummerċ tal-UE fuq il-post; jiddeplora l-fatt li d-Delegazzjoni tal-UE għandha uffiċjal tal-kummerċ wieħed biss fit-Tuneżija u li ma għandha l-ebda preżenza fil-Ġordan, minkejja l-fatt li wettqet eżerċizzji ta' sħarriġ dwar DCFTAs ma' dawn il-pajjiżi;

53. Jemmen, barra minn hekk, li huwa essenzjali li l-UE tikkoordina bis-sħiħ l-attivitajiet ta' appoġġ tagħha fl-oqsma tal-kummerċ, tal-investiment u tal-finanzjament fir-reġjun sabiex jinkiseb l-aqwa impatt pożittiv; jinsab imħasseb għall-fatt li n-numru sinifikanti ta' atturi, internament fi ħdan l-UE u fil-pajjiżi msieħba nfushom, u atturi esterni oħrajn, jistgħu jwasslu biex jinħlew jew jiġu dduplikati sforzi kruċjali minħabba nuqqas ta' koordinazzjoni;

54. Jenfasizza li tenħtieġ koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn l-istrumenti ta' finanzjament tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), bħall-Faċilità ta' Investiment tal-Viċinat, u l-istituzzjonijiet finanzjarji reġjonali, internazzjonali u tal-UE varji fir-reġjun, inklużi l-BEI, l-BERŻ u l-Bank Dinji, sabiex tkun iggarantita l-ogħla effikaċja u koerenza massima; jitlob lill-Kummissjoni biex tmexxi l-koordinazzjoni ta' dawn l-isforzi;

*

* *

55. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-BEI, lill-BERŻ, lill-Kapijiet ta' Stat u tal-gvern u lill-Parlamenti tal-Istati Membri u l-SMCs, u lill-Unjoni għall-Mediterran.

## Privattivi għal proċessi bijoloġiċi essenzjali

P7_TA(2012)0202

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 fuq il-privattivi ta' proċessi bijoloġiċi essenzjali (2012/2623(RSP))**

(2013/C 261 E/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Direttiva 98/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 1998 dwar il-protezzjoni legali ta' invenzjonijiet bijoteknoloġiċi [1] (imsejħa minn hawn "il quddiem d-'Direttiva 98/44/KE"), u b'mod partikolari Artikolu 4 tagħha, li jiddikjara li l-varjetajiet ta' pjanti u annimali u proċessi essenzalment bioloġiċi għall-produzzjoni ta' pjanti jew annimali ma għandhomx jiġu privatizzati,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2(2) u l-Premessa 33 tad-Direttiva 98/44/KE, li tiddikjara li proċess għall-produzzjoni tal-pjanti jew annimali huwa essenzjalment bijoloġiku jekk jikkonsisti b'mod sħiħ minn fenomeni naturali bħalma huma l-inkroċjar jew is-selezzjoni naturali,

— wara li kkunsidra l-importanza tal-implimentazzjoni xierqa tal-Artikolu 11 tad-Direttiva 98/44/KE, li tiżgura l-privileġġ tal-bdiewa,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-5 ta' Ottubru 1973 dwar l-Għotja ta' Privattivi Ewropej (imsejħa minn hawn "il quddiem bħala l-'Konvenzjoni Ewropea tal-Privattivi") u l-Artikolu 53 (b) tagħha,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kunsill Amministrattiv tal-Organizzazzjoni Ewropea dwar il-Privattivi tas-16 ta' Ġunju 1999 dwar l-inkorporazzjoni tad-Direttiva 98/44/KE fir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Privattivi [2],

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni G 2/06 tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (EPO) u d-Deċiżjoni C-34/10 tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja, li tistabbilixxi li meta tinterpreta projbizzjonijiet fil-liġi tal-privattivi wieħed għandu jikkunsidra t-tagħlim tekniku kollu tal-applikazzjoni u mhux biss kliem it-talbiet,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjonijiet G 2/07 (fuq il-brokkoli) u G 1/08 (fuq it-tadam) tal-Bord Estiż tal-Appell tal-EPO, li fil-prinċipju jeskludu proċess ta' tgħammir milli jsiru privattivi fuqu,

— wara li kkunsidra l-privattivi mogħtija mill-EPO għall-produzzjoni tal-pjanti mkabbra b'mod konvenzjonali bħall-brokkoli (PE 1 069 819), it-tadam (PE 1 211 926) u l-bettieħ (PE 1 962 578),

— wara li kkunsidra l-privattivi mogħtija mill-EPO għall-produzzjoni ta' annimali mgħammra b'mod konvenzjonali, bħall-għażla tas-sess u materjal użat għat-tgħammir konvenzjonali (PE 1 263 521, EP 1 257 168), l-għażla tal-baqar għall-ħalib (PE 1 330 552) u l-produzzjoni tal-bhejjem (PE 1 506 316 ),

— wara li kkunsidra t-Trattat Internazzjonali dwar ir-Riżorsi Ġenetiċi tal-Pjanti għall-Ikel u l-Agrikoltura, li l-Unjoni Ewropea rrispettat skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/869/KE [3],

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali tat-2 ta' Diċembru 1961 għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti, kif riveduta f'Ġinevra fl-10 ta' Novembru 1972, 23 ta' Ottubru 1978 u 19 ta' Marzu 1991 (imsejħa minn hawn 'il quddiem il-'Konvenzjoni UPOV'),

(1) ĠU L 213, 30.7.1998, p. 13.
(2) Ġurnal Uffiċjali EPO 7/1999, p. 437.
(3) ĠU L 378, 23.12.2004, p. 1.

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 dwar id-Drittijiet ta' varjetajiet tal-pjanti fil-komunità ([1]) (minn hawn 'il quddiem ir- 'Regolament (KE) Nru 2100/94'),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110 (2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali huma importanti għall-istimular tal-iżvilupp ta' varjetajiet ta' pjanti ġodda u innovazzjonijiet relatati mal-pjanti, u huma prerekwiżit neċessarju għat-tisħiħ tat-tkabbir u l-innovazzjoni u biex tingħata għajnuna lin-negozju Ewropew, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs), biex jiffaċċjaw il-kriżi ekonomika u l-kompetizzjoni globali;

B. billi, speċjalment fil-qasam tat-tgħammir, protezzjoni eċċessivament wiesgħa tal-privattivi tista' tfixkel l-innovazzjoni u l-progress u ssir ta' detriment għal min ikabbar il-pjanti jew irabbi l-annimali fuq skala żgħira jew medja billi tibblokka l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi tal-annimali u l-pjanti;

C. billi t-tkabbir tal-pjanti huwa prerekwiżit essenzjali għas-sigurtà tal-provvista tal-ikel u, sa ċertu punt, tal-provvista tal-enerġija;

D. billi metodi ta' tkabbir konvenzjonali huma ta' importanza kritika għat-tkabbir modern tal-pjanti u l-annimali;

E. billi huwa prinċipju fundamentali tas-sistema internazzjonali tad-drittijiet fuq il-varjetajiet tal-pjanti bbażat fuq il-Konvenzjoni UPOV, u tas-sistema tal-UE bbażata fuq Regolament (KE) Nru 2100/94, li d-detentur ta' varjetà ta' pjanta ma jistax iżomm lil oħrajn milli jużaw il-pjanti protetti sabiex jiġi promoss l-użu ta' varjetajiet protetti għall-attivitajiet ulterjuri ta' tgħammir;

F. billi huwa importanti li privileġġ simili għandu jeżisti fi ħdan il-liġi fuq il-privattivi fl-Unjoni Ewropea;

G. billi l-Artikolu 4 tad-Direttiva 98/44/KE u l-Artikolu 53(b) tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Privattivi jistabbilixxu li l-varjetajiet ta' pjanti u annimali u proċessi essenzalment bijoloġiċi għall-produzzjoni ta' pjanti jew annimali m'għandhomx ikunu privattizzati;

H. billi privattivi fuq prodotti derivati mit-tgħammir konvenzjonali jew fuq materjal ġenetiku meħtieġ għat-tgħammir konvenzjonali jistgħu jimminaw l-esklużjoni stabbilita fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 98/44/KE u Artikolu 53 (b) tal-Konvenzjoni Ewropea tal-Privattivi;

I. billi, fil-qasam tal-inġinerija ġenetika, il-privattivi jistgħu jingħataw iżda l-projbizzjoni tal-privattivi fuq varjetajiet ta' pjanti u annimali għandha tiġi mħarsa;

J. billi, fil-qasam tal-bijoteknoloġija, mhux biss it-test tat-talbiet, iżda t-tagħlim tekniku tal-invenzjoni b'mod ġenerali għandu jitqies meta tittieħed deċiżjoni dwar il-privattività, u dan il-prinċipju ta' approċċ tal-kontenut sħiħ applikawh l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi u l-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea f'uħud mid-deċiżjonijiet reċenti tagħhom ([2]);

K. billi skont l-Artikolu 16(c) tad-Direttiva 98/44/KE il-Kummissjoni hija meħtieġa li tirrapporta kull sena 'fuq l-iżvilupp u l-implikazzjonijiet tal-liġi tal-privattivi fil-qasam tal-bijoteknoloġija u l-inġinerija ġenetika';

([1]) ĠU L 227, 1.9.1994, p. 1.

([2]) Bord Estiż tal-Appell tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, id-deċiżjoni tal-25 ta' Novembru 2008, G 2/06 ("WARF"), u s-sentenza tal-QĠE fil-Kawża C-34/10 (Greenpeace vs. Brüstle).

L. billi l-Kummissjoni ma ppubblikat l-ebda rapport bħal dawn mill-2005 'l hawn;

M. billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-privattivi għal invenzjonijiet bijoteknoloġiċi [1], il-Parlament talab lill-Kummissjoni biex fir-rapport li jmiss tagħha tindirizza b'attenzjoni l-implimentazzjoni xierqa tal-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 98/44/KE;

N. billi rapporti tal-Kummissjoni bħal dawn iservu l-iskop li jżommu lill-pubbliku infurmat b' mod sħiħ, u billi l-Unjoni Ewropea għandu jkollha rwol ewlieni fl-inkoraġġiment tad-dibattitu pubbliku;

1. Jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-EPO fl-appoġġ tal-kompetittività fl-innovazzjoni u t-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa;

2. Jirrikonoxxi li l-privattivi jippromwovu t-tixrid ta' informazzjoni teknika siewja u huma għodda importanti għat-trasferiment tat-teknoloġija;

3. Jilqa d-deċiżjonijiet tal-Bord Estiż tal-Appell tal-EPO fl-hekk imsejħa każijiet tal-'brokkoli' (G 2/07) u tat-'tadam' (G 1/08), li jittrattaw l-interpretazzjoni korretta tat-terminu 'proċessi essenzjalment bijoloġiċi għall-produzzjoni ta' pjanti (jew annimali)' użat fid-Direttiva 98/44/KE u l-Konvenzjoni Ewropea tal-Privattivi biex jiġu esklużi dawn il-proċessi mill-privattività;

4. Jistieden lill-EPO biex teskludi wkoll li jsiru privattivi fuq prodotti derivati mit-tgħammir konvenzjonali u l-metodi kollha ta' tgħammir konvenzjonali, inkluż it-tgħammir SMART (tgħammir ta' preċiżjoni) u materjal ta' tgħammir użat għat-tgħammir konvenzjonali;

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex tindirizza fir-rapport li jmiss tagħha d-'deċiżjonijiet fuq il-brokkoli u t-tadam' tal-Bord Estiż tal-Appell tal-EPO;

6. Jilqa' d-deċiżjoni reċenti tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi fil-każ WARF u tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fil-kawża Brüstle, għaliex jinterpretaw id-Direttiva 98/44/KE u jagħtu indikazzjonijiet importanti dwar l-hekk imsejjaħ approċċ tal-kontenut sħiħ; jitlob lill-Kummissjoni Ewropea tislet il-konklużjonijiet xierqa minn dawn id-deċiżjonijiet ukoll f'oqsma oħra ta' politika relevanti, ħalli tallinja l-politika tal-UE ma' dawn id-deċiżjonijiet.

7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tindirizza fir-rapport li jmiss tagħha l-implikazzjonijiet potenzjali li jista' jkun hemm meta jsiru privattivi fuq metodi tat-tkabbir tal-pjanti u l-impatt tagħhom fuq l-industrija tat-tgħammir, l-agrikoltura, l-industrija tal-ikel u s-sigurtà alimentari;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-UE tkompli tapplika eżenzjoni komprensiva għal min irabbi fl-liġi tal-privattivi tagħha għat-tkabbir tal-pjanti u annimali;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, il-Kummissjoni, il-gvernijiet tal-Istati Membri u l-EPO.

[1] ĠU Ċ 272E, 9.11.2006, p. 440.

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

# Il-piraterija marittima

P7_TA(2012)0203

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-piraterija marittima (2011/2962(RSP))**

(2013/C 261 E/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2008 dwar politika marittima integrata għall-Unjoni Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-piraterija marittima, speċjalment ir-riżoluzzjoni tat-23 ta' Ottubru 2008 dwar il-piraterija fuq il-baħar ([2]) u r-riżoluzzjoni tas-26 ta' Novembru 2009 dwar soluzzjoni politika għall-problema tal-piraterija 'l barra mix-xtut tas-Somalja ([3]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) tal-10 ta' Diċembru 1982,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1988 dwar it-Trażżin ta' Atti Illegali kontra s-Sikurezza tan-Navigazzjoni Marittima,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar is-sitwazzjoni fis-Somalja, b'mod partikolari r-Riżoluzzjoni 2036(2012) tat-22 ta' Frar 2012,

— wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/749/PESK tad-19 ta' Settembru 2008 dwar l-azzjoni militari kkoordinata tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għar-riżoluzzjoni 1816 (2008) (EU NAVCO) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU,

— wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/851/PESK tal-10 ta' Novembru 2008 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għad-deterrenza, il-prevenzjoni u r-ripressjoni ta' atti ta' piraterija u serq armat 'il barra mix-xtut tas-Somalja (EU NAVFOR ATALANTA), u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/766/PESK li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 2012 li ttawwal il-mandat tal-EU NAVFOR ATALANTA sa Diċembru 2014 u testendi ż-żona tal-operazzjonijiet tal-forza,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/96/PESK tal-15 ta' Frar 2010 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/197/PESK tal-31 ta' Marzu 2010 dwar il-varar ta' missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalja),

— wara li kkunsidra l-Kunċett għall-Ġestjoni tal-Kriżijiet maqbul mill-Kunsill tal-Affarijiet Barranin fis-16 ta' Diċembru 2011 għall-missjoni tal-Bini tal-Kapaċitajiet tal-Kunsill Reġjonali Marittimu (RMCB), bħala missjoni ċivili tas-PSDK flimkien ma' esperti militari li qiegħda titħejja,

— wara li kkunsidra l-Qafas Strateġiku għall-Qarn tal-Afrika biex jiggwida l-involviment tal-UE fir-reġjun, li ġie adottat mill-Kunsill fl-14 ta' Novembru 2011,

— wara li kkunsidra l-ftehim ta' qsim ta' poter iffirmat f'Ġibuti fid-9 ta' Ġunju 2008, li kellu l-għan li jagħti bidu għal rikonċiljazzjoni nazzjonali wiesgħa u joħloq alleanza politika b'saħħitha u inklussiva li tkun tista' tiżgura l-paċi, tirrikonċilja l-pajjiż u tistabbilixxi mill-ġdid awtorità statali ċentrali,

([1]) ĠU C 279 E, 19.11.2009, p. 30.
([2]) ĠU C 15 E, 21.1.2010, p. 61.
([3]) ĠU C 285 E, 21.10.2010, p. 59.

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-konferenza ta' Londra dwar is-Somalja, tat-23 ta' Frar 2012,

— wara li kkonsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi t-trasport marittimu jirrappreżenta wieħed mill-passi fundamentali għat-tkabbir ekonomiku u l-prosperità fl-Ewropa matul l-istorja tagħha u billi aktar minn 80 % tal-kummerċ dinji jinġarr fuq il-baħar; billi l-piraterija tirrappreżenta theddida għas-sigurtà internazzjonali u għall-istabbiltà reġjonali u billi l-UE, għaldaqstant, għandha interess ġenwin f'li tikkontribwixxi għas-sigurtà marittima internazzjonali u għall-ġlieda kontra l-piraterija u l-kawżi aħħarin tagħha bħala azzjoni prijoritarja tal-UE;

B. billi l-piraterija titqies bħala reat internazzjonali; billi l-piraterija u s-serq bl-armi fuq il-baħar jeħtieġu rispons koordinat fil-qafas legali globali pprovdut mill-UNCLOS; billi l-Artikolu 100 tal-Konvenzjoni jipprovdi li l-istati kollha għandhom id-dmir li jikkooperaw biex irażżnu l-piraterija;

C. billi l-piraterija marittima tibqa' problema, minkejja l-fatt li l-għadd ta' attakki li rnexxew nqas b'mod sinifikanti s-sena li għaddiet, l-aktar minħabba l-attaivitajiet ta' ATALANTA u l-użu ta' Stakkamenti għall-Protezzjoni tal-Bastimenti, sew militari kif ukoll privati; billi l-piraterija għadha qed tinfirex bil-ħeffa fl-Oċean Indjan, partikolarment 'il barra mix-xtut tas-Somalja u l-Qarn tal-Afrika, iżda wkoll f'xi żoni oħra, fosthom ix-Xlokk tal-Asja u l-Afrika tal-Punent, u tikkostitwixxi theddida dejjem akbar għall-ħajja tal-persuni, għas-sikurezza tal-baħħara u ta' persuni oħra, kif ukoll għall-iżvilupp reġjonali u għall-istabilità, l-ambjent tal-baħar, il-kummerċ dinji u kull-forma ta' trasport marittimu u bastimenti ta' kull tip, inklużi bastimenti tas-sajd, kif ukoll għat-twassil tal-għajnuna umanitarja;

D. billi l-Kunsill iddeċieda li jestendi l-operazzjoni tal-UE kontra l-piraterija (EU NAVFOR ATALANTA) b'sentejn oħra sa Diċembru 2014 biex jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-bastimenti tal-Programm Dinji tal-Ikel (WFP) li jwasslu l-għajnuniet tal-ikel lil persuni spostati fis-Somalja, għall-protezzjoni tal-bastimenti tal-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM), għad-deterrenza, il-prevenzjoni u r-ripressjoni ta' atti ta' piraterija u serq armat 'il barra mix-xtut tas-Somalja u għall-protezzjoni tal-bastimentivulnerabbli 'l barra mix-xtut tas-Somalja, każ b'każ; billi l-EU NAVFOR ATALANTA tikkontribwixxi wkoll għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd 'il barra mix-xtut tas-Somalja;

E. billi kull sena 10 000 bastiment Ewropew ibaħħru minn żoni marittimi perikolużi u billi, għalhekk, il-piraterija mhux biss għandha impatt fuq il-ħajja u s-sikurezza tal-persuni imma tikkostitwixxi wkoll problema ekonomika għaliex thedded il-linji tal-kummerċ marittimu internazzjonali u tħalli impatt negattiv sinifikanti fuq il-kummerċ internazzjonali;

F. billi l-għadd ta' attentati ta' attakk fuq il-bastimenti qed jikber; fl-2011 kienu rrappurtati 28 ħtif ta' bastimenti, inħatfu 470 baħħar u nqatlu 15 oħra, u fil-preżent aktar minn seba' bastimenti qed jinżammu għar-rahan u madwar 191 baħħar qegħdin jinżammu ostaġġi fis-Somalja, spiss f'kundizzjonijiet terribbli u inumani u għal perjodi li kulma jmur dejjem qed jitwalu;

G. billi l-pirati l-ħin kollu qed jadattaw it-tattiki u l-metodi tagħhom, u espandew iż-żona operattiva tagħhom bl-użu ta' bastimenti mdaqqsa maħtufa bħala l-hekk imsejħa "motherships";

H. billi l-istabilità politika fis-Somalja hija waħda mill-kawżi tal-piraterija u tikkontribwixxi għal din il-problema, u billi wħud mis-Somaljani għadhom iqisu l-piraterija bħala sors ta' dħul profittabbli u vijabbli;

I. billi l-ġlieda kontra l-piraterija ma tistax tintrebaħ permezz ta' mezzi militari biss, iżda tiddependi l-aktar mis-suċċess fil-promozzjoni tal-paċi, l-iżvilupp u l-bini ta' stat fis-Somalja;

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

J. billi s-sitwazzjoni tas-sigurtà u dik militari fis-Somalja għadha perikoluża u imprevedibbli; billi l-missjoni AMISOM tal-Unjoni Afrikana irnexxielha treġġa' lura l-militar Islamista Al Shabaab u reċentement skjerat 100 suldat f'Baidoa; billi l-Kenja reċentement għamlet intervent militari fis-Somalja tan-nofsinhar-ċentrali imma ma rnexxiliex tegħleb b'mod deċisiv lil Al Shabaab; billi l-Forzi tad-Difiża Nazzjonali tal-Etjopja intervenew fir-reġjun ta' Hiraan u fir-reġjun ta' Bay fi Frar 2012; billi l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, it-tortura, l-arresti arbitrarji, l-esekuzzjonijiet sommarji u l-attakki bi tpattija kontra ċivili mill-forzi u l-militia tal-Etjopja leali lejn it-TFG inħarġu fil-pubbliku mill-Human Rights Watch; billi l-Eritrea, ġar tagħha, kienet akkużata mill-Grupp ta' Monitoraġġ u Sanzjonijiet tan-NU li qed tipprovdi armi, taħriġ u appoġġ finanzjarju lil Al Shabaab, b'hekk qed tikser l-embargo tal-armi tan-NU;

K. billi l-EMSA għandha għad-dispożizzjoni tagħha strumenti u dejta li jistgħu jgħinu biex l-operazzjoni EU NAVFOR ATALANTA ttejjeb is-sikurezza tal-bastimenti u tal-baħħara fiż-żona;

L. billi l-problema tal-piraterija għandha wkoll effetti negattivi fir-reġjun kollu, fejn l-operazzjonijiet huma rregolati minn għadd ta' ftehimiet bilaterali u multilaterali tas-sajd u saru attività perikoluża, mhux biss għall-bastimenti tas-sajd tal-UE, pereżempju dawk li jistadu fl-ibħra tas-Seychelles fuq il-bażi ta' Ftehim ta' Shubija dwar is-Sajd bejn l-UE u r-Repubblika tas-Seychelles, imma wkoll għas-sajjieda lokali li l-UE tagħtihom appoġġ settorjali u li għalhekk tassumi responsabilità soċjali;

M. billi l-UE hi l-akbar donatur fid-dinja ta' għajnuna għas-Somalja, billi sal-lum impenjat EUR 2 154 miljun permezz tal-Fond Ewropew ta' Żvilupp (FEŻ) għall-perjodu 2008-2013; billi l-għan ewlieni ta' dan il-finanzjament huwa li joħroġ il-persuni mill-faqar u jgħinhom jidħlu fi tkabbir ekonomiku awtosuffiċjenti u li jipprovdi soluzzjoni dejjiema għall-istabilità fil-pajjiż billi jindirizza l-kawżi aħħarin tal-piraterija permezz ta' fondi għal proġetti maħsuba biex itejbu l-governanza u l-istat tad-dritt, l-edukazzjoni u t-tkabbir ekonomiku u jappoġġja s-setturi mhux fokali (is-saħħa, l-ambjent, l-ilma u s-servizzi sanitarji); billi s-somma addizzjonali ta' EUR 175 miljun għall-perjodu 2011-2013 ingħatat permezz tal-FEŻ sabiex l-UE tkun tista' saħħaħ l-impenn tagħha u tappoġġja attivitajiet ġodda fl-oqsma msemmija hawn fuq; billi l-ebda waħda minn dawn il-miri ma tista' tintlaħaq bla istituzzjonijiet effikaċi ta' governanza fis-Somalja;

N. billi l-Qarn tal-Afrika u speċjalment is-Somalja kienu affettwati minn karestija severa kkawżata minn nixfa li wasslet għal kriżi umanitarja serja li affettwat aktar minn 12-il miljun persuna fir-reġjun u aktar minn 7.5 miljun fis-Somalja; billi l-karestija mhux biss ikkawżat il-mewt ta' ħafna persuni, speċjalment tfal, imma wasslet ukoll biex għadd kbir ta' refuġjati telqu lejn il-pajjiżi ġirien tal-Kenja u l-Etjopja; billi l-Kummissjoni Ewropea żiedet l-għajnuna umanitarja tagħha minn EUR 9 miljuni fl-2009 għal EUR 46 miljun fl-2008, imma issa naqset l-għajnuna tagħha għal biss EUR 35 miljun fl-2010 u EUR 30 miljun fl-2011; billi l-Kummissjoni rrevediet l-allokazzjoni tal-għajnuna umanitarja tagħha għal EUR 77 miljun biss wara n-nixfa tas-sajf tal-2011;

O. billi approċċ effikaċi għall-ġlieda kontra l-piraterija marittima jeħtieġlu jinkludi strateġija usa' u aktar komprensiva biex is-Somalja u r-reġjun kollu tal-Qarn tal-Afrika jinħarġu mill-faqar u mill-falliment tal-istati, minħabba li tal-anqas parti mis-Somalja tibbenefika ekonomikament minn atti ta' piraterija u mill-flejjes li jitħallsu bħala rahan;

P. billi, filwaqt li l-isforzi tal-UE fil-ġlieda kontra l-piraterija rnexxielhom jipproteġu l-bastimenti tal-Programm Dinji tal-Ikel (WFP) u tal-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM), dawk il-missjonijiet jeħtieġu impenn sostnut li jiżgura livelli ta' forza adegwati, u billi jissugraw li jisfaw imdgħajfa fil-ġejjieni minħabba nuqqas ta' forzi navali;

Q. billi bosta Stati Membri attwalment qed jiżviluppaw ir-regoli tagħhom dwar l-użu ta' gwardji armati abbord bastimenti tal-merkanzija;

1. Itenni t-tħassib serju tiegħu dwar it-theddida, li hija kontinwa u li dejjem qed tiżdied, tal-piraterija marittima u s-serq armat fuq il-baħar kontra l-bastimenti internazzjonali li jwasslu l-għajnuna lis-Somalja u kontra l-bastimenti tal-UE tas-sajd, tal-merkanzija u tal-passiġġieri fl-Oċean Indjan, partikolarment fl-ibħra lil hinn mix-xtut tas-Somalja u l-Qarn tal-Afrika, kontra s-sikurezza tal-baħħara u ta' persuni oħra u kontra l-istabilità reġjonali;

2. Jistieden lir-Rappreżentat Għoli u lill-Istati Membri sabiex b'urġenza jikkunsidraw modi li bihom jinħelsu l-191 baħħar li attwalment qed jinżammu ostaġġi, ħalli b'hekk tintemm il-priġunerija estiża u tal-waħx tagħhom f'idejn dawk li ħatfuhom u biex dawn il-baħħara jkunu jistgħu jirritornaw lejn djarhom u, fl-istess ħin, biex ma jibqgħux jinżammu s-seba' bastimenti maħtufa;

3. Jilqa' l-kontribuzzjoni li tat l-Operazzjoni EU NAVFOR ATALANTA għas-sigurtà marittima 'l barra mix-xtut tas-Somalja billi pproteġiet il-bastimenti mikrija tal-Programm Dinji tal-Ikel li qed iwasslu l-għajnuna lis-Somalja u bastimenti vulnerabbli oħra, għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin ta' atti ta' piraterija u serq armat lil hinn mix-xtut tas-Somalja u għall-iżgurar tal-effikaċja tar-reazzjoni tal-UE għall-piraterija marittima;

4. Jilqa' d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 2012 li tttawal il-mandat tal-EU NAVFOR ATALANTA sa Diċembru 2014 u testendi ż-żona tal-operazzjonijiet tal-forza;

5. Jiddeplora l-fatt li l-għadd ta' bastimenti li l-Istati Membri pprovdew għall-operazzjoni EU NAVFOR ATALANTA naqas minn tmienja għal biss tnejn/tlieta fil-bidu tal-2012, u għalhekk jappella lill-Istati Membri biex jipprovdu aktar riżorsi navali ħalli l-operazzjoni ATALANTA tkun tista' tirnexxi;

6. Jitlob li jkun hemm aktar koordinazzjoni skont il-mekkaniżmu SHADE bejn l-UE, in-NATO u t-tmexxija tat-tliet missjonijiet navali ewlenin kontra l-piraterija fir-reġjun (EU NAVFOR, CTF–150/151 u TF–508 fi ħdan l-operazzjoni Ocean Shield tan-NATO) u d-diversi forzi navali internazzjonali, sabiex ma jkunx hemm dupplikazzjoni żejda, minħabba li ż-żewġ organizzazzjonijiet, l-UE u n-NATO, joperaw fl-istess żona fuq il-bażi tal-awtonomija deċiżjonali rispettiva tagħhom iżda għandhom l-istess interessi u ġeneralment jinvolvu l-istess nazzjonijiet Ewropej;

7. Iħeġġeġ bil-qawwa lir-Rappreżentant Għoli biex titlob aktar koordinazzjoni u kooperazzjoni fost l-atturi internazzjonali kollha fis-Somalja u fil-Qarn tal-Afrika usa', jiġifieri l-UE, in-NATO, l-Istati Uniti tal-Amerika, in-NU u l-pajjiżi relevanti, bħala mezz kif jintlaħaq approċċ komprensiv reali u ffukat fil-ġlieda kontra l-piraterija u kontra, l-aktar importanti, il-kawżi aħħarin u l-konsegwenzi tagħha fil-livelli kollha;

8. Jissottolinja, fl-istess ħin, il-ħtieġa li tissaħħaħ il-koordinazzjoni strateġika bejn l-EU NAVFOR ATALANTA, EUTM Somalja u azzjonijiet oħra tal-PDSK (eż. l-RMCB meta tibda) fir-reġjun usa' tal-Qarn tal-Afrika; jilqa', f'dan ir-rigward, id-deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 2012 li tattiva Ċentru tal-Operazzjonijiet tal-UE b'sostenn għall-missjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) fil-Qarn tal-Afrika; jitlob, f'dan ir-rigward, li jsir rieżami tal-arranġamenti tal-kmand tal-EU NAVFOR ATALANTA u EUTM Somalja;

9. Jilqa' l-konferenza ta' Londra dwar is-Somalja tat-23 ta' Frar 2012, li wriet id-determinazzjoni tal-komunità internazzjonali li teqred il-piraterija, u jappella biex tiġi żviluppata aktar kapaċità ġudizzjarja għall-prosekuzzjoni u d-detenzjoni ta' dawk responsabbli għall-piraterija;

10. Jenfasizza li l-issuktar tal-piraterija bl-impunità tkun ostakolu għad-deterrenza; jiddeplora li minkejja l-ftehimiet ta' trasferiment tal-UE ma' pajjiżi terzi (il-Kenja, is-Seychelles, il-Mawrizju), ftehimiet bilaterali ta' ripatrijazzjoni għal dawk ħatja ta' atti ta' piraterija bejn is-Seychelles u r-reġjuni Somali ta' Puntland kif ukoll is-Somaliland, u d-diversi oqfsa legali internazzjonali, ħafna pirati u kriminali oħra għadhom ma ġewx arrestati jew, meta jiġu arrestati, spiss jinħelsu minħabba nuqqas ta' evidenza legali solida jew nuqqas ta' rieda politika fil-prosekuzzjoni tagħhom; jinnota, ukoll, li xi Stati Membri tal-UE għandhom salvagwardji inadegwati fil-liġi kriminali kontra l-piraterija marittima;

11. F'dan ir-rigward jitlob li jittieħdu miżuri immedjati u effikaċi għall-prosekuzzjoni u s-sanzjoni ta' dawk suspettati li wettqu atti ta' piraterija u jħeġġeġ lill-pajjiżi terzi u lill-Istati Membri tal-UE li għadhom ma għamlux dan sabiex jittrasponu fil-liġi nazzjonali tagħhom id-dispożizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Konvenzjoni tan-NU dwar it-Trażżin ta' Atti Illegali kontra s-Sikurezza tan-Navigazzjoni Marittima, sabiex jindirizzaw l-impunità tal-pirati, u jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex ikomplu jeżaminaw opportunitajiet li l-proċessi jsiru fil-pajjiżi tar-reġjun u biex jaħdmu fuq il-ħolqien ta' qrati speċjalizzati kontra l-piraterija fis-Somalja u fi Stati oħra tar-reġjun bħala soluzzjoni ġudizzjarja sostenibbli għall-prosekuzzjoni tal-pirati fis-Somalja;

12. Jinnota r-rakkomandazzjonijiet tas-Segretarju Ġenerali tan-NU lill-Kunsill tas-Sigurtà biex jiffaċilita l-qbid u l-prosekuzzjoni ta' pirati ssuspettati; jenfasizza, fl-istess ħin, il-bżonn li jkunu żgurati proċedimenti ġusti u effiċjenti permezz tal-qrati lokali eżistenti, kif ukoll priġunerija umana u sikura fil-faċilitajiet reġjonali;

13. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Europol u l-Interpol, biex jinvestigaw u jintraċċaw flussi tal-flus u jikkonfiskaw il-flejjes li jitħallsu lill-pirati b'rahan, għaliex hemm indikazzjonijiet li dawn is-somom jiġu ttrasferiti f'kontijiet bankarji mad-dinja kollha, inklużi banek fl-Ewropa, kif ukoll biex jidentifikaw u jżarmaw in-netwerks tal-kriminalità organizzata li jibbenefikaw mill-profitti ta' atti bħal dawn; jitlob lill-Kunsill biex jiffaċilita kooperazzjoni ulterjuti bejn l-EU NAVFOR minn naħa u l-Europol u l-Interpol min-naħa l-oħra;

14. Jinkoraġġixxi lill-EU NAVFOR, lin-NATO u lill-Forzi Marittimi ta' Koalizzjoni (CMF) biex jindirizzaw b'mod effikaċi ż-żieda fl-użu ta' bastimenti tal-merkanzija maħtufa bħala 'motherships', żvilupp li jikkostitwixxi tqawwija sinifikanti tal-kapaċità operazzjonali tal-pirati u li tippermettilhom iwettqu l-attakki tagħhom b'aktar saħħa, determinazzjoni u flessibilità fl-Oċean Indjan kollu kemm hu;

15. Jenfasizza li l-EMSA għandha tkompli tikkoopera mal-EU NAVFOR ATALANTA, fejn dan ikun f'loku, billi tgħaddi lill-operazzjoni, wara l-kunsens tal-Istat tal-bandiera, id-data dettaljata tal-LRIT u tal-immaġni satellitari tal-bastimenti li jtajru bandiera tal-UE li jkunu qed ibaħħru fiż-żona; għal dak il-għan, iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jawtorizzaw lill-Aġenzija ħalli tgħaddi din id-data u din l-informazzjoni lill-operazzjoni EU NAVFOR;

16. Iqis li, fid-dawl tal-proliferazzjoni tal-piraterija, il-baħħara esposti għal theddidiet marbuta mal-piraterija għandhom jiġu mħarrġa biex isaħħu l-protezzjoni tagħhom infushom; jenfasizza l-ħtieġa li l-kumpaniji marittimi jaderixxu mal-"Aħjar Prattiki għall-protezzjoni kontra l-Piraterija bbażata fis-Somalja" (BMP4) u japplikawhom bis-sħiħ, għax dawn jagħtu lill-partijiet kollha involuti informazzjoni suffiċjenti dwar modi li bihom jassistu l-bastimenti biex jevitaw, jiskoraġġixxu jew iżommu lura attakki tal-pirati 'l barra mix-xtut tas-Somalja; itenni s-sejħa tiegħu biex il-bastimenti kollha li joperaw fiż-żona jirreġistraw mal-korpi relevanti ta' koordinazzjoni tas-sigurtà marittima u jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-EU NAVFOR ATALANTA; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-bastimenti kollha jkunu reġistrati;

17. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni man-NU u mal-Unjoni Afrikana u wara d-diversi talbiet mill-Gvern Federali Tranżizzjonali (TFG) tas-Somalja għal assistenza internazzjonali li tipproteġi l-bastimenti tal-għajnuna umanitarja u tikkonfronta l-piraterija 'l barra mix-xtut tal-pajjiż, biex ikomplu jikkooperaw u jsostnu lit-TFG tas-Somalja fil-ġlieda kontra l-piraterija, iressqu lil min iwettaq dawn l-atti quddiem il-ġustizzja u jgħinu lis-Somalja u lir-reġjun biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom;

18. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Affarijiet Barranin tat-12 ta' Diċembru 2011 li tvara l-missjoni 'EUCAP Nestor' tal-Bini tal-Kapaċitajiet Reġjonali Marittimi (RMCB), li se jkollha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċitajiet marittimi u ġudizzjarji u t-taħriġ tal-forza kostali tal-pulizija u tal-imħallfin fi tmien pajjiżi fil-Qarn tal-Afrika u fill-Punent tal-Oċejan Indjan; jistieden, għalhekk, lill-Kunsill u lis-SEAE biex jagħmlu kull sfroz ħalli l-RMCB jibda f'dan ir-reġjun fis-sajf li ġej;

19. Jagħraf li t-taħriġ hu parti waħda biss fil-bini tal-kapaċità marittima u jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, biex jipprovdu assistenza materjali lill-missjoni u lir-reġjun, u speċifikament Bastimenti tal-Għassa Marittima;

20. Jappoġġja bis-sħiħ il-proċess ta' Ġibuti għall-paċi u r-rikonċiljazzjoni; jitlob għal approċċ komprensiv għas-sitwazzjoni fis-Somalja, li jorbot is-sigurtà mal-iżvilupp, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali;

21. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tipproponi EUR 100 miljun addizzjonali bħala appoġġ finanzjarju tal-UE taħt il-Faċilità tal-Paċi Afrikana lill-Missjoni tal-Unjoni Afrikana fis-Somalja (AMISOM), u jistieden lill-Istati Membri u lill-komunità internazzjonali jgħinu fil-promozzjoni tal-paċi, l-iżvilupp ekonomiku u l-bini ta' sistema demokratika stabbli fis-Somalja li tiffaċilita s-sigurtà u tiġġieled kontra l-piraterija fuq perjodu twil ta' żmien; jilqa' l-ħatra ta' rappreżentant speċjali tal-UE għall-Qarn tal-Afrika;

22. Huwa mħasseb dwar is-sitwazzjoni umanitarja li sejra lura fil-Qarn tal-Afrika u jitlob li l-komunità internazzjonali, u l-UE b'mod partikolari, biex iqawwu l-għoti ta' assistenza umanitarja lill-persuni fil-bżonn sabiex jaqdu l-ħtiġijiet umanitarji li qed jikbru u jevitaw li s-sitwazzjoni tkompli teħżien bi kwalunkwe mod;

23. Itenni li kwalunkwe strateġija kontra l-piraterija għandha tqis il-fatt li l-piraterija taqdi interessi ekonomiċi illegali u li kwalunkwe inċentiva biex il-poplu tas-Somalja jinfatam mill-piraterija jeħtiġilha timmira lejn l-impjiegi għaż-żgħażagħ u lejn li n-nies lokali jkollhom modi alternattivi ta' għajxien li bihom jistgħu jkampaw;

24. Jilqa' l-proġett EU Marsic, parti mill-Programm ta' Rotot Marittimi Kritiċi tal-Istrument għall-Istabilità, li għandu l-għan li jsaħħaħ is-sigurtà u s-sikurezza fil-Punent tal-Oċean Indjan u fil-Golf ta' Aden permezz tal-qsim tal-informazzjoni u l-bini tal-kapaċità, minħabba li jenfasizza l-kooperazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi tar-reġjun; jistenna li l-proġett jiġi estiż għal wara l-2013;

25. Jinkoraġġixxi inizjattivi kontra l-piraterija fil-pajjiżi tar-reġjun tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Afrika u tal-Oċejan Indjan, bħalma huwa l-proġett MASE (Programm Marittimu u ta' Sigurtà) kontra l-piraterija, li bbenefika minn għotja tal-bidu ta' EUR 2 miljuni mill-UE; jilqa' l-kumplimentarjetà maħsuba bejn proġetti ffinanzjati mill-Kummissjoni u l-missjoni tal-PSDK dwar l-RMCB;

26. Itenni li l-piraterija 'l barra mix-xtut tas-Somalja hija estensjoni tan-nuqqas tad-dritt u tal-ordni f'dak il-pajjiż, u għalhekk il-komunità internazzjonali għandha tipprovdi l-appoġġ tekniku u finanzjarju meħtieġ biex tassisti lit-TFG fl-iżvilupp tal-kapaċità biex ikun jista' jeżerċita kontroll fuq l-ilmijiet territorjali tiegħu u, skont il-liġi internazzjonali, fuq iż-żona ekonomika esklussiva tiegħu;

27. Jilqa' x-xogħol tal-Grupp ta' Kuntatt tan-NU dwar il-Piraterija 'l barra mix-xtut tas-Somalja, li jifforma forum bla preċedent biex jissaħħu l-livell u l-kwalità tal-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam, sew bejn l-Istati kif ukoll mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha ewlenin ikkonċernati;

28. Jilqa' l-koordinazzjoni mill-qrib mal-IMO fil-qasam tal-bini tal-kapaċità marittima kif ukoll ix-xogħol biex tiġi konkluża s-Sħubija Strateġika UE-IMO kontra l-piraterija fir-reġjun usa' tal-Qarn tal-Afrika;

29. Jissottolinja li l-użu ta' gwardji armati privati abbord huwa miżura li ma tistax tieħu post is-soluzzjoni komprensiva meħtieġa għat-theddida multidimensjonali tal-piraterija; iqis il-fatt li xi Stati Membri introduċew leġiżlazzjoni relevanti; f'dan il-kuntest, jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri ta' sigurtà meħtieġa abbord fejn dan ikun possibbli, kif ukoll jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jaħdmu biex ifasslu approċċ tal-UE li jikkonċerna l-użu ta' persunal iċċertifikat armat abbord ħalli jiżgura implimentazzjoni tajba tal-linji gwida tal-IMO f'dan ir-rigward;

30. Ifakkar li, fl-ibħra internazzjonali, skont il-ligi internazzjonali, fil-każijiet kollha, inklużi azzjonijiet meħuda fil-ġlieda kontra l-piraterija, tapplika l-ġuriżdizzjoni nazzjonali tal-istat tal-bandiera fuq il-vapuri kkonċernati, kif ukoll il-persunal militari li jkun hemm abbord; jinnota, barra minn hekk, li l-ebda awtorità għajr dawk tal-Istat tal-bandiera ma tista' tordna arrest jew detenzjoni ta' bastiment, lanqas bħala miżura ta' investigazzjoni;

31. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jibgħat din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lis-Segretarji Ġenerali tal-Unjoni Afrikana, tan-NU u tal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD), lill-President tal-Gvern Federali Tranżizzjonali tas-Somalja u lill-Parlament Pan-Afrikan.

## Appoġġ għall-Jum Ewropew ta' Tifkira tal-Ġusti

P7_TA(2012)0205

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 f'appoġġ għall-Jum Ewropew ta' Tifkira tal-Ġusti**

(2013/C 261 E/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. filwaqt li jfakkar is-sinifikanza morali kbira tal-Ġnien tal-Ġusti f'Ġerusalemm, mibdi minn Moshe Bejski, li ta ġieħ lil dawk li għenu lil-Lhud waqt l-Olokawst;

B. filwaqt li jfakkar l-istituzzjonijiet li onoraw dawk li salvaw il-ħajjiet waqt il-ġenoċidji u l-qtil bil-massa kollha (bħall-Armeni, il-Bożnijaċi, il-Kambodjani, u tar-Rwanda) u d-delitti l-oħrajn kontra l-umanità li twettqu fis-sekli 20 u 21);

C. filwaqt li jfakkar dawk kollha li ppreservew id-dinjità tal-bniedem waqt it-totalitarjaniżmu Nażista u Komunista;

D. billi t-tifkira tal-Ġust hija essenzjali għall-kostruzzjoni tal-Ewropa għaliex tgħallem lill-ġenerazzjonijiet il-ġodda li kulħadd għandu l-għażla li jgħin bnedmin oħra u li jiddefendi d-dinjità tal-bnedmin u l-istituzzjonijiet pubbliċi għandhom id-dmir li jenfasizzaw l-eżempju ta' min irnexxielu jipproteġi dawk ippersegwitati minħabba mibegħda;

1. Jappoġġa s-sejħa ta' ċittadini prominenti biex jiġi stabbilit Jum Ewropew tal-Ġusti li jfakkar fis-6 ta' Marzu dawk li b'responsabbiltà individwali sfidaw id-delitti kontra l-umanità u t-totalitarjaniżmu;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ([1]), lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

([1]) Il-lista ta' firmatarji hija ppubblikata fl-Anness 1 għall-Minuti tal-10 ta' Mejju 2012 (P7_PV(2012)05-10(ANN1)).

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Talba għall-ħarsien tal-immunità parlamentari ta' Corneliu Vadim Tudor

P7_TA(2012)0151

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar it-talba għall-ħarsien tal-immunità u l-privileġġi ta' Corneliu Vadim Tudor (2011/2100(IMM))**

(2013/C 261 E/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba ta' Corneliu Vadim Tudor tal-14 ta' April 2011, imħabbra fil-plenarja fid-9 ta' Mejju 2011, għall-ħarsien tal-immunità tiegħu b'konnessjoni mal-proċeduri miftuħa kontrih mill-Prosekutur Pubbliku marbut mal-Qorti Superjuri tal-Kassassjoni u l-Ġustizzja tar-Rumanija,

— wara li f'żewġ okkażjonijiet ta opportunità lil Corneliu Vadim Tudor li jsemma' leħnu, skont l-Artikolu skont l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll tat-8 ta' April 1965 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew permezz ta' suffraġju universali dirett,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, l-10 ta' Lulju 1986, il-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, id-19 ta' Marzu 2010 u s-6 ta' Settembru 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 72 tal-Kostituzzjoni tar-Rumanija,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Ambaxxatur tar-Rumanija għall-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Ottubru 2011,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(3) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0151/2012),

A. billi Corneliu Vadim Tudor, Membru tal-Parlament Ewropew, talab għall-ħarsien tal-immunità parlamentari tiegħu f'konnessjoni ma' proċeduri quddiem il-Qorti Superjuri tal-Kassassjoni u tal-Ġustizzja tar-Rumanija;

([1]) Kawża 101/63 *Wagner vs Fohrmann u Krier* [1964] Ġabra 195, Kawża 149/85 *Wybot vs Faure et al* [1986] Ġabra 2391, Kawża T-345/05 *Mote vs Il-Parlament* [2008] Ġabra II-2849, Kawżi Magħquda C-200/07 u C-201/07 *Marra vs De Gregorio u Clemente* [2008] Ġabra I-7929, u Kawża T-42/06 *Gollnisch vs Il-Parlament* [2010] Ġabra II-1135 u Kawża C-163/10 Patriciello (għadha mhix ippubblikata fil-Ġabra).

B. billi t-talba tas-Sur Tudor hi relatata ma' proċeduri kriminali li fihom ġie mixli li hedded uffiċjal amministrattiv u xi uffiċjali tal-pulizija, li wettaq atti ta' vjolenza kontrihom, li insultahom u li b'mod ġenerali pprova jostakola l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni legali fil-kuntest tat-tkeċċija tal-partit Romania Mare mill-bini tiegħu f'Bucharest fl-4 ta' Jannar 2011;

C. billi f'dawn il-proċeduri kriminali Corneliu Vadim Tudor qed jiġi mixli b'disprezz tal-qorti, imġiba li tmur kontra l-morali pubbliċi u ksur tal-paċi pubblika;

D. billi skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, il-Membri tal-Parlament Ewropew m'għandhom ikunu suġġetti għal inkjesti, detenzjonijiet jew proċeduri legali minħabba opinjonijiet espressi jew voti mitfugħa minnhom fil-prestazzjoni tad-dmirijiet tagħhom, u billi, skont l-Artikolu 9 ta' dak il-Protokoll, il-Membri għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-Parlament tagħhom;

E. billi fl-ittra tiegħu is-Sur Tudor jagħmel referenza għall-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll (preċedentement l-Artikoli 9 u 10); billi l-Artikolu 9 mhux relevanti fid-dawl tal-Artikolu 72 tal-Kostituzzjoni Rumena, u għaldaqstant it-talba tiegħu għandha titqies bħala li hi bbażata biss fuq l-Artikolu 8;

F. billi f'ittra tat-8 ta' Ġunju 2011 il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali kiteb lill-awtoritajiet Rumeni u talabhom aktar informazzjoni dettaljata dwar il-proċeduri kontra s-Sur Tudor;

G. billi permezz ta' ittra tas-7 ta' Ottubru 2011, l-awtoritajiet Rumeni qalu: "minħabba li s-Sur Tudor ma ġiex miżmum jew arrestat u lanqas ma saret tfittxija fuqu, il-ħtieġa li jintalab il-qbil mal-Parlament Ewropew ma teżistix. Minħabba li l-fatti tal-każ mhumiex konnessi mal-voti tiegħu u lanqas mal-opinjonijiet politiċi espressi fl-eżerċizzju tal-kariga tiegħu u li ma ġiex miżmum jew arrestat u lanqas ma saret tfittxija fuqu, ma kien meqjus meħtieġ li tintalab it-tneħħija tal-immunità tas-Sur Tudor";

H. billi t-tkeċċija tal-partit Romania Mare u ċ-ċirkostanzi tas-sitwazzjoni fil-fatt jikkostitwixxu kwistjonijiet ċivili u kriminali li m'għandhomx konnessjoni diretta u ovvja mal-prestazzjoni tad-dmirijiet tas-Sur Tudor bħala Membru tal-Parlament Ewropew;

I. billi s-Sur Tudor m'għamilx użu mill-opportunità li jispjega lill-awtoritajiet kompetenti t-talba tiegħu għal ħarsien tal-immunità tiegħu, b'mod partikolari fid-dawl tal-ittra mingħand l-awtoritajiet Rumeni;

1. Jiddeċiedi li ma jħarisx l-immunità u l-privileġġi ta' Corneliu Vadim Tudor.

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Rumanija u lil Corneliu Vadim Tudor.

## Emenda tal-Artikoli 87a u 88 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

P7_TA(2012)0199

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-emendar tal-Artikoli 87a u 88 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew (2009/2195(REG))**

(2013/C 261 E/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ittra tal-President tiegħu bid-data tad-9 ta' Ottubru 2009,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2010 dwar is-setgħa tad-delega leġiżlattiva ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 211 u 212 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0072/2012),

1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;

2. Ifakkar li dawn l-emendi jidħlu fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tas-sessjoni parzjali li jmiss;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**
**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 87a**

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|
| ***Meta att leġiżlattiv jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tissuplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv, il-kumitat responsabbli:*** <br><br> ***— għandu jeżamina kull abbozz ta' att delegat meta jintbagħat lill-Parlament għal skrutinju;*** <br><br> ***— jista' jippreżenta lill-Parlament permezz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni kwalunkwe proposta xierqa f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-att leġiżlattiv.*** <br><br> ***Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 88(1), (2) u (3) għandhom japplikaw mutatis mutandis.*** | ***1. Meta l-Kummissjoni tibgħat att delegat lill-Parlament, il-President għandu jgħaddih lill-kumitat responsabbli għall-att leġiżlattiv ta' bażi, li jista' jiddeċiedi li jaħtar rapporteur għall-analiżi ta' att delegat wieħed jew iktar.*** |

**Emenda 2**
**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 87 a – paragrafu 1 a (ġdid)**

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|
| | ***1a. Il-President għandu jħabbar lill-Parlament id-data meta l-att delegat ikun wasal fil-lingwi uffiċjali kollha u l-perjodu li matulu jistgħu jitqajmu oġġezzjonijiet. Dan il-perjodu għandu jibda minn din id-data.*** <br><br> ***It-tħabbira għandha tiġi ppubblikata fil-minuti tas-seduta, flimkien mal-isem tal-kumitat responsabbli.*** |

([1]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
([2]) ĠU C 81E, 15.3.2011, p. 6.

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 3**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 87a – paragrafu 1b (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***1b. Il-kumitat responsabbli jista', b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-att leġiżlattiv ta' bażi u, jekk iqis li jkun xieraq, wara li jkun ikkonsulta lil kull kumitat konċernat, iressaq mozzjoni għal riżoluzzjoni motivata lill-Parlament. Dik il-mozzjoni għal riżoluzzjoni għandha tispeċifika r-raġunijiet tal-Parlament għall-oġġezzjonijiet u jista' jkun fiha talba lill-Kummissjoni biex jiġi ppreżentat att delegat ġdid li jqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament.*** |

**Emenda 4**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 87a – paragrafu 1 c (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***1c. Jekk għaxart ijiem tax-xogħol qabel il-bidu tas-sessjoni parzjali li matulha l-jum tal-Erbgħa jaħbat qabel u l-eqreb għall-jum tal-iskadenza msemmija fil-paragrafu 5, il-kumitat responsabbli ma jkunx ressaq il-mozzjoni għal riżoluzzjoni, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin membru jistgħu jressqu mozzjoni għal riżoluzzjoni dwar il-kwistjoni biex tiddaħħal fl-aġenda tas-sessjoni parzjali hawn fuq imsemmija.*** |

**Emenda 5**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 87a – paragrafu 1d (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***1d. Il-Parlament għandu jiddeċiedi, fiż-żmien stipulat fl-att leġiżlattiv ta' bażi, dwar kull mozzjoni għal riżoluzzjoni mressqa, bil-maġġoranza stipulata fl-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.*** |
| | ***Meta l-kumitat responsabbli jqis li hu xieraq li jestendi, skont l-att leġiżlattiv ta' bażi, l-iskadenza għat-tressiq ta' oġġezzjonijiet għall-att delegat, il-President tal-kumitat kompetenti għandu jinnotifika, f'isem il-Parlament, din l-estensjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.*** |

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 6**
**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 87a – paragrafu 1e (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *1e. Jekk il-kumitat responsabbli jirrakkomanda li, qabel l-iskadenza stipulata fl-att leġiżlattiv ta' bażi, il-Parlament jiddikjara li mhux se joġġezzjona għall-att delegat:*<br>*— huwa għandu jgħarraf lill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati permezz ta' ittra li tistipula r-raġunijiet tiegħu u jressaq rakkomandazzjoni dwar dan;*<br>*— jekk ma titressaq l-ebda oġġezzjoni fil-laqgħa li jkun imiss tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati jew f'każ ta' urġenzail-president tal-kumitat għandu javża, permezz ta' proċedura bil-miktub, lill-President tal-Parlament, li għandu jgħarraf lill-plenarja mill-iktar fis possibbli;*<br>*— jekk, fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa wara t-tħabbir fil-plenarja, grupp politiku jew mhux inqas minn erbgħin Membru joġġezzjonaw għar-rakkomandazzjoni, din tal-aħħar għandha titqiegħed għall-votazzjoni;*<br>*— jekk fl-istess perjodu, ma ssir l-ebda oġġezzjoni, ir-rakkomandazzjoni proposta għandha titqies bħala approvata;*<br>*— l-adozzjoni ta' tali rakkomandazzjoni għandha twassal biex kwalunkwe proposta ta' oġġezzjoni sussegwenti għall-att delegat tkun inammissibbli.* |

**Emenda 7**
**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 87a - paragrafu 1f (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *1f. Il-kumitat responsabbli jista', b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-att leġiżlattiv ta' bażi, jieħu l-inizjattiva li jressaq mozzjoni għal riżoluzzjoni motivata lill-Parlament biex tiġi revokata, kollha kemm hi jew parzjalment, id-delega tas-setgħat stipulati għal dan l-att. Il-Parlament għandu jaġixxi skont il-maġġoranza stipulata fl-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.* |

**Emenda 8**
**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 87a – paragrafu 1g (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *1g. Il-President għandu jgħarraf lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar il-pożizzjonijiet meħuda skont dan l-Artikolu.* |

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 9**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 88 – titolu**

| | |
|---|---|
| Miżuri ta' implimentazzjoni | ***Atti u miżuri*** ta' implimentazzjoni |

**Emenda 10**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 88 – paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. Meta l-Kummissjoni tgħaddi abbozz ta' ***miżuri implimentattivi*** lill-Parlament, il-President għandu ***jirreferi l-abbozz ta' miżuri*** lill-kumitat responsabbli għall-att ***li minnu joħorġu l-miżuri ta' implimentazzjoni. Jekk tkun ġiet applikata il-proċedura b'kumitati assoċjati fir-rigward ta' l-att*** bażiku, ***il-kumitat responsabbli għandu jistieden lil kwalunkwe kumitat assoċjat biex jistqarr il-fehmiet tiegħu bil-fomm jew permezz ta' ittra***. | 1. Meta l-Kummissjoni tgħaddi abbozz ta***' att jew miżura ta' implimentazzjoni*** lill-Parlament, il-President għandu ***jibagħtu*** lill-kumitat responsabbli għall-att ***leġiżlattiv ta' bażi***, ***liema kumitat jista' jiddeċiedi li jaħtar rapporteur għall-analiżi ta'*** abbozz ***wieħed jew iżjed ta' atti jew miżuri ta' implimentazzjoni***. |

**Emenda 11**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 88 – paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. ***Il-president tal-kumitat*** responsabbli ***għandu jistipola skadenza biex il-Membri jipproponu li l-kumitat joġġezzjona għall-abbozz ta' miżuri. Jekk il-kumitat iqis li hu xieraq***, jista' ***jiddeċiedi li jaħtar rapporteur minn fost il-membri tiegħu jew minn fost is-sostituti permanenti. Jekk il-kumitat joġġezzjona għall-abbozz ta' miżuri, għandu jqiegħed fuq il-Mejda*** mozzjoni għal riżoluzzjoni li ***topponi l-adozzjoni*** ta' ***l-abbo***zz ta' ***miżuri li tista' tindika wkoll il-bidliet li għandhom isiru għall-abbo***zz ta' ***miżuri***. | 2. ***Il-kumitat*** responsabbli jista' ***jippreżenta*** mozzjoni għal riżoluzzjoni ***motivata lill-Parlament*** li ***tindika li abbo***zz ta' ***att jew*** ta' ***miżura*** ta' ***implimentazzjoni jaqbeż il-kompetenzi ta' implimentazzjoni stipulati fl-att leġiżlattiv ta' bażi jew mhux konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal raġunijiet oħra***. |
| ***Jekk il-Parlament sa' l-iskadenza applikabbli ikkalkulata mid-data ta' riċeviment ta' l-abbozz ta' miżuri, jadotta riżoluzzjoni bħal din il-President għandu jitlob lill-Kummissjoni tirtira jew temenda l-abbozz ta' miżuri jew tressaq proposta skond il-proċedura leġislattiva xierqa.*** | |

**Emenda 12**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 88 – paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. ***Jekk ma jkun hemm l-ebda sessjoni parzjali qabel ma jagħlaq iż-żmien, id-dritt ta' tweġiba għandu jitqies li jkun ġie ddelegat lill-kumitat responsabbli. Din it-tweġiba għandha tieħu s-sura ta' ittra mill-president tal-kumitat lill-Membru tal-Kummissjoni responsabbli, u għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-Membri kollha tal-Parlament.*** | 3. ***Il-mozzjoni għal riżoluzzjoni tista' tinkludi talba lill-Kummissjoni biex tirtira l-att, il-miżura jew l-abbozz ta' att jew ta' miżura, biex temendah filwaqt li jitqiesu l-oġġezzjonijiet formulati mill-Parlament jew biex titressaq proposta leġiżlattiva ġdida. Il-President għandu jgħarraf lill-Kunsill u l-Kummissjoni bil-pożizzjoni li tittieħed.*** |

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 13**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 88 - paragrafu 4 - parti introduttorja**

| | |
|---|---|
| 4. Jekk il-miżuri ta' implimentazzjoni previsti mill-Kummissjoni jaqgħu taħt il-proċedura regolatorja bi skrutinju, ***il-paragrafu 3 m'għandux japplika u l-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu ssupplimentati kif ġej:*** | 4. Jekk il-miżuri ta' implimentazzjoni previsti mill-Kummissjoni jaqgħu taħt il-proċedura regolatorja bi skrutinju ***prevista fid-Deċiżjoni 1999/468/KE tal-Kunsill li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet kumplimentari li ġejjin:*** |

**Emenda 14**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 88 – paragrafu 4 – punt a**

| | |
|---|---|
| a) iż-żmien ta' l-iskrutinju għandu jibda jgħodd meta l-abbozz ta' miżuri jkun ġie mressaq lill-Parlament bil-lingwi uffiċjali kollha. Fejn japplikaw limiti ***iqsar*** ta' żmien ***(Artikolu*** 5a(5)(b) tad-Deċiżjoni ***tal-Kunsill*** 1999/468/KE ***li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni)*** u f'każijiet ta' urġenza ***(Artikolu 5a(6)*** tad-Deċiżjoni 1999/468/KE), il-perjodu taż-żmien għall-iskrutinju għandu jibda jgħodd mid-data meta l-Parlament jirċievi l-abbozz aħħari tal-miżuri ta' implimentazzjoni fil-verżjonijiet lingwistiċi ppreżentati lill-membri tal-kumitat stabbilit skond id-Deċiżjoni 1999/468/KE, ħlief jekk ikun hemm oġġezzjoni mill-president tal-kumitat responsabbli. L-Artikolu 146 m'għandux japplika f'dan il-każ; | a) iż-żmien ta' l-iskrutinju għandu jibda jgħodd meta l-abbozz ta' miżuri jkun ġie mressaq lill-Parlament bil-lingwi uffiċjali kollha. Fejn japplikaw limiti ta' żmien ***ta' skrutinju applikati kif previst fl-Artikolu 5a(5)(b)*** tad-Deċiżjoni 1999/468/KE u f'każijiet ta' urġenza ***stipulati fl-Artikolu*** 5a(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, il-perjodu taż-żmien għall-iskrutinju għandu jibda jgħodd mid-data meta l-Parlament jirċievi l-abbozz aħħari tal-miżuri ta' implimentazzjoni fil-verżjonijiet lingwistiċi ppreżentati lill-membri tal-kumitat stabbilit skond id-Deċiżjoni 1999/468/KE, ħlief jekk ikun hemm oġġezzjoni mill-president tal-kumitat responsabbli. L-Artikolu 146 m'għandux japplika f'dan il-każ; |

**Emenda 15**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 88 – paragrafu 4 – punt aa (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***A a) Jekk l-abbozz ta' miżura ta' implimentazzjoni jkun ibbażat fuq il-paragrafu 5 jew 6 tal-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, li jistipula limiti ta' żmien imqassra għal oppożizzjoni mill-Parlament, tista' titqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni li topponi l-adozzjoni tal-abbozz ta' miżura mill-president tal-kumitat responsabbli jekk dak il-kumitat ma jkunx seta' jiltaqa' fiż-żmien disponibbli.*** |

**Emenda 16**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 88 – paragrafu 4 – punt b**

| | |
|---|---|
| b) Il-Parlament, billi jaġixxi b'maġġoranza tal-Membri kollha tiegħu, jista' jopponi l-adozzjoni ta' ***l-abbozz*** ta' ***miżuri, filwaqt li jiġġustifika l-oppożizzjoni tiegħu*** billi jindika li l-abbozz ***ta' miżuri*** jisboq *s-setgħat* ta' implimentazzjoni pprovduti ***fl-istrument*** bażiku, li mhux kompatibbli *ma' l-għan* jew il-kontenut ***ta' l-istrument*** bażiku jew li ma jirrispettax il-prinċipji tas- sussidjarjetà jew proporzjonalità; | b) Il-Parlament, billi jaġixxi b'maġġoranza tal-Membri kollha tiegħu, jista' jopponi l-adozzjoni ***tal-abbozz*** ta' ***miżura*** ta' ***implimentazzjoni*** billi jindika li l-abbozz jisboq *is-setgħat* ta' implimentazzjoni pprovduti ***fl-att ta' bażi***, li mhux kompatibbli *mal-għan* jew il-kontenut ***tal-att ta' bażi***jew li ma jirrispettax il-prinċipji tas-sussidjarjetà jew proporzjonalità; |

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 17**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 88 – paragrafu 4 – punt c**

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|
| c) ***Jekk l-abbozz ta' miżuri ikun ibbażat fuq il-paragrafu 5 jew 6 ta' l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, li jistipula limiti ta' żmien imqassra għal oppożizzjoni mill-Parlament, tista' titqiegħed fuq il-Mejda mozzjoni għal riżoluzzjoni li topponi l-adozzjoni ta' l-abbozz ta' miżuri mill-president tal-kumitat responsabbli jekk dak il-kumitat ma jkunx seta' jiltaqa' fiż-żmien disponibbli.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 18**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 88 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)**

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|
| | ***c a) fil-każ li l-kumitat responsabbli, wara talba motivata kif xieraq mill-Kummissjoni, jirrakkomanda permezz ta' ittra motivata lill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati li l-Parlament jiddikjara li ma jopponix il-miżura proposta, qabel l-iskadenza taż-żmien normali stipulat fl-Artikolu 5a(3)(c) u/jew l-Artikolu 5a(4)(e) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikolu 87a, paragrafu 6, tar-regolament.*** |

**Emenda 19**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 88 a – titolu (ġdid)**

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|
| | ***Artikolu 88 (a)*** <br><br> ***Eżami tal-proċedura ta' kumitati assoċjati jew ta' laqgħat konġunti ta' kumitati*** |

**Emenda 20**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 88 a – paragrafu 1 (ġdid)**

| TEST FIS-SEĦĦ | EMENDA |
|---|---|
| | ***1. Jekk l-att leġiżlattiv ta' bażi jkun ġie adottat mill-Parlament permezz tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 50, id-dispożizzjonijiet kumplimentarji li ġejjin għandhom japplikaw għall-eżami ta' atti delegati u abbozzi ta' atti jew ta' miżuri ta' implimentazzjoni:*** <br><br> ***— l-att delegat jew l-abbozz ta' att jew ta' miżura ta' implimentazzjoni għandu jintbagħat lill-kumitat responsabbli u lill-kumitat assoċjat;*** |

| TEST FIS-SEħħ | EMENDA |
|---|---|
| | — *il-president tal-kumitat responsabbli jistabbilixxi t-tul ta' żmien li fih il-kumitat assoċjat jista' jiffurmula proposti relatati mal-punti li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tiegħu jew il-kompetenza konġunta ta' dawn iż-żewġ kumitati;* |
| | — *jekk l-att delegat jew l-abbozz ta' att jew ta' miżura ta' implimentazzjoni jaqgħu essenzjalment taħt il-kompetenzi esklużivi tal-kumitat assoċjat, id-dispożizzjonijiet tagħhom għandhom jiddaħħlu mingħajr votazzjoni mill-kumitat responsabbli; jekk dan ma jsirx, il-President jista' jawtorizza lill-kumitat assoċjat iressaq mozzjoni għal riżoluzzjoni lill-Parlament.* |

**Emenda 21**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 88 a – paragrafu 2 (ġdid)**

| TEST FIS-SEħħ | EMENDA |
|---|---|
| | *2. Jekk l-att leġiżlattiv bażiku ikun ġie adottat mill-Parlament permezz tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 51, id-dispożizzjonijiet kumplimentarji li ġejjin għandhom japplikaw għall-eżami ta' atti delegati u abbozzi ta' atti jew ta' miżuri ta' implimentazzjoni:* |
| | — *il-President għandu jiddetermina, meta jasal l-att delegat jew l-abbozz ta' att jew ta' miżura ta' implimentazzjoni, liema jkun il-kumitat responsabbli jew il-kumitati konġunti responsabbli għall-eżami tagħhom, billi jitqiesu l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 51 u kwalunkwe ftehimiet li jkunu saru bejn il-presidenti tal-kumitati kkonċernati;* |
| | — *jekk att delegat jew abbozz ta' att jew ta' miżura ta' implimentazzjoni jerġa' jintbagħat għal eżami skont il-proċedura tal-laqgħat tal-kumitati konġunti, kull kumitat jista' jitlob li tissejjaħ laqgħa konġunta għall-eżami ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni. Jekk il-presidenti tal-kumitati kkonċernati ma jirnexxilhomx jilħqu qbil, il-laqgħa konġunta għandha tissejjaħ mill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati.* |

**Emenda 22**

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew**
**Artikolu 216 – paragrafu 4**

| TEST FIS-SEħħ | EMENDA |
|---|---|
| 4. Il-corrigendum għandu jitħabbar fis-sessjoni parzjali li jkun imiss. Dan għandu jitqies bħala approvat ħlief jekk, sa mhux aktar tard minn ***tmienja u erbgħin*** siegħa wara t-tħabbir tiegħu, ma ssirx talba minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru biex jitressaq għall-votazzjoni. Jekk il-corrigendum ma jiġix approvat, għandu jiġi rriferut lura lill-kumitat responsabbli li jista' jew jipproponi corrigendum immodifikat jew jagħlaq il-proċedura. | 4. Il-corrigendum għandu jitħabbar fis-sessjoni parzjali li jkun imiss. Dan għandu jitqies bħala approvat ħlief jekk, sa mhux aktar tard minn ***erbgħa u għoxrin*** siegħa wara t-tħabbir tiegħu, ma ssirx talba minn grupp politiku jew minn mhux inqas minn erbgħin Membru biex jitressaq għall-votazzjoni. Jekk il-corrigendum ma jiġix approvat, għandu jiġi rriferut lura lill-kumitat responsabbli li jista' jew jipproponi corrigendum immodifikat jew jagħlaq il-proċedura. |

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

## Eżami fil-kumitat ta' mistoqsijiet bil-miktub li ma twieġbux (interpretazzjoni tal-Artikolu 117(3) tar-Regoli ta' Proċedura)

P7_TA(2012)0204

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-eżami fil-kumitat ta' mistoqsijiet bil-miktub li ma twieġbux (interpretazzjoni tal-Artikolu 117(3) tar-Regoli ta' Proċedura)**

(2013/C 261 E/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ittra tas-27 ta' April 2012 tal-president tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 211 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. jiddeċiedi li japplika l-interpretazzjoni li ġejja għall-Artikolu 117, paragrafu 3 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu:

"Peress li l-President ta' kumitat għandu s-setgħa li jsejjaħ laqgħa ta' dak il-kumitat, kif stipulat fl-Artikolu 193(1), huwa għandu wkoll, fl-interess ta' organizzazzjoni tajba tal-proċeduri, jiddeċiedi dwar l-abbozz ta' aġenda għal-laqgħa li jsejjaħ. Din il-prerogattiva tapplika mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-President skont l-Artikolu 117(3) li jissottometti mistoqsija bil-miktub, fuq talba tal-awtur tagħha, fl-abbozz ta' aġenda tal-laqgħa li jkun imiss tal-Kumitat. Madankollu, il-President għandu s-setgħa diskrezzjonali li jipproponi, filwaqt li jikkunsidra l-prijoritajiet politiċi, l-ordni tal-ħidma tal-laqgħa u l-modalitjiet tal-proċedura (pereżempju, proċedura mingħajr dibattitu bl-adozzjoni, eventwalment, ta' deċiżjoni dwar is-segwitu, kif ukoll, fejn xieraq, rakkomandazzjoni sabiex il-punt ikompli jiġi diskuss f'laqgħa sussegwenti)."

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' tagħrif

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ***I

P7_TA(2012)0148

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (COM(2012)0041 – C7-0030/2012 – 2012/0019(COD))**

(2013/C 261 E/11)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0041),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0030/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-25 ta' April 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0140/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hawn taħt imsemmija;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

## P7_TC1-COD(2012)0019

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Mejju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 765/2012.)*

---

## Restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar mill-Federazzjoni Russa ***I

P7_TA(2012)0149

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2007 dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar mill-Federazzjoni Russa (COM(2011)0715 – C7-0396/2011 – 2011/0315(COD))**

(2013/C 261 E/12)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0715),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0396/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-25 ta' April 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0085/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hawn taħt imsemmija;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

**P7_TC1-COD(2011)0315**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Mejju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2007 dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar mill-Federazzjoni Russa**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 529/2012.)*

---

## Il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***

P7_TA(2012)0150

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (10222/5/2011 – C7-0076/2012 – 2011/0070(APP))**

(2013/C 261 E/13)

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill (10222/5/2011),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0076/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 81(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0087/2012),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' regolament tal-Kunsill;

2. Ifakkar lill-Kunsill li, jekk ir-rekwiżit ta' unanimità skont l-Artikolu 352 TFUE u l-proċeduri parlamentari domestiċi pendenti fir-Renju Unit iwasslu għal xi tibdil fl-abbozz tat-test, ikun meħtieġ li l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew tintalab mill-ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

## Roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni ***I

P7_TA(2012)0197

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (tfassil mill-ġdid) (COM(2011)0402 – C7-0190/2011 – 2011/0187(COD))**

(2013/C 261 E/14)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – tfassil mill-ġdid)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0402),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0190/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' riformulazzjoni tal-atti legali ([2]),

— wara li kkunsidra l-ittra tal-25 ta' Novembru 2011 mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-impenn mogħti mir-rappreżentant tal-Kunsill permezz ta' ittra tas-28 ta' Marzu 2012 sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 87 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0149/2012),

A. billi, skont il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta li qed tkun eżaminata ma tinkludi l-ebda emenda sostantiva minbarra dawk identifikati bħala tali fil-proposta u billi, fir-rigward tal-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dawk l-emendi, il-proposta tinkludi kodifikazzjoni sempliċi tat-testi eżistenti mingħajr l-ebda bidla fis-sustanza tagħhom,

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt, filwaqt li jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 24, 28.1.2012, p. 131.
([2]) ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

**P7_TC1-COD(2011)0187**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Mejju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (Riformulazzjoni)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 531/2012.)*

---

## L-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi ***I

P7_TA(2012)0198

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (riformulazzjoni) (COM(2011)0245 – C7-0107/2011 – 2011/0105(COD))**

(2013/C 261 E/15)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – tfassil mill-ġdid)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0245),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikoli 192(1) u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0107/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta' Lulju 2011 [1],

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali [2],

— wara li kkunsidra l-ittra tal-25 ta' Novembru 2011 tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel skont l-Artikolu 87(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-29 ta' Frar 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

— wara li kkunsidra l-Artikoli 87 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0015/2012),

---

[1] ĠU C 318, 29.10.2011, p. 163.
[2] ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-atti eżistenti mingħajr tibdil sustanzjali,

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt, filwaqt li jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## P7_TC1-COD(2011)0105

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Mejju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (Tfassil mill-ġdid)**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 649/2012.)*

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

**Il-Ħamis 10 ta' Mejju 2012**

2013/C 261 E/11 Il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (COM(2012)0041 – C7-0030/2012 – 2012/0019(COD)) .......... 51

P7_TC1-COD(2012)0019

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Mejju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea .......... 52

2013/C 261 E/12 Restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar mill-Federazzjoni Russa ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2007 dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar mill-Federazzjoni Russa (COM(2011)0715 – C7-0396/2011 – 2011/0315(COD)) .......... 52

P7_TC1-COD(2011)0315

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Mejju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2007 dwar l-amministrazzjoni ta' ċerti restrizzjonijiet fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar mill-Federazzjoni Russa .......... 53

2013/C 261 E/13 Il-pubblikazzjoni elettronika ta' ĠU ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' ĠU (10222/5/2011 – C7-0076/2012 – 2011/0070(APP)) .......... 53

2013/C 261 E/14 Roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (tfassil mill-ġdid) (COM(2011)0402 – C7-0190/2011 – 2011/0187(COD)) .......... 54

P7_TC1-COD(2011)0187

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Mejju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan l-Unjoni (Riformulazzjoni) .......... 55

2013/C 261 E/15 L-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (riformulazzjoni) (COM(2011)0245 – C7-0107/2011 – 2011/0105(COD)) .......... 55

P7_TC1-COD(2011)0105

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-10 ta' Mejju 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (Tfassil mill-ġdid) .......... 56

MT

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| **I | Proċedura ta' konsultazzjoni: l-ewwel qari |
| **II | Proċedura ta' konsultazzjoni: it-tieni qari |
| *** | Proċedura ta' parir konformi |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura tiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni)

Emendi politiċi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u qawwija; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

Korrezzjonijiet u adattamenti tekniċi tas-servizzi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva rqiqa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ‖.

MT

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT